# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Mejju 2012 *LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 67 SENA* Nru. 938



Gozo C...
This booklet wa...
donated by Rev.
Fr. Tony Mercieca
GAD 109062

# Seħer l-Irdumijiet





# TERRY'S FABRICS

## The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!

We cater in fabrics for all occassions, be it Christmas, Carnival, Easter, etc.

Find a wide selection of *crafts for kids*, *scrapbooking*, *haberdashery*, *card making accessories and embellishments*, *quilting*, *bucilla*, *ganutell*, *jewellery making* and lots more!

We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.




Sole agents and distributors for
**Darice**, **Cranston**, and **DCWW** craft products.

*Visit us at:*
**Tiġrija Palazz, Level 2 Republic Street, Victoria, Gozo**

*Opening hours:*
Mon-Fri from 08:30 - 12:00 and 16:30- 19:00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: **21559329** Fax: **21561498** email: **ddts1279@gmail.com**
**www.terryfabricscoltd.com**

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 938*
*Mejju 2012*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 10
Kummentarju (2) • 14
Kummentarju (3) • 16
Kummentarju (4) • 18
Riflessi • 21
Tħejjija Sena tal-Fidi • 22
Kummentarju (5) • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kotba minn Għawdex (1) • 28
Snajja Qodma (50) • 30
Irqaqat mill-Imgħoddi (1) • 32
Mixxellanja • 35
Kotba minn Għawdex (2) • 36
Esperjenza • 37
Passiġġata Biblika (73) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (45) • 40
Għawdex 400 sena ilu (203) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (39) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (38) • 44
Irqaqat mill-Imgħoddi (2) • 46
Mix-Xena Sportiva • 49
Inħawi fir-Rabat (5) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joe Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Alvin Scicluna, Kurja tal-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *L-Irdum il-Kbir fil-limiti tan-Nadur. Ħajr lil Joe Attard.*





# *Il-Gvern... Kull Gvern*

***Skont teorija politika klassika, kull gvern – u għaldaqstant il-Gvern – ma jistax ikollu aktar minn żewġ għanijiet leġittimi: it-trażżin tal-inġustizzji fost il-persuni tal-komunità; u d-difiża komuni kontra l-invażjoni esterna.***

*Din it-teorija għadha valida għalkemm tista' tidher difettuża, għalina l-Maltin u l-Għawdxin tat-tielet millennju, fit-tieni għan li tipproponi għat-tmexxija tajba tal-pajjiż. Fiż-żmien tal-globalizzazzjoni u l-internet, bit-tajjeb u l-ħażin kollu tagħhom, l-invażjoni esterna mhix daqstant xi waħda militari bħalma kienet ilu, iżda hi waħda kulturali u filosofika. Hemm fiha tżunami ta' progressiviżmu sfrenat li nistennewh jaħbat ma' wiċċna bil-qawwa kollha fis-snin li ġejjin. Diġà tinħass madwarna l-vokazzjoni ta' x'uħud f'pożizzjonijiet influwenti ta' tmexxija ta' issa jew taż-żmien li ġej li dak li hu ġdid, ukoll jekk ħażin imma* trendy, *jingħata lagħqa verniċ biex tinħbielu l-kruha, u dak li hu tradizzjonali u ta' valur tajjeb għax matul iż-żmien ta prova ta' effikaċja u serjetà permanenti, iċappsuh bi kliem peġġjorattiv ta' "antikwat" u "fundamentalista".*

***Bħallikieku li "tnejn u tnejn jagħmlu erbgħa" għandna nwarrbuha la darba ilna ngħoddu biha minn żmien żemżem. Jew il-prinċipju ta' Arkimede, sabiex inkunu moderni, nibdew ngħidu li m'għadux jgħodd. Jew l-imħabba dejjiema għandna nimmaltrattawha la darba fi żmienna kollox għandu data ta' skadenza. Dan hu l-mod ta' raġunar tal-kurrent progressivista li jwassal, per eżempju, bħalma ġara dan l-aħħar fi skola fl-Istati Uniti fejn it-tfal ġew obbligati jibdlu l-kliem tal-innu minn*** **"God Save America"** ***għal*** **"I love America".** ***Jekk min ikollu f'idejh it-tmexxija tas-soċjetà, quddiem il-mewġa tal-globalizzazzjoni, iwarrab il-prinċipji morali, ipprovati maż-żmien u t-tradizzjoni, ikun qisu rikkibna fuq il-*****Costa Concordia** ***– il-*****cruiseliner** ***li biex ikun avan-garde u jagħti pjaċir lill-passiġġieri ma qagħadx għar-rotta li ndrat u li dejjem tat sigurtà... imbagħad inkalja fuq is-sikek. Il-cruiseliner tagħna jkun jismu "Progressiviżmu".***

*Dwar it-trażżin tal-inġustizzji kontra persuni fil-komunità, it-teorija tal-bidu tista' tkun interpretata li kull gvern għandu jkollu bħala għan li jtejjeb il-kundizzjoni tal-ħajja taċ-ċittadini.*

***Fil-kuntest ta' pajjiżna, nistgħu ngħidu li mill-Indipendenza 'l hawn, il-gvernijiet tagħna dejjem irnexxielhom jagħmlu dan – għalkemm mhux dejjem bil-għaqal – billi daħħlu ruxxmata servizzi u benefiċċji soċjali. Iżda ma jistax jingħad l-istess għall-qasam tal-Ġustizzja. Nisimgħu u naqraw fil-midja b'min safa mirdum taħt it-terrapien ta' daru minħabba xogħol ta' kostruzzjoni f'dar ma' ġenbu, u l-Qorti ddum tnax-il sena biex tagħti s-sentenza; b'min ġie kkalunjat u wara tmien snin s-sentenza tal-qorti tagħtih raġun meta diġà jkun ilu sentejn fil-qabar; b'min nefaq eluf ta' ewro biex jiġi darba tnejn tlieta mill-Awstralja biex jidher f'kawża li għall-ewwel, it-tieni u t-tielet darba tkun deferita... Din hi sistema tal-Ġustizzja li sfat inġustizzja fiha nfisha. Din hi sistema li bid-dewmien eżaġerat isserraħ lill-arroganti u lil min jisfrutta lil għajru u tikkastga lil min diġà jkun vittma!***

*Tingħad parabbola: "Wieħed raġel tilef kawża li ppretenda li kellu jirbaħ. Huwa u ħiereġ mill-Qorti mal-avukat tiegħu, tant kellu fixla, li waqa' u tgerbeb it-taraġ. Sab ruħu mkaħħal mal-pedistall ta' statwa li kienet tiddomina l-misraħ quddiem il-bieb tal-Qorti. Ta ħarsa 'l fuq lejn l-istatwa u b'leħen kollu gratitudni qalilha: "Jien ma nafx x'qaddisa int; imma mnalla kont int għax kieku spiċċajt f'nofs il-misraħ". "Dik mhix qaddisa," wieġbu l-avukat tiegħu, "dik il-Ġustizzja!" "Ara jien kemm jien iblah," irrifletta r-raġel, "Mort infittex il-Ġustizzja fil-Qorti, u kienet hawn barra!"*

***Madankollu, tkun diżgrazzja kbira kieku kellna nibdew infittxu l-ġustizzja barra mill-Qrati! Iżda kif se tingħata ruħ ġdida u ħarqiena, il-Ġustizzja Maltija? Il-Gvern, ikun min ikun wara l-elezzjoni li ġejja, għandu jagħti prijorità biex jirriforma s-sistema tal-Ġustizzja (*****sic*****).***

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



miġbura minn Gabriel Gauci, ritratti ta' Charles Spiteri

### *Jum il-Papa*

Nhar il-Ħadd 15 ta' April fid-Djoċesi ta' Għawdex ġie ċċelebrat Jum il-Papa. Għal din l-okkażjoni l-Isqof ta' Għawdex l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech stieden lin-Nunzju Appostoliku għal Malta, l-Eċċ. Tiegħu, Mons. Arċisqof Tommaso Caputo biex imexxi Konċelebrazzjoni Solenni fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu.

Fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, l-Isqof ta' Għawdex fakkar lill-ġemgħa miġbura fis-santwarju li l-għada t-Tnejn 16 ta' April, il-Papa Benedittu kellu jagħlaq 85 sena, waqt li l-Ħamis 19 ta' April kien sa jaħbat is-seba' anniversarju minn meta huwa ġie magħżul biex ikun is-suċċessur ta' Pietru. Anniversarju ieħor f'rabta mal-Papa Benedittu u s-Santwarju Ta' Pinu jaħbat l-Erbgħa 18 ta' April, meta titfakkar it-tieni sena minn meta l-Papa Benedittu offra l-Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu fi tmiem iż-żjara tiegħu f'Malta. L-Isqof Grech fakkar li huwa dmir tal-Insara li jitolbu għall-Papa, biex huwa jkompli jkun dak li jwassal id-dawl ta' Kristu fil-qalb ta' kull bniedem.

Fl-omelija tiegħu, in-Nunzju, Mons. Tommaso Caputo fakkar li din iċ-ċelebrazzjoni turi x-xewqa tagħna li niġġeddu fil-fidi u li tkompli tikber fina r-rabta spiritwali mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. Bit-tagħlim tiegħu, il-Papa jkompli jmexxi l-merħla fdata f'idejh minn Kristu, għaliex il-Kelma ta' Kristu hija dawl li jdawwal lil kull bniedem. Mons. Caputo kompla jgħid li llum qed ngħixu f'era mimlija relattiviżmu u opinjonijiet, u għaddejjin minn żmien fejn qed jonqsu l-prinċipji duttrinali u etiċi. Għalhekk tispikka ferm aktar l-importanza tal-preżenza tal-Papa, li bħal Pietru għandu l-missjoni li jgħallem, biex hekk ilkoll nikbru u nissaħħu fil-fidi. Tant hu minnu dan, li l-Papa ħass il-bżonn li minn Ottubru li ġej fil-Knisja tiġi ċċelebrata s-Sena tal-Fidi, sena li tulha ssir evanġelizzazzjoni ġdida u tgħinna biex nikbru fil-fidi tagħna.



*Waqt il-Konċelebrazzjoni Solenni fl-okkażjoni ta' Jum il-Papa.*

Huwa temm l-omelija tiegħu b'dan il-kliem: "Inġedded l-istedina tiegħi biex kull wieħed minnkom iżomm fit-talb tiegħu lill-Papa Benedittu XVI. Għalhekk ejjew induru lejn il-Verġni Mqaddsa Marija Ta' Pinu, li b'tant għożża aħna nqimu f'dan is-santwarju tagħha, f'dan il-post ta' pellegrinaġġi; ejjew nitolbuha biex tbierek u tħares b'ħarsa materna lill-Qdusija Tiegħu l-Papa, biex hekk kull wieħed minna jikber fl-imħabba tiegħu lejn Ġesù Kristu u lejn il-Knisja mibnija fuq Pietru u fuq is-suċċessuri tiegħu".

Għadd sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi ħadu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni. Ħa sehem il-Kor Stella Maris taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmel P. Grech.



*L-Organista Joseph Camilleri*

### *Jintuża l-Orgni*

Fl-okkażjoni tal-ewwel edizzjoni tal-*Gozo Organ Festival*, organizzat mill-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex, b'kollaborazzjoni mad-Djoċesi t'Għawdex, f'diversi knejjes intuża l-orgni waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies. Fil-quddiesa tal-11.00 ta' filgħodu fil-knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra, il-quddiesa ċċelebrata mill-Arċipriet Carmelo Refalo, l-organista kien Joseph Camilleri, bil-parteċipazzjoni tal-Kor *Schola Cantorum Jubilate*.



*Il-Kor Schola Cantorum Jubilate*

**Il-Kulleġġ tal-Kappillani t'Għawdex, imlaqqa' taħt il-presidenza tal-Isqof Mario Grech fit-2 ta' Mejju 2012:**

1. jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati pożittivi li ħarġu fir-rapport prelimari dwar il-possibilità ta' permanent link bejn Għawdex u Malta, u jfakkar li hu diġà esprima ruħu favur studju li jista' jwassal biex jintlaħaq dan il-għan;
2. jinnota li jeżisti qbil bejn il-partiti politiċi u gruppi kostitwiti favur li dan l-istudju jgħaddi għal fażi oħra;
3. jemmen li dan il-proġett ikompli jsaħħaħ u jgħin fl-iżvilupp kulturali, soċjali, ekonomiku u reliġjuż tal-gżira ta' Għawdex.



*Waqt il-laqgħa ġenerali tal-Fondazzjoni Arka. Mix-xellug għal-lemin jidhru Michael Portelli, Mons. Emanuel Curmi u Dun Michael Galea.*

### *Spiża li ser tlaħħaq mal-Mitejn Elf Ewro*

Saret il-laqgħa Ġenerali Annwali tal-Fondazzjoni Arka. Is-segretarju Michael Portelli qara r-rapport amministrattiv u semma xi proġetti li saru s-sena l-oħra fosthom il-bdil tal-ġeneratur manwali li kellu aktar minn 40 sena ma' wieħed awtomatiku li parti sostanzjali minnu tħallset mill-iskema ta' Eko Għawdex, kif ukoll sar xogħol u nbidel xi apparat fil-*Gynasium* li kien sponsorjat kollu mill-Fundazzjoni Vodafone. Wara s-segretarju qara u spjega r-rapport finanzjarju tal-Fondazzjoni. Iż-żewġ rapporti ġew approvati minn dawk preżenti.

Fid-diskors tiegħu d-Direttur tal-Fondazzjoni, Mons Manwel Curmi, fisser kif issa li għaddew ħdax-il sena minn meta fetħet il-bibien tagħha l-Fondazzjoni, inħasset il-ħtieġa li jiġi rranġat l-ewwel sular fejn jinżammu l-klijenti tar-*Respite Centre*, fejn, fl-istess waqt ser isiru proġetti oħra biex jigi ffrankat il-konsum tad-dawl, ilma u gass. Għal dan il-għan sejjer jinbidel l-apparat tal-arja kundizzjonata, li issa qdiem u jaħli ħafna. Sejra ssir sistema li tippurifika l-ilma li jista' jintuża għall-ħasil u *flushings*, kif ukoll sejrin jiġu installati *solar water heaters* biex jiġi ffrankat il-gass sabiex tkun tista' tissaħħan l-*Indoor Pool*. Din l-ispiża hija stmata li tlaħħaq mal-mitejn elf ewro. Parti sostanzjali minn din is-somma sejra titħallas minn entitajiet jew individwi li diġà wegħdu l-għajnuna tagħhom. Preżenti kien hemm ukoll l-Assistent Direttur tal-Fondazzjoni Dun Michael Galea.

### *"Resurrexit"*

Is-Soċjetà Filarmonika Victory, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, tellgħet programm ta' mużika sagra, bl-isem ta' *Resurrexit*, taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, fil-Bażilika ta' Marija Bambina tax-Xagħra. Matul din is-serata ndaqqu erba' marċi funebri b'tifkira ta' erba' bandisti li mietu tul dawn l-aħħar ħames snin, b'kompożizzjoni tas-Surmast Direttur Mro. Joe Galea. Indaqq ukoll marċ funebri ieħor, kompożizzjoni ta' Emmanuel Bugeja, li kien inkiteb b'tifkira ta' George Cini, ko-fundatur tas-Soċjetà fuq imsemmija. Dan il-marċ indaqq peress li din is-sena hija għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt ta' George Cini. Indaqqu siltiet mużikali oħra ta' Rossini u Stradella, li fihom ħadu sehem is-sopran Rita Dimech, flimkien mal-Kor *Nativitas* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ivan Attard. Inqraw ukoll diversi poeżiji.



*Il-Banda Victory waqt il-Programm ta' Mużika Sagra, fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra*

F'għeluq il-programm, il-President tas-Soċjetà, Eucharist Sultana, ippreżenta ritratt f'inkwatru lil Michael Cini, ritratt xbiha ta' Marija Bambina li tinsab fil-każin tal-Banda Victory. Ta' min jgħid li din l-istatwa ta' Marija Bambina ġiet irregalata lill-każin f'Settembru tas-sena l-oħra minn Michael Cini stess, li għal seba' snin kien il-President ta' din l-għaqda bandistika, u li llum huwa President Onorarju tal-Banda Victory.



*Il-President tas-Soċjetà Filarmonika Victory, Eucharist Sultana (xellug) jidher jippreżenta l-inkwatru tal-istatwa ta' Marija Bambina lill-President Onorarju, Michael Cini, fil-preżenza ta' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884



*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Il-Ħaddiem u l-Familja"

*L-Ewwel parti mill-Messaġġ tal-Isqof Mario Grech għal Jum il-Ħaddiema – 1 ta' Mejju 2012*

Filwaqt li llum is-soċjetà ċivili tiċċelebra Jum il-Ħaddiem, il-Knisja tistedinna nitfgħu ħarsitna fuq San Ġużepp Ħaddiem bit-tama li dan jagħtina ftit aktar dawl dwar id-dinjità tax-xogħol. Huwa fatt li l-Mulej Ġesù kien identifikat bħala "iben Ġużeppi l-mastrudaxxa". Dan jixhed li kien hemm rabta bejn Ġesù u x-xogħol ta' missieru! Min-naħa l-oħra, dan jikkonferma wkoll li fil-ħanut tal-mastrudaxxa Ġużeppi ma kienx "waħdu" – bħala raġel tal-familja hu kellu f'moħħu u f'qalbu lil martu Marija u lil ibnu Ġesù!



***Ix-xogħol għall-qadi tal-familja***

Dan il-ħsieb jispirani biex nirriflettu dwar il-ħaddiem fid-dimensjoni tal-familja. Għax kif jikteb il-Papa Ġwanni Pawlu II, **"il-familja hija wieħed mill-fatti l-aktar importanti li rridu nqisu dejjem meta niġu biex infasslu l-ordni etiku-soċjali tax-xogħol tal-bniedem"** (*Laborem Exercens*, 10). Għaldaqstant huwa importanti li min għandu s-setgħa u r-responsabbiltà jfassal u jorganizza d-dinja tax-xogħol, ma jittraskurax il-familja – "għax il-familja hija komunità li tista' sseħħ permezz tax-xogħol" (ibid.). Min-naħa l-oħra, xieraq ukoll li meta l-ħaddiem jitkellem dwar dan il-qasam, huwa jħares lejn ix-xogħol mil-lenti tal-familja. Tkun verament ħasra jekk, frott tal-mentalità individwalista, jew inkella frott ta' tellieqa bla ražan għal aktar effiċjenza fl-intrapriżi pubbliċi u privati tagħna, ma tingħatax importanza biżżejjed lill-familja.

**Tajjeb insostnu sforzi li joħolqu spazju biex membri ta' familji li għadhom qegħdin irabbu l-ulied jiddeċiedu huma minn rajhom fuq iż-żmien li fih u l-forma li biha huma jħossu li huma ppreparati jipparteċipaw formalment fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiż. Għaldaqstant ma tkunx il-familja li jkollha ġġorr, waħedha, il-piż li l-adattament għall-istrutturi ekonomiċi joħloq.** Nara wkoll rwol tal-istituzzjonijiet li jiġbru taħt saqaf lill-imsieħba soċjali u lill-Gvern, biex dan il-bilanċ tant delikat bejn it-tisħiħ mixtieq tal-familji tagħna u bejn l-ambizzjoni li jittejjeb il-livell tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna jintlaħaq aħjar. Jeħtieġ nirnexxu f'din ix-xewqa tagħna għax altrimenti nkunu pass eqreb lejn sitwazzjoni fejn il-familja tkun għax-xogħol minflok ma jkun ix-xogħol għall-qadi tal-familja!

## Ftuħ u tberik ta' Ċentru ta' tagħlim fil-parroċċa tan-Nadur

*Nhar is-Sibt 28 ta' April 2012, l-Isqof Mario Grech qaddes fil-knisja parrokkjali tan-Nadur fl-okkażjoni tat-324 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Dan sar fl-istess jum li fih id-Djoċesi ta' Għawdex, fuq inizjattiva tal-Azzjoni Kattolika, għall-ewwel darba ċċelebrat it-tifkira liturġika ta' Santa Gianna Beretta Molla. Fi tmiem il-quddiesa fin-Nadur, l-Isqof Grech inawgura u bierek "Ċentru ġdid ta' tagħlim". Fl-omelija l-Isqof wassal dan il-messaġġ:*

Napprezza li għandna ħafna ġenituri li bħal Santa Gianna Beretta Molla jagħtu ħajjithom għal uliedhom! Bħal din il-qaddisa li mietet 50 sena ilu, għandna ġenituri li jagħżlu li jmutu fis-sens wiesa' tal-kelma biex jgħajxu lil uliedhom! Dawk il-ġenituri li, misjuqin mill-imħabba lejn Alla u lejn uliedhom, jissagrifikaw lilhom infushom biex irabbu lil uliedhom, huma tassew teżor kbir tal-Knisja u tas-soċjetà.

**Hija sfortuna li dawk il-ħafna ommijiet u missirijiet, li qed jiddedikaw il-ħin, l-enerġija, il-gosti tagħhom biex jaraw lil uliedhom jikbru u jissawru bħala rġiel u nisa, ma jagħmlux aħbar! Inħeġġeġ lil dawn il-ġenituri biex jibqgħu jistgħanew fil-virtujiet u ma jaqtgħux qalbhom meta jiġu biex jgħadduhom lil uliedhom bil-kelma u bl-eżempju.**

Importanti li l-bniedem tal-lum jibqa' jsib l-għejun minn fejn jista' jixrob tagħlim safi! Għalhekk huwa ta' ġieħ kbir għall-komunità parrokkjali tan-Nadur li qed tinawgura din "id-dar tat-tagħlim Nisrani", iddedikata lil San Pietru u San Pawl. F'dan il-proġett, li ser ikun jilqa' fih l-assoċjazzjonijiet reliġjużi, il-parroċċa qiegħda tagħmel investiment li jirrendi qligħ kbir, għax min jilqa' l-Bxara t-Tajba ta' Kristu jirċievi għajnuna li tgħinu jkun Nisrani tajjeb u għalhekk ċittadin tal-affari tiegħu, li jaf jagħti kontribut mhux indifferenti lis-soċjetà.

Huwa sinifikattiv li s-sala ċentrali ta' din id-dar, li fiha jsiru l-laqgħat ta' formazzjoni tal-għarajjes u tal-koppji miżżewġa, qed tissemma' għal Santa Gianna Beretta Molla, omm u tabiba li trawmet fl-Azzjoni Kattolika f'Bergamo, l-Italja.

Irrodd ħajr lill-benefatturi kollha li għenu biex tlesta dan il-monument ħaj.

*Kummentarju (1)*

# *"Familja soda, soċjetà b'saħħitha"*
## *Konferenza Djoċesana Familja 2012*



*Prof. Don Carlo Bresciani huwa psikologu, psikoterapista, moralista u konsultur tas-Santa Sede. Hu għandu esperjenza kbira ta' ħidma mal-familji u favur il-Familja*

*IT-TIELET PARTI TAD-DISKORS EWLIENI ta'* **DON CARLO BRESCIANI**

***Familja u s-soċjalizzazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri***

Il-familja hija l-ewwel post fejn il-membri ta' ġenerazzjonijiet differenti jiltaqgħu b'mod naturali, u għalhekk tilgħab il-parti ta' pont bejn l-individwi, is-soċjetà u l-Knisja; il-familja sservi bħala l-ewwel istituzzjoni li fiha l-persuni jissoċjalizzaw flimkien.

L-eżortazzjoni appostolika *Familiaris Consortio* titkellem mill-familja bħala "*skola l-aktar sħiħa u sinjura ta' umanità*" (n. 20). L-artiklu 16, paragrafu 3 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (10 ta' Diċembru 1984) tafferma li "*il-familja hija n-nukleu naturali u fundamentali tas-soċjetà u għandha d-dritt li tkun imħarsa mis-soċjetà u mill-istat.*" Minħabba f'hekk nistgħu nsostnu li, jekk il-familja għandha din l-importanza kbira għas-soċjetà u għall-istat, dan minħabba li hija daqshekk importanti għall-bniedem in ġenerali. **It-trobbija tat-tfal, il-kura tal-marid, l-assistenza lill-anzjan, per eżempju,**



**imkien ma jistgħu isiru aħjar milli fi ħdan il-familja – hemm isiru b'ħafna mħabba u mingħajr interessi. Meta twettaq dan, il-familja tkun qed tagħti sehem importanti għall-ġid tas-soċjetà, u ħadd ma jista' joħdilha postha. Il-familja mhux biss tissodisfa bl-aħjar mod il-bżonnijiet relazzjonali ta' kull bniedem, imma tiffranka ħafna enerġija lis-soċjetà u lill-istat.**

Il-familja hija rigal u rikkezza fis-soċjetà, minħabba li tgħin liċ-ċittadini ta' għada fit-trobbija, fl-edukazzjoni u fis-soċjalizzazzjoni tagħhom – jiġifieri fil-kapaċità tagħhom li jidħlu f'relazzjoni ma' persuni oħra. Il-familja sservi ta' pont bejn l-individwu, il-ħajja soċjali u l-ħajja tal-Knisja, minħabba li hija stess hija esperjenza ta' ħajja soċjali u ta' ħajja ekkleżjali. **Soċjetà jew Knisja li ma jagħrfux dan ir-rwol importanti li għandha l-familja huma ddestinati għall-falliment. Kull familja takkumpanja trabi, tfal, adolexxenti u żgħażagħ u tgħinhom jidħlu fil-ħajja soċjali, u hekk il-familja tkun qed tikkontribwixxi fl-istabbiltà tar-relazzjonijiet soċjali.**

Qabel xejn, il-familja teduka għar-relazzjonijiet soċjali permezz tar-rabta soċjali oriġinali fir-relazzjoni tal-iben ma' missieru u ommu, kif ukoll permezz tar-relazzjoni mal-aħwa u mal-qraba l-oħra (in-nanniet, iz-zijiet, kuġini u l-bqija...). Fil-familja t-tifel jiltaqa' mad-dinja kollha fiċ-ċokon, b'mod li jkun kapaċi jifhimha u skont il-kapaċità tiegħu li jidħol f'relazzjoni. Il-preżenza ta' diversi ġenerazzjonijiet fil-familja (aħwa, ġenituri, nanniet), id-differenza bejn is-sessi fil-familja, l-opinjonijiet differenti fil-familja, il-ħtieġa ta' regoli biex il-membri kollha tal-familja jkunu jistgħu jgħixu flimkien fid-dar, dan kollu huwa l-aħjar *training* li t-tifel jista' jagħmel biex akar 'il quddiem jinserixxi ruħu tajjeb fis-soċjetà. **Fil-familja jiġu ffurmati l-pedamenti tal-virtujiet soċjali li mbagħad it-tifel irid jiżviluppa u jħaddem aktar ma jikbru r-relazzjonijiet u s-sehem tiegħu fis-soċjetà.**

Fi ħdan il-familja għandna l-ewwel relazzjonijiet ta' mħabba fi ħdan esperjenza tas-solidarjetà naturali ta' bejn il-membri; fil-familja, din l-imħabba mhix biss sejħa morali, imma hi mgħixa fil-prattika tal-ħajja ta' kuljum. Fil-familja kull wieħed jgħix u jieħu sehem fil-ġrajjiet tal-oħrajn: jekk xi ħadd jimrad kulħadd iħossu milqut, jekk il-missier jitlef ix-xogħol se tonqos xi ħaġa lil kulħadd, jekk xi ħadd ma jaqdix dmiru kollu se jħossu

n-nuqqas, eċċ. Huma esperjenzi żgħar tal-ħajja ta' kuljum, imma li għandhom importanza kbira fil-formazzjoni ta' relazzjonijiet soċjali tajba. Ix-*sharing* ta' dak li jkun kemm fid-dar, *sharing* tal-flus, tal-ispazji, tal-ħin, li huma neċessarji f'kull familja, jgħin lit-tifel jitbiegħed mill-egoċentriżmu tiegħu u jgħallmu bil-mod il-mod jagħraf u jifhem il-ħtiġijiet tal-persuna l-oħra.

**Jekk ir-relazzjonijiet fil-familja huma sodi, il-membri kollha jkollhom sehem fil-ġrajjiet ta' xulxin: fil-familja soda ma jkunx hemm lok għall-individwaliżmu. Fil-familja soda wieħed jgħix is-solidarjetà b'mod naturali, solidarjetà mhux biss mal-aħwa, imma wkoll mal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna u ta' warajna, dik is-solidarjetà tant neċessarja biex fis-soċjetà jitnaqqsu l-konflitti. Permezz ta' din is-solidarjetà wieħed jista' jagħmel esperjenza ta' dak li verament jgħaqqad kull soċjetà, jiġifieri il-ġid komuni; li jkun il-frott tal-ħidma ta' kulħadd u li jista' jitgawda minn kulħadd. L-ewwel ġid komuni kemm għall-familja u kemm għas-soċjetà huma r-relazzjonijiet, mingħajrhom ma jkunux possibbli u jkunu mingħajr sens l-aspetti l-oħra tal-ġid komuni. Ir-relazzjonijiet tajba fil-familja huma neċessarji biex it-tfal ikunu jistgħu jikbru u jimmaturaw, u fl-istess waqt aktar 'il quddiem ikunu kapaċi jagħtu s-sehem pożittiv tagħhom fil-bini tas-soċjetà.**

Jeħtieġ li ngħinu lill-uliedna jagħrfu jgħixu din is-solidarjetà, hekk li mhux biss igawdu mill-ġid (mhux biss ekonomiku) tal-familja, imma jitgħallmu jagħtu sehemhom biex jinkiseb dan il-ġid, kull wieħed skont l-età u l-possibbiltajiet tiegħu.



Is-soċjalizzazzjoni fil-familja ma tfissirx biss, ngħallmu lill-uliedna kif għandhom iġibu ruħhom sew fis-soċjetà, jew kif ma jċappsux isimhom fir-relazzjonijiet mal-oħrajn jew li ngħallmuhom ideat, imma fuq kollox tfisser ngħallmu lill-uliedna stili ta' relazzjonijiet bħalma hi l-kondiviżjoni, is-solidarjetà u l-gratuwità: dawn huma l-ewwel esperjenzi fil-ħajja tal-familja ta' kull wieħed minna. Il-kondiviżjoni, is-solidarjetà u l-gratuwità huma wkoll virtujiet neċessarji fil-ħajja soċjali tagħna.

Ir-rwol importanti li għandha l-familja fis-soċjalizzazzjoni, fil-bini ta' soċjetà f'saħħitha, huwa muri b'mod ċar fl-istudji dwar il-problemi taż-żgħażagħ. "*Billi l-familja hija l-post tal-ewwel soċjalizzazzjoni, il-post tat-trobbija u tal-formazzjoni tal-personalità, hija importanti ħafna fl-istudju tal-iżvilupp tal-problemi taż-żgħażagħ. Il-kitba dwar il-problemi taż-żgħażagħ hija mimlija b'riferimenti għall-influwenza kbira li jħallu r-relazzjonijiet familjari fuq il-ħajja taż-żgħażagħ, speċjalment meta l-imġieba tagħhom tkun tassew kriminali. Fil-fatt ir-rabta bejn familja dgħajfa jew mkissra u żagħżugħ bi problemi, tidher (din ir-rabta) fuq il-livelli kollha ta' mġieba problematika.*"[1] Id-dgħufija fl-imħabba tal-familji li jkollhom il-konflitti – separati jew divorzjati – tħalli effett fuq l-iżvilupp tal-personalità tat-tifel: tħalli effett fuq kif l-ulied jitgħallmu l-valuri tas-solidarjetà, kondiviżjoni u gratuwità, minħabba n-nuqqas ta' ċertezza psikoloġika fir-relazzjonijiet, ċertezza li hija l-bażi fundamentali fil-mixja tal-iżvilupp lejn il-maturità.

Ir-rwol tal-familja ma jista' jeħodulha ħadd, anke jekk irridu nagħrfu li mhix waħedha bħala għajn ta' relazzjonijiet affettivi u ta' formazzjoni tal-personalità tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ. Attwalment qed jieħdu aktar importanza l-aġenziji edukattivi l-oħra, bħalma hija l-iskola, il-parroċċa, il-grupp taż-żgħażagħ, il-ħbieb, il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali tant użati miż-żgħażagħ (internet, facebook, eċċ). Importanti ħafna li dawn l-aġenziji edukattivi kollha jkunu koerenti, jingħaqdu flimkien u jgħaddu l-istess valuri lit-tfal li jiġu f'kuntatt magħhom.

**Biex il-familja tgħin lill-ulied jadattaw ruħhom fis-soċjetà, jeħtieġ tagħti każ tal-kwalità tad-djalogu affettiv, u tad-djalogu kulturali u reliġjuż li jsir fil-familja. Id-diskors dwar kif sejrin fl-iskola, jew dwar l-imġieba tat-tifel barra mill-familja, diskors li jsir anke fil-familji dgħajfa, għalkemm huwa diskors importanti, ma jsemmix l-aspetti kollha tal-ħajja tat-tifel. U aktar ma t-tifel iħossu waħdu minħabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni u djalogu dwar id-diversi aspetti tal-ħajja tiegħu soċjali, politika u reliġjuża, aktar se jfittex riferimenti 'l barra mill-familja. Il-ħajja soċjali, il-ħajja politika u l-ħajja reliġjuża huma kumplessi, u għalhekk jeħtieġ li l-familja tgħin lit-tifel jifhimhom huwa u jikber: Id-djalogu fil-familja jista' jġib konflitti u nuqqas ta'**

[1] C. COLLICELLI, *Famiglia e devianza giovanile, in Quarto rapporto CISF sulla famiglia in Italia*, a cura di P.P. Donati, S. Paolo, Cinisello Balsamo (Mi) 1995, p. 338.





**qbil fl-ideat, speċjalment fl-adolexxenza, żmien li fih tistenna li jkun hekk, imma b'dan il-mod, permezz tad-diskussjoni fid-dinja żgħira tal-familja, it-tifel jiġi akkompanjat huwa u dieħel bil-mod il-mod fid-dinja ta' opinjonijiet u interpretazzjonijiet differenti kemm soċjali u kemm politiċi, preżenti fis-soċjetà ċivili li fiha huwa msejjaħ li jieħu sehem attiv fil-futur.**

F'dan il-kuntest, nixtieq ngħid xi ħaġa oħra, fil-qosor, dwar ir-rwol tal-familja fil-formazzjoni reliġjuża tal-ulied, mhux biss f'dak li għandha tgħallem dwar Alla lil ulied huma u jikbru (xi ħaġa li għandha ssir fil-familja nisranija[2]), imma l-mod kif il-familja titrażmetti l-fidi lill-ulied permezz ta' mġiba reliġjuża, permezz tal-postijiet – ċentri tad-duttrina fejn l-ulied jiġu mibgħuta, il-ħafna messaġġi bil-kliem jew mingħajr kliem li l-ġenituri jgħaddu lill-ulied fil-ħajja li jaqsmu flimkien, il-mod kif jippruvaw jifhmu dak li jiġri madwarhom, il-mod kif jiġġudikaw jew kif jieħdu deċiżjonijiet. F'dan il-kuntest tista' tiftiehem aħjar l-espressjoni sabiħa li juża l-Maġisteru dwar il-familja: *"familja, Knisja domestika (fid-dar)"*. Il-familja, tkun Knisja fid-dar, mhux biss għax titlob jew għax tisma l-Kelma ta' Alla, imma aktar minn hekk meta tgħix flimkien u konkretament fidi li tħaddan kull aspett tal-ħajja, familja li tgħix l-imħabba b'xejn lejn il-persuni (esperjenza fundamentali biex wieħed jifhem l-imħabba b'xejn ta' Alla għal kull bniedem).

**Is-sehem tal-familja fil-ħajja tal-Knisja, ukoll, hija esperjenza partikolari tal-ħajja soċjali: il-famija tgħin biex aħna lkoll nagħrfu lil xulxin bħal aħwa, ulied tal-istess Missier, b'dinjità li tmur lil hemm minn dak li nagħmlu, mir-razza, minn nazzjonalità; aħwa li nilqgħu lil xulxin fil-gratuwità ta' mħabba diżinteressata. Hija esperjenza importanti għal kulħadd u li tgħinna nifhmu aħjar xi jfisser tkun tagħmel parti minn soċjetà civili jew politika. Illum aktar minn qabel, soċjetà f'saħħitha għandha bżonn dan in-nifs universali li tagħti r-reliġjon.[3]**

Il-familji kollha, mhux biss dawk insara, jistgħu jagħtu ħafna lis-soċjetà u lill-Knisja fid-diversi ambiti edukattivi, kulturali, ekonomiċi u soċjali li fihom jgħixu. Il-familja ssir enerġija li tagħti l-ħajja lid-dinja permezz tal-edukazzjoni u l-formazzjoni li trid issir f'rabta mal-Knisja u mas-soċjetà.

**Il-familja hija r-ruħ tad-dinja għaliex tagħti l-ħajja lil relazzjonijiet umani sodi: huwa billi tgħix relazzjonijiet tajbin li l-familja ssir ir-ruħ tad-dinja u tal-Knisja.** *(jissokta)*

---

2 «La nuova evangelizzazione dipende in gran parte dalla Chiesa domestica (cfr *Familiaris Consortio*, 65). Nel nostro tempo, come già in epoche passate, l'eclissi di Dio, la diffusione di ideologie contrarie alla famiglia e il degrado dell'etica sessuale appaiono collegati tra loro. E come sono in relazione l'eclissi di Dio e la crisi della famiglia, così la nuova evangelizzazione è inseparabile dalla famiglia cristiana. La famiglia è infatti la *via* della Chiesa perché è "spazio umano" dell'incontro con Cristo» (BENEDETTO XVI, Discorso ala Plenaria del Pontificio Consiglio per la Famiglia, 1-12-2011).

3 Ovvio che qui mi limito al riflesso sociale dell'esperienza religiosa e che l'esperienza religiosa non può essere ridotta a questo aspetto 'funzionalistico'.


**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**




# X'għadda minn għalina



***Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri***

## *Nifirħu mal-Arċisqof Emeritus ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca*





Fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus għal Malta, saret Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla, nhar is-Sibt 21 t'April, filgħaxija fil-Knisja Katidrali. Flimkien miegħu ħadu sehem l-Isqof t'Għawdex, Mons. Mario Grech; ħu l-Arċisqof, Dun Ġwann, kif ukoll il-Kapitlu tal-Katidral u saċerdoti oħra Djoċesani flimkien ma' diversi Patrijiet. Barra l-Komunità Parrokkjali kien hemm ukoll familjari u ħbieb.



Lejn tmiem il-Konċelebrazzjoni Mons. Arċisqof Mercieca ġie pprezentat bi kwadru, pittura ta' Santa Marija waqt illi min-naħa tiegħu pprezenta lill-Knisja Katidrali kalċi antik tal-fidda. Mons. Mercieca għal diversi snin kien membru tal-Kapitlu Katidrali, fejn dam sakemm inħatar Isqof Awżiljarju għal Malta.

Wara Mons. Arċisqof flimkien mal-Isqof Grech marru u inċensaw, bierku u talbu fuq l-oqbra tal-Isqof Ġużeppi Pace u dak ta' Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi. Anima l-kant il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis.*

Wara sar riċeviment żgħir tal-okkażjoni fl-Awla Kapitulari mogħti mill-Kapitlu Katidrali.





## Il-MS Prinsendam mill-ġdid f'Għawdex



Nhar il-Ħadd l-Ewwel ta' April, l-*MS Prinsendam*, li tagħmel parti mill-flotta ta' *Holland America* żaret lil Għawdex u ankrat bejn Għawdex u Kemmuna. Din hija t-tieni darba li dan il-vapur żar lil Għawdex (bl-ewwel darba tkun fil-5 ta' Novembru 2009). Iddisinjata biex tesplora l-iktar irkejjen remoti tad-dinja b'eleganza u stil, l-*MS Prinsendam*, hija meqjusa bħala vapur importanti f'dan is-settur partikolari. Abbord il-vapur kien hemm 570 passiġġier, il-maġġor parti tagħhom Amerikani. Numru kbir ta' dawn il-passiġġieri niżlu l-Imġarr għal numru ta' eskursjonijiet li kienu organizzati apposta għalihom, filwaqt li oħrajn għażlu li jsegwu l-itinerarju tagħhom personali.

## L-Ambaxxatur il-ġdid ta' Franza għal Malta jagħmel l-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex



L-Ambaxxatur ġdid Franċiż għal Malta Monsieur Michel Vandepoorter, fl-ewwel mawra tiegħu fil-gżira ta' Għawdex, nhar it-Tlieta 24 t'April, għamel żjara ta' korteżija lis-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Samuel Azzopardi. Huma ddiskutew ir-relazzjonijiet b'saħħithom bejn Malta u Franza permezz tal-Kunsilli Lokali u flew u raw kull possibbiltà li teżisti għall-ġemellaġġ bejn il-Belt Victoria u xi belt Franċiża.

*L-Ambaxxatur Franċiż Monsieur Michel Vandepoorter (lemin) flimkien mas-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi*

## Il-Kamp tal-Għid tal-iScouts fid-Dwejra



*Il-Victoria Scout Group f'ritratt tal-okkażjoni, waqt il-Kamp tal-Għid.*

Il-*Victoria Scout Group* organizza l-kamp annwali tal-Għid bejn is-Sibt 7 u t-Tlieta 10 ta' April. Madwar 90 membru mit-tliet sezzjonijiet tal-*Group* qattgħu erbat ijiem taħt it-tined id-Dwejra. Il-*Cub Scouts*, *Scouts* u *Venture Scouts* kellhom programmi differenti. Dawn kienu jinkludu mixjiet fil-madwar u osservazzjoni tal-flora u l-fawna tal-post; tisjir fuq nirien; tagħlim fuq suġġetti konnessi ma' *Scoutcraft*; attivitajiet li jwasslu għall-ksib ta' *badges*; tindif tal-post u diversi logħob. *Scouter* Ingliż, Dave Clements attenda dan il-kamp flimkien mal-i*Scouts* Għawdxin. Is-Segretarju u l-Kappillan tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-iScouts, Robert Gonzi u Fr Anton Briffa rispettivament żaru l-kamp.

## 100 sena ħajja

Ersilia Gatt li toqgħod fid-dar tagħha, *Regina Et Mater*, Pjazza Santu Wistin, Victoria, il-Ħadd 29 t'April, iffestiġġat il-100 sena ħajja. Fil-11.00 a.m. attendiet għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa kkonċelebrata, fil-knisja ta' Santu Wistin, immexxija minn Mons. George Tabone, flimkien mal-Pirjol Patri Feliċ Buttigieg, Patri Peter Paul Cachia u Dun Charles Vella, waqt illi Patri Pawl Muscat għamilha ta' ċerimonier. Għaliha kienu preżenti fost oħrajn uliedha u l-familjari tagħhom kif ukoll mart il-Prim Ministru Kate Gonzi u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Wara saret ikla ad unur tagħha fil-kunvent tal-Komunità Agostinjana u qasmet ukoll kejk tal-okkażjoni.

Mal-wasla tagħha fil-knisja, Ersilia, akkumpanjata fost l-oħrajn minn waħda minn uliedha, Rita Caruana, intlaqgħet mill-pro-neputijiet tagħha Matthew u Elaine Curmi li ppreżentawlha bukkett ward.



Ersilia għalqet il-100 sena nhar it-Tlieta 24 t'April. Twieldet Għajnsielem Għawdex minn ġenituri Maltin, Paolo Sciortino minn Ħaż-Żebbuġ u Karmela Mallia minn Ħal-Lija. Dakinhar lil Paolo kienu bagħtuh Għawdex bi promozzjoni ta' Maniġer mal-Kumpanija ESSO. Miżżewġa lil Anthony illi issa ilu mejjet 11-il sena, kellha 11 l-ulied, 7 subien u 4 bniet. 3 itfal minnhom huma mejtin.

Kemm il-Ministru għal Għawdex kif ukoll mart il-Prim Ministru ippreżentaw memento lil Ersilia.

*Ersilia dieħla fil-knisja ta' Santu Wistin. Tidher tiġi milqugħa fost oħrajn mill-pro-neputijiet Elaine u Matthew.*

## *Xogħol ta' tisbiħ f'Kerċem*

Il-Parroċċa ta' Kerċem bħalissa għaddejja b'xogħol ta' tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Madonna tas-Sokkors u lil San Girgor il-Kbir. Dan ix-xogħol estensiv qed isir b'għajnuna mogħtija mill-Ministeru għal Għawdex.



*Dun Roberto Gauci, il-marmista Raymond Bonello u l-Kappillan Dun Brian Mejlak.*

Il-Kappillan tal-Parroċċa Dun Brian Mejlak flimkien ma' Dun Roberto Gauci, saċerdot mill-istess parroċċa, nhar it-Tlieta 17 t'April, filgħodu, żaru l-post fejn qed isir ix-xogħol, fix-Xagħra, fejn osservaw għal xi ħin, l-andament tax-xogħol, mill-marmista Raymond Bonello, fuq irħama bl-arma tal-parroċċa, kbira madwar 12-il pied, li ser iżżejjen il-parti ċentrali taz-zuntier. Ix-xogħol kollu mistenni jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

## *Tirbaħ medalja tal-bronż*



*Fl-Għarb, fejn għandha d-dwieli l-Kumpanija tal-Massar.*

Kumpanija Għawdxija tal-inbid, Tal-Massar, rebħet medalja tal-Bronż meta ppartеċipat fis-36 edizzjoni tal-kompetizzjoni '*Challenge International du Vin*'. Din il-kompetizzjoni hi meqjusa bħala waħda mill-akbar kompetizzjonijiet Franċiżi tal-inbejjed internazzjonali. Tal-Massar daħlu għal din il-kompetizzjoni bl-inbid abjad magħmul mill-għenba Vermentino bl-isem ta' Tanit. L-istess inbid spikka fost 4,700 inbid ieħor minn madwar 30 pajjiż ieħor minn madwar id-dinja.



Challenge
International du vin

ATTESTATION DE RECOMPENSE

Le Challenge International du Vin atteste que

TAL-MASSAR WINERY

a obtenu la médaille de BRONZE
Pour son vin D.O.K GOZO

VERMENTINO 2011

lors de l'édition 2012 de la compétition
Numéro échantillon : 122B1MT00003086A2402

Fait à Bourg sur Gironde le : 08-04-2012

Signature du Président, Bernard DONECHE

Challenge International du Vin - Avenue Léo Lagrange 33710 Bourg sur Gironde - France
Tél : +33 (0)5 57 68 25 66 - Fax : +33(0)5 57 68 23 92
email : info@challengeduvin.com - Web : www.challengeduvin.com

Anthony Hili li hu l-produttur ta' dan l-inbid stqarr li kien propju wieħed mill-klijenti barranin li ħeġġu sabiex jipparteċipa għal din il-kompetizzjoni tant prestiġjuża, dan wara li l-klijent kien impressjonat bil-kwalità ta' Tanit.Tanit huwa wieħed mill-erba' nbejjed li jipproduċu f'Tal-Massar fix-Xagħra.

## *Jaħdmu fuq xogħol tal-możajk*



L-istudenti tal-arti tal-Form 4 tal-Iskola Sekondarja Konservatorju tal-Isqof bħalissa qegħdin jaħdmu fuq xogħol tal-możajk li juri xena taħt il-baħar. Dan il-proġett li akkwista fondi mill-iskema KREATTIV, qed jitmexxa mill-għalliem tal-arti, Jason Farugia u mill-artista tal-możajk, Mary Portelli. Din l-iskema tlaqqa artisti ma' studenti u flimkien itellgħu proġett li juri kreattività. Il-możajk ser jiddendel ma' ħajt eżatt kif tidħol fl-iskola, fil-*foyer*.

*Waqt ix-xogħol tal-możajk. Jidhru Maria Grech (Kerċem), Mary Portelli (Nadur), Manwela Calleja (Munxar), Emma Cini (Għasri), Jason Joe Farrugia (Xagħra) u Nathlin Sultana (Xagħra).*

## *Kunċert Mużikali*



Nhar is-Sibt 28 ta' April, quddiem udjenza ferm numeruża fil-pjazza taż-Żjara tal-Madonna l-Għarb, l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni tellgħet il-kunċert mużikali bit-tema *70's 80's 90's Flashback* – kunċert, li kif jixhed it-titlu ħadna lura għas-snin sebgħin, tmenin u disgħin b'mużika ta' artisti leġġendarji bħal: Tina Turner; ABBA; Queen; Michael Jackson; *The Village People*; *Europe*; Whitney Houston; Celine Dion u Andrea Bocelli. F'dan il-kunċert ħadu sehem ukoll il-kantanti Debbie Scerri u Aldo Busuttil kif ukoll il-kantanta żagħżugħa Għawdxija Vivienne Zammit. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast tagħha Mro George Apap. Il-programm, li kien parti mill-avveniment annwali 'Seħer il-Punent' – din is-sena fis-sitt edizzjoni tiegħu - ġie ppreżentat mill-preżentatur popolari televiżiv Ronald Briffa. L-avveniment ġie organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex; il-Ministeru għall-Intern u l-affarijiet Parlamentari u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

## *Marċellino Ħobż u Nbid*



Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet u tal-Abbatini tal-Parroċċa ta' Marija Bambina, tax-Xagħra, tellgħu diversi rappreżentazzjonijiet kemm għat-tfal tal-iskejjel kif ukoll għall-pubbliku, bl-aħħar waħda, dik tas-Sibt 14 t'April, tad-Dramm fi tlett atti, Marċellino Ħobż u Nbid, kitba ta' Joseph P. Borg, produzzjoni u direzzjoni ta' Marvic Bajada, fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ tax-Xagħra. Fil-partijiet prinċipali, ħadu sehem fost l-oħrajn Josman Aguis bħala l-Fra Superjur; Michael Galea bħala l-Fra Purtinar; Zack Curmi *Baby* Marċellino; Carl Hili Marċellino Żgħir; Andre Cassar Marċellino; Joshua Vella Ġesù; Samuel Xerri Sindku u Maribel Bajada Omm. Preżenti kien hemm l-Arċipriet Emeritu Ewkaristiku Sultana, l-Arċipriet Carmelo Refalo u s-Sindku tal-Lokalità Joe Cordina.

## *Jum iċ-Ċelebrazzjoni fix-Xewkija*



Il-Kulleġġ ta' Għawdex, Primarja Xewkija organizza Jum iċ-Ċelebrazzjoni. Fih spikkaw it-talenti tat-tfal kemm waqt id-daqq tar-rekorder, tal-vjolin kif ukoll waqt siltiet tal-*musical* 'Mary Poppins'.

Hija ħaġa sabiħa li f'dan ix-xahar kważi l-iskejjel kollha ta' Għawdex jorganizzaw rappreżentazzjonijiet teatrali u kunċerti mużikali, kif ukoll ċelebrazzjonijiet reliġjużi, b'ġieħ lill-ommijiet f'Jum l-Omm u lill-Madonna fix-xahar ta' Mejju.

## *Il-Klabb tal-Kempo Karate jingħaqad mal-Kempo Arnis Federation fis-Slovenia*

Ħames membri mill-klabb *Tenchi Ryu Kempo Karate Jutsu* f'Għawdex, dan l-aħħar, irrappreżentaw lil Malta fil-*Kempo Arnis Federation Spring Training Camp* li sar ġewwa Novo Mesto fis-Slovenia. Dan it-taħriġ kien jikkonsisti, f'ħamsa u għoxrin siegħa ta'tagħlim intensiv f'*Kata* u *Kihon*, Bunkai, *Tegumi* u *Arnis Drills bil-Bunkai*, *'Lock Flow'*, daqqiet bis-saqajn u bl-idejn, *'Kyusho Destructions'*, *'Trapping u Grappling'*, ġlied bis-sikkina u bl-istikka, ġlied mal-art, tagħlim dwar ir-regoli u t-taħriġ fl-Isport Arnis. Ħadu sehem mija u erbgħin persuna mis-Slovenia, Malta, l-Italja, il-Ġermanja u l-Canary Islands. Is-Sibt filgħaxija ġiet organizzata ikla, fejn tqassmu diversi *awards*. *Grandmaster* Borut Kincl li huwa l-kap u l-fundatur tal-*Kempo Arnis Federation*, ippreżenta ċertifikat ta' affiljazzjoni lil Sensei Joseph Portelli, u ħatru uffiċjalment ir-rappreżentant tal-*Kempo Arnis Federation* f'Malta. Grandmaster Kincl semma' wkoll lil Sensei Alex Vella Muskat, Felix Sammut, Joseph Sultana u Joseph Portelli Jr. għad-dedikazzjoni u l-ħeġġa tagħhom f'dan il-qasam.



*L-Għawdxin li ħadu sehem fil- 'Kempo Arnis Federation Spring Training Camp'. Jidhru mix-xellug għal-lemin, Joseph Portelli Jr, Sensei Alex Vella Muskat, Grandmaster Borut Kincl, Sensei Joseph Portelli, Felix Sammut and Joseph Sultana.*

*Kummentarju (2)*

# *Eko-Għawdex jibqa' jistaqsi... mela x'jonqos?*



*kitba ta'* MONS. SALV GRIMA

**"Hemm bżonn ta' dik li nistgħu nsejħulha l-*ekoloġija umana*, basta mifhuma tajjeb. Huwa suġġett determinanti marbut fuq kollox mas-sinsla morali tas-soċjetà. Jekk jonqos ir-rispett lejn il-bniedem......, is-soċjetà tispiċċa biex titlef il-kunċett tal-ekoloġija umana u magħha dak tal-ekoloġija ambjentali. Tkun kontradizzjoni jekk wieħed jinsisti li l-ġenerazzjonijiet futuri għandhom jirrispettaw l-ambjent naturali meta s-sistemi edukattivi tagħna u l-liġijiet ma jgħinuhomx jistmaw lilhom infushom. Il-ktieb tan-natura huwa wieħed u ma jinqasamx. Iħaddan fih mhux biss l-ambjent imma l-ħajja wkoll...... inklużi r-relazzjonijiet soċjali. F'kelma waħda, żvilupp uman sħiħ. Dmirijietna lejn l-ambjent huma marbutin ma' dmirijietna lejn il-persuna umana, kemm fiha nfisha kif ukoll f'relazzjoni mal-oħrajn. Ikun żball tinsisti fuq sett minnhom waqt li tgħaffeġ oħrajn. Inkunu qed ngħixu kontradizzjoni kemm fil-mentalità kif ukoll fil-prattika; tkun qed tbaxxi l-persuna, tisfratta l-ambjent u tħassar is-soċjetà".**

Dan hu l-messaġġ ċar li wassal il-Papa Beneditту XVI fl-enċiklika tiegħu "*Il-Karità fil-Verità*" (29-6-2009) (par. 51) u li ġie kkwotat fit-tħejjija għas-Sinodu tal-Isqfijiet li se jsir f'Ottubru li ġej dwar "L-Evanġelizzazzjoni l-ġdida għat-trasmissjoni tal-fidi Kristjana", anki fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi. Ma kienx l-ewwel darba, għax kien fit-22 ta' Diċembru 2008 meta tkellem diġà dwar l-ekoloġija tal-persuna umana fid-diskors tiegħu lill-membri tal-Kurja Rumana waqt il-bdil tal-awguri tal-Milied. Dakinhar il-midja qajmet għagħa sħiħ għax mal-ħarsien tal-ħolqien il-Papa kien żied ir-rispett tal-ġeneru uman, bħala maskil u femminil, skont il-pjan tal-Ħallieq speċjalment rigward **in-natura taż-żwieġ bħala rabta bejn raġel u mara, "kemm-il darba l-bniedem tassew ma jridx jaqa' u jqum mill-qerda tiegħu nnifsu u mill-istess proġett nobbli ta' Alla stess".**



Niġu għall-iskop ta' dan il-kummentarju. Il-Papa qed jitkellem mir-**riżorsi umani** li aħna f'pajjiżna nħobbu tant niftaħru kemm niddependu minnhom, għax huma dawn li jirrendulna l-iktar għall-għajxien, barra milli jikxfu l-ħiliet tagħna li jagħmluna iktar konxji mid-dinjità umana u hekk ingawdu wkoll ċerta stima u r-rispett tagħna nfusna. Dawn huma rigali ħafna aqwa minn oħrajn naturali li f'pajjiżna neqsin minnhom, fejn jidħlu muntanji, xmajjar, materja prima u l-bqija, u forsi għalhekk ukoll għandna ħafna għal qalbna dak il-ftit wirt li bih in-natura għoġobha tkun ġeneruża magħna.

### *Mistoqsijiet ma' xi eżempji*

F'rabta kbira mar-riżorsi umani f'pajjiżna, u xejn inqas fi gżiritna, u li jindirizzaw ħafna din l-ekoloġija umana, għandna s-sistema edukattiva. Dan il-qasam baqa' jiżviluppa minn kull aspett: bini ta' skejjel ġodda, attrezzamenti strutturali aħjar, korrikulu nazzjonali li jikkomprendi progress ħolistiku, b'attenzjoni għall-ħiliet kollha tal-istudenti tagħna, anki ta' dawk b'xi problemi, insistenza biex ħadd ma jibqa' lura, u kull sforz ieħor biex iktar studenti jibqgħu miexja 'l quddiem f'edukazzjoni ogħla, bl-għajnuna tal-istipendji u elf ħaġ'oħra. Żdiedu l-mezzi għat-tagħlim, iktar xjenzi varji b'korsijiet universitarji, inħolqu l-kulleġġi u iktar studji superjuri għal min irid ikompli jispeċjalizza. Dan kollu huwa investiment qawwi indirizzat lejn il-persuna u għalhekk tistenna li s-sistema tirrendi aħjar, b'inqas tbatija u b'mezzi effiċjenti.

Iżda milli jidher mhux hekk il-każ, għal kollox. Sa ċertu punt anki fl-imgħoddi. Infatti, għaliex dan kollu mhux qed ikun biżżejjed għall-istudenti tagħna, imma jkollhom jirrikorru għal tant lezzjonijiet tal-privat? Għaliex tant iktar sforzi, ġiri, ħin u spejjeż fejn tidħol l-edukazzjoni? Pika bejn il-ġenituri? Nuqqas ta' impenn mill-għalliema?





Mhux qed jiġi kkontrollat l-għatx għal iktar qligħ minn fuq dahar l-istudenti? Dan qed jissarraf f'ġid jew fi ħsara? Din tgħidilha parti f'postha fis-sistema edukattiva tal-lum? Din mhix offiża kontra l-ekoloġija umana, u ma' min huwa l-iktar vulnerabbli?

Nitfgħu ħarsitna fuq aspett ieħor. L-istat jipprovdi mezzi għas-saħħa, kura tal-morda, assistenza fi sptarijiet, djar għall-anzjani, għoti ta' xi mediċini b'xejn, servizzi sanitarji ta' emerġenza, u tant għajnuniet oħra, għax il-bniedem jistħoqqlu jingħata rispett u kull ħarsien f'dan il-qasam. Huwa fatt li xorta waħda huma ċ-ċittadini li qed jikkontribwixxu għal dawn l-ispejjeż, min mod u min ieħor, anki għat-tobba, speċjalisti u servizzi mediċi oħra. U għalhekk iċ-ċittadin jixraqlu li jħossu b'moħħu mistrieħ li meta jkollu bżonn jinqeda ma jkunx kostrett li jinkwieta dwar xi ħlasijiet oħra bħala pjaċir biex jingħata l-attenzjoni meħtieġa, biex iħaffu l-każ tiegħu jew biex ma jkollux bżonn għal iktar appuntamenti żejda bi ħlas fil-privat. Għaliex tisma' jingħad li hemm bżonn ixxaħħam biex tinqeda? Għaliex issib min jagħti l-istess parir lil min ikollu bżonn ħalli jkun jista' jinqeda aħjar? U f'dan biss? Tista' dan tgħidlu rispett lill-ekoloġija umana, u did-darba fil-konfront tal-persuna batuta? Huwa ta' ġieħ kemm għal min jabbuża u kemm għall-vittma? Jekk dawn l-istejjer jiġru bejn iż-żewġ gżejjer, allura Eko-Għawdex ukoll qed jintlaqat ħażin.

Iktar eżempji ta' ħsara ekoloġika marbuta mal-ħajja umana? F'kull lokalità ssib ħidma għaddejja mill-Kunsilli Lokali. Hemm ukoll dik ta' infrastruttura bħalma huma bankini, ġonna, toroq jew siti oħrajn. Kollha jitolbu spejjeż kbar, u sintendi mit-taxxi tal-poplu. Imbagħad għaliex numru ta' ħaddiema jieħdu ġimgħat sħaħ biex ilestu dak li tnejn min-nies kapaċi jagħmluh fi ftit ġranet? Dan huwa skartar, tnikkir jew xi forma oħra ta' abbuż? Dan isir b'mod konsistenti. Fejn imorru wara l-ewwel siegħa jew l-iktar sagħtejn ta' xogħol fuq il-lant? Kurjuża wkoll: għaliex tarahom ħabrieka daqshekk f'dawk is-sagħtejn? Jitilqu għax jispiċċaw bla ilma, bla siment, żrar, madum, jew għax jitħassrulhom l-għodda? Ikollhom ir-razzjon għall-ġurnata u daqshekk? Hemm xi spjega x'tingħata dwar dan? Min jaħseb li dan huwa l-mod kif verament għandha tiġi stmata d-dinjità tal-bniedem ħaddiem, kemm min-naħa tiegħu nnifsu u min-naħa ta' min suppost jiġbidlu l-attenzjoni? Għax anki hawn, mal-ambjent lokali li l-ħaddiem ikun imqabbad mal-pubbliku biex isebbaħ, xejn m'hemm x'juri li qed joffri rispett u dehra li tixraq lis-sbuħija tat-talenti u s-saħħa li jgawdi bħala ħaddiem. Dan mhux ukoll għamla ta' offiża diretta lill-ekoloġija umana? Jixtiequ min iqishom bħala ħaddiema ta' klassi inferjuri? U fi ħwejjiġhom kif kieku jippretendu li għandhom isiru l-affarijiet? Kapaċi jifhmuh dan? U min qed ikun ħtija ta' dan kollu?

**Eko-Għawdex. Hekk nixtiequh. "Dan id-dmir mhux limitat għall-ħlejjaq ambjentali biss, imma jilħaq ukoll l-essri umani li għandhom ħajja x'tiġi mħarsa u stmata. Għalhekk il-Knisja tgħallem dwar ir-responsabbiltà kif għandna nittrattaw mhux biss l-ilma, l-arja u dak kollu ta' madwarna bħala rigali li għandu sehem minnhom kulħadd, imma l-iktar kif nipproteġu l-bniedem minn kull ħsara li jista' jkollu. Din hija l-ħtieġa tal-hekk imsejħa l-ekoloġija umana" kompla l-Papa Benedittu XVI f'Diċembru 2008. Għalhekk inkomplu nistaqsu: Mela x'jonqos?**

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

*Kummentarju (3)*

# *Għawdex fis-Sena tar-Rekords fit-Turiżmu*



*It-tieni taqsima tad-Diskors miċ-Chairman tal-Gozo Tourism Association – Laqgħa Ġenerali, 24 ta' Frar 2012*

*diskors ta'* **PAUL SCICLUNA**

**L-istatistika li nikkwotaw tgħodd għat-turisti li joqogħdu fil-lukandi tagħna. Ilna snin ninsistu li l-istatistika għandha titwessa biex tiġbor is-settur kollu tal-akkomodazzjoni fejn f'Għawdex hawn aktar sodod irreġistrati fl-istabbilimenti tas-*Self Catering* milli fil-lukandi. Minkejja l-laqgħat li saru bl-inizjattiva tal-GTA u l-MTA mal-NSO, u filwaqt li ttieħed l-ewwel pass u ntbagħat *survey* lil uħud mill-istabbilimenti, xorta waħda għadna bla riżultat, u t-turiżmu għadu jitkejjel b'figuri ta' inqas minn tletin fil-mija tas-sodod li hemm fil-lukandi.**

Hu fatt li fl-aħħar snin in-numru tas-sodod fil-lukandi mhux jiżdied. Nixtieq inkun naf x'inhu jiġri f'dan is-settur. Xi membri tagħna għandhom applikazzjonijiet pendenti għal estensjonijiet u bini ta' lukandi u kumplessi ġodda għaliex ma jingħatawx risposta fi żmien raġjonevoli, iżda nibqgħu nitolbu rapporti u bdil ta' pjanti, b'konsegwenza li wieħed jaqta' qalbu u ma naslu qatt. Hemm xi pjan li ma jiżdidux aktar lukandi f'Għawdex? Kif ser inkabbru x-xogħol għall-Għawdxin f'Għawdex stess?

Hemm min ukoll, minħabba problemi mal-MEPA, ma jistax jinħariġlu l-permess biex jopera regolari. Ilna s-snin inqajmu dawn l-ilmenti mingħajr ħjiel ta' soluzzjoni. Napprezza li mhux kollox jista' jitranġa mill-ewwel, iżda għandhom jittieħdu inizjattivi sabiex insolvu dawn l-intoppi fl-iqsar żmien possibbli. **Il-MEPA u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jifhmu r-realtà Għawdxija u għandu jsir koordinament għal żvilupp aħjar f'Għawdex.**

Aħbar pożittiva li għadna kif smajna fil-ġranet li għaddew, hi l-introduzzjoni ta' skema li permezz tagħha ser tingħata għajnuna finanzjarja lis-sidien ta' propjetà antika u li jagħmlu xogħlijiet ta' tiswija, manutenzjoni jew restawr fiha. Din hi ta' sodisfazzjon għax il-GTA ilha tisħaq dwar għajnuna biex djar abbandunati, li hawn bil-bosta minnhom fl-ibliet u l-irħula tagħna, jiġu riabilitati. Nemmen li din l-iskema ser tintlaqa' tajjeb u għandha tħajjar aktar sidien jipprofittaw minn din l-offerta. Konvinti li s-settur turistiku ser igawdi minn skema bħal din.

Intant, hu ta' sodisfazzjon ninnota li wħud mil-lukandi, speċjalment dawk ta' ħames u erba' stilel, qed jirnexxilhom ikabbru l-okkupanza u jġibu riżultati tajbin. Id-dilemma hi, għaliex mhux il-lukandi kollha qed imorru tajjeb? X'inhu li lukanda tmur aħjar minn oħra? X'jagħmel id-differenza, il-prodott, is-servizz, il-promozzjoni jew l-infrastruttura?



Anke fis-settur tas-*Self Catering* hemm dawk l-istabbilimenti li joffru servizz 5 star li qed jirrapportaw okkupanza tajba ħafna. Iżda l-oħrajn, għaliex qed ibatu? Jaqaw m'aħniex niggarantixxu prodott u servizz tajjeb? Hu fatt li wħud mill-*farmhouses* u l-appartamenti għadda żmien biżżejjed minn fuqhom u jeħtieġu titjib fl-infrastruttura. Nafu li mhux kulħadd jiflaħ għal investimenti kapitali ġodda, u għal dan il-għan il-GTA għamlet proposta lill-Gvern għal skema biex ngħinu b'mod dirett lil dan is-settur. Qed nipproponu li tingħata għajnuna finanzjarja ħalli, fejn hemm bżonn, jinbidlu kmamar tal-banju u kċejjen, jitwaħħlu televiżjonijiet *flat screen* u bozoz *energy savers*, u jsiru miljoramenti oħra. Nispera li din il-proposta tiġi kkonsidrata pożittivament ħalli b'hekk inkunu nistgħu ntejbu l-prodott u aktar turisti jagħmlu użu minn dawn id-djar ta' karattru li tant kienu suċċess fl-aħħar snin.

**Irrid nieħu l-okkażjoni wkoll biex, għal darb' oħra, nsemmi l-proposta tal-GTA għal tibdil fil-liċenzjar tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni. Billi, bħal ma' nafu, jeżistu tipi differenti ta' akkomodazzjoni, u sabiex jingħelbu l-abbużi, il-GTA qed tipproponi li ssir reġistrazzjoni tal-istabbilimenti mal-MTA u titħallas miżata raġjonevoli kkalkulata fuq in-numru ta' sodod. B'hekk l-MTA tkun tista' tikkontrolla aħjar il-livell tal-istandard u jonqsu l-ilmenti. Ikun ukoll mod possibbli li bih tibda tinżamm statistika bħal tal-lukandi.**

Intant, għadha kif ġiet ippubblikata t-*Tourism Policy* għall-gżejjer Maltin, fejn għall-ewwel darba hemm kapitlu sħiħ iddedikat għall-iżvilupp turistiku fil-gżira t'Għawdex. Nitlobkom tifluh u tgħaddulna s-suġġerimenti tagħkom.

Kumplimentari ma' dan, xorta waħda hemm il-ħtieġa urġenti ta' *Policy* għal turiżmu rurali li sal-ġurnata tal-lum għadna mingħajr linji gwida fejn jidħol dan it-tip ta' żvilupp. Mhux sew nostakolaw lill-imprenditur milli jiżviluppa l-ideat li jagħmlu sens għal gżira bħal tagħna u nwaqqfu proġetti bi skuża jew oħra.

**Fil-frattemp, il-kunċett ta' Għawdex - Gżira Ekoloġika jista' jkun mezz ieħor li bih inkomplu niżviluppaw it-turiżmu b'mod sostenibbli fil-gżira Għawdxija. Nixtiequ naraw inizjattivi li joħorġu minn dan il-kunċett, ibbażati fuq it-tnejn u ħamsin proposta li żmien ilu, bħala assoċjazzjoni, konna għamilna lill-Ministeru għal Għawdex.**

S'issa tkellimt dwar punti ta' interess bħall-aċċessibbiltà, il-promozzjoni u l-operat tagħna. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, ilkoll naqblu li l-aktar essenzjali għalina hu kemm qed jibqgħalna profitt fil-*business* tagħna. Dan hu l-għan ta' kull intrapriża. Imma, titkellem ma' min titkellem, kulħadd jilmenta dwar il-kontijiet tal-elettriku u li l-ispejjeż qed dejjem jikbru u l-profitti jonqsu. Min-naħa l-oħra, ngħollu r-rati ma nistgħux u ma nifilħux minħabba l-kompetizzjoni. U jekk il-lukandiera f'Malta qed jilmentaw dwar dan il-fatt, x'nistgħu ngħidu aħna hawn f'Għawdex fejn l-ispejjeż tagħna huma ferm ogħla, kemm minħabba l-insularità doppja u l-fatt li rridu nibqgħu noperaw sena sħiħa minkejja okkupanza u *turn over* baxx? B'dawn l-isfidi ma' wiċċu, l-imprenditur Għawdxi għandu jiġi megħjun biex jegħleb dawn l-ostakli. Fl-aħħar snin bdew jittieħdu ċerti deċiżjonijiet pożittivi għal min jopera f'Għawdex, bħal riduzzjoni fil-liċenzji u għajnuna għal impjiegi ġodda. Iżda dawn għandhom jitwessgħu għax min jopera f'Għawdex, hu żvantaġġat ferm aktar minn min jopera f'Malta.

**Nagħmel appell biex ningħaqdu u naħdmu aktar ma' xulxin. L-esperjenza fil-GTA għallmitni li għalkemm aħna kompetituri, iżda xorta waħda nistgħu npoġġu madwar mejda u naħdmu għal għan wieħed. Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa.**




LORNE CREMONA

PHOTOGRAPHY AT ITS BEST

*FOR COLOUR AND SHARPNESS*

address: 69, Mġarr Road, Qala, Gozo, Malta
email: info@lornecremona.com
mobile: 7945 2685

**www.lornecremona.com**



Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

*Kummentarju (4)*

# *Il-Kitba ta' Kliem Ingliż fil-Malti... orrur jew suwiċidju ta' Lsienna?!*



*kitba ta'* **CARM C. CACHIA**

**Minn xi żmien 'l hawn, fil-gazzetti lokali qegħdin jidhru għadd ta' artikli li fihom il-kittieba jikkummentaw dwar l-użu tal-kliem Ingliż fil-Malti u l-kitba tiegħu bl-ortografija Maltija. Jgħidu li dan il-kliem qiegħed jeqred is-sbuħija ta' lsienna u li dan l-ilsien hekk għażiż għalina, l-ilsien li jagħtina identità għaliex jagħżilna minn ġnus oħra, se jinqered fi żmien ftit snin jekk nibqgħu sejrin nużaw kliem barrani bl-addoċċ fid-diskors u fil-kitba tagħna. Illum nixtieq ngħid kif naħsibha jien dwar dan is-suġġett tant għal qalbi.**

### *L-ilsien mitkellem u l-ilsien miktub*

Imma qabel nibdew nittrattaw dan is-suġġett kontroversjali, nagħmlu sew jekk naraw ftit x'nifhmu bil-kelma "lsien" jew "lingwa". B'mod sempliċi nistgħu niddeskrivu l-ilsien bħala mezz li bih il-bniedem jikkomunika ma' għajru. Bih il-bnedmin iwasslu l-ideat tagħhom lil xulxin. Normalment, l-ilsien inħarsu lejh minn żewġ aspetti: l-aspett mitkellem u l-aspett miktub. L-aspett mitkellem ilu jeżisti nistgħu ngħidu minn dejjem, imma l-ilsien miktub evolva wara ħafna u ħafna żmien u kien riżultat ta' eżiġenzi umani li l-ilsien mitkellem ma kienx jew ma setax jaqdi. Fost dawn hemm il-memorja. Kelma miktuba tibqa', imma kelma mitkellma tintesa. Eżempju ċar ta' dan niltaqgħu miegħu fl-istorja ta' pajjiżna stess. Il-lingwa li missirijietna kienu jużaw fi Żmien il-Ħaġar intesiet proprju għaliex ma kinitx miktuba. Għall-kuntrarju, l-ilsien Feniċju-Puniku nafu kif kien, minkejja li l-ġens li kien jitkellmu ilu li għeb. Dan minħabba l-kelma maħżuża li baqgħet sa żmienna fil-forma ta' skrizzjonijiet imnaqqxa fil-ħaġar jew fil-fuħħar.




Issa rridu niftakru wkoll li, jekk l-ilsien mitkellem hu xi ħaġa naturali, l-ilsien miktub hu artifiċjali – xi ħaġa maħluqa mill-bniedem għall-bżonnijiet tiegħu. Infatti mhux kull ma ngħidu jista' jinkiteb, jew aħjar, ma nistgħux niktbu eżatt kif nitkellmu. Min jagħmel traskrizzjoni ta' xi diskors jew taħdita jaf eżattament x'qiegħed ngħid għaliex jiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet b'mod li jekk id-diskors jinkiteb kelma b'kelma kif ikun intqal, il-qarrej mhux dejjem jista' jifhem il-kontenut ta' dak id-diskors jew taħdita. Anzi ġieli dak li jinkiteb lanqas biss jagħmel sens.

### *Kliem misluf fil-Malti*

Meta niġu biex nitkellmu u rridu nispjegaw aħjar dak li nkunu rridu ngħidu, insibuha faċli ħafna u nħossuna komdi jekk nagħmlu użu minn kliem misluf. Dan il-kliem ngħiduh eżatt kif inkunu smajnieh, mingħajr ma noqogħdu nitħassbu jekk diġà jeżistix kliem ieħor bl-istess tifsira fil-lingwa tagħna jew le. Mela jekk qiegħed nitkellem dwar il-karozza u rrid nirreferi għal xi partijiet tagħha, ma niddejjaq xejn li nuża l-kliem Ingliż, eżatt kif inhu, biex nindika dawn il-partijiet. Pereżempju, ngħid *steering* u mhux "tmun", *windscreen* u mhux "ħġieġa ta' quddiem" jew "ilqugħ mir-riħ", *brake* u mhux "krekk" bħal fil-każ tal-karettun. Imma meta niġi biex nikteb dawn il-kelmiet mill-Ingliż, naħsibha darbtejn kif se niktibhom. Dan għaliex il-kelma mitkellma mhix ekwivalenti dejjem għall-kelma miktuba.

**Niġu għall-problema li qegħda tinkwetana bħalissa. Jekk bilfors irridu niktbu dan il-kliem missellef minn lingwi oħra, kif se niktbuh, bil-mod oriġinali, jiġifieri kif jidher fil-lingwa-omm jew inkella niktbuh b'ortografija Maltija? Jien naħseb li l-poplu Malti għandu jkollu dritt f'din id-deċiżjoni, fis-sens li hu l-poplu li jagħmel il-lingwa u mhux bil-kontra.** Issa ġara li l-poplu Malti, matul is-sekli, għaraf jissellef kliem



minn lingwi barranin u għamilhom tiegħu. Dan sar billi l-kliem misluf ħafna drabi kien imġiegħel joqgħod għal regoli fonoloġiċi, ortografiċi, morfoloġiċi u kultant anke sintattiċi tal-Malti. Għalhekk, meta dan il-kliem, l-aktar mill-Għarbi, mill-Isqalli u mit-Taljan ġie biex jinkiteb bl-ortografija Maltija ma kienx hemm diffikultajiet kbar. Jekk irridu, forsi nsemmu l-konsonanti "għ", li hi għal kollox semitika imma li riedet tibda tagħmel parti minn alfabet rumanz. Infatti kliem bħal "għażel", "lagħab" u "ġiegħel" ma nkitibx bl-ortografija Għarbija imma b'dik Maltija li tana s-Sur Nin Cremona. Hekk ukoll, kliem li oriġina minn lingwi rumanzi, bħal "serp-sriep" (*serpe*), "kċina-kċejjen" (*cucina*), "attitudni-attitudnijiet" (*attitudine*), "pinzell-pniezel" (*pennello*), u kliem ieħor simili, beda jinkiteb bl-ortografija Maltija bla ebda diffikultà. .

### *Kliem Ingliż miktub bil-Malti*

Dan li għedna hawn fuq jgħodd ukoll għal xi kliem li ġej mill-Ingliż imma li daħal bikri fil-Malti, tista' tgħid fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta. Kliem bħal "bajla-bajliet" (*boiler*), "skuna-skejjen" (*schooner*), "friża" (*freezer*), "senter-snieter" (*centre-loading shotgun*), "serkin-serkini/srieken" (*sulkie*) u l-verbi "fajjar" (*fire*) u "bblakka" (minn *black*) kollha ġejjin mill-Ingliż. Dawn kienu aċċettati mill-poplu tagħna u kitibhom bil-Malti kif ħasshom.

Il-kliem li l-poplu ma jaċċettax, isibha diffiċli biex jiktbu bl-ortografija tiegħu, u aktar u aktar biex jaqrah b'din l-istess ortografija. Hawn nixtieq inġib xi eżempji ta' kliem missellef li l-poplu Malti jużah sikwit, imma li ma aċċettax li jiktbu skont kif iddettawlu r-regoli tal-Akkademja tal-Malti. L-aktar kelma komuni hi l-kelma *television*. Kulħadd jaf li fid-diskors ta' kuljum din il-kelma tintuża regolarment f'sentenzi bħal: "M'hemm xejn fuq it-*television*" jew "Mur itfi dak it-*television* minn hemm!". Madankollu, meta niġu biex niktbu din il-kelma, il-maġġoranza tal-kittieba (u anke tal-istudenti) għadhom jippreferu jużaw il-kelma "televiżjoni" (li ma tingħad qatt) flok jiktbu "televixin", minħabba li l-ħoss /3/ rappreżentat mill-ittra 'x' mhux aċċettat. Kelma oħra li mhix aċċettata hi l-kelma *beige* li bil-Malti tinkiteb "bexx", l-istess kelma li tintuża wkoll biex tirreferi għal tip ta' *spray* għall-pjanti. Din toħloq dak li fl-omonomija jissejjaħ "*clash*" għaliex min jaqra din il-kelma, anke jekk ikun midħla tal-Malti, aktarx li ma jaqrax l-ittri "xx" bil-ħoss ta' /3/, imqar jekk il-kelma tkun miktuba f'kuntest partikulari.

### *Il-Qari ta' kliem Ingliż miktub bil-Malti*

Nemmen li hemm rabta viżiva bejn il-kelma miktuba u l-messagg li din il-kelma trid twassal. Meta aħna naqraw, aħna ma nkunux qegħdin naraw sensiela ta' ittri wara xulxin, imma nkunu naraw 'stampa' b'tifsira marbuta magħha. Meta naraw l-ittri /t-i-f-e-l/ fil-forma / tifel/ nifhmu li din il-kelma tkun qiegħda tirreferi għal persuna li mhix adulta. Dan il-metodu jintuża ħafna fil-primarja meta l-istudenti jintwerew *flashcards* mill-għalliema u hekk jimmemorizzaw il-kelma bħala 'stampa'. Tant naqraw bl-'istampi' li ħafna drabi lanqas naqraw il-kelma kollha u nkunu diġà nafu x'hemm miktub. Filfatt, meta għalliem ikun jikkoreġi, aktar jaqra bil-mod milli meta jkun jaqra għall-informazzjoni, għaliex fl-ewwel każ ikun irid joqgħod attent għall-iżbalji li fit-tieni każ aktarx li jaqbżulu jew ma jagħtihomx importanza.

**Issa minħabba l-fatt li aħna bilingwi u allura għandna għarfien ta' kif jinkiteb kemm il-Malti u kif ukoll l-Ingliż, aħna sa nsibu diffikultà, kultant kbira, biex naqraw kelma li aħna nafuha bl-Ingliż imma li tkun miktuba b'ortografija Maltija. Ngħidu aħna, jekk naraw il-kelma *mobile* miktuba bl-ortografija Maltija "mowbajl", din tista' tfixkilna milli naqrawha, billi rridu nieqfu aktar mis-soltu fuq il-kelma biex nagħrfu x'messaġġ trid twasslilna. Meta mbagħad, f'kitba partikulari, bħalma hi d-deskrizzjoni ta' biċċa makkinarju teknoloġiku, ikun hemm ħafna kliem ta' dan it-tip, id-diffikultajiet fil-qari se jiżdiedu qatigħ. Terġa' u tgħid bħalissa dieħel għadd ġmielu minn dan il-kliem minħabba l-iżviluppi li qegħdin iseħħu fid-dinja tat-teknoloġija u tal-informatika. Dawn ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom, la fit-taħdit tagħna u, anqas u anqas, fil-kitba. Tassew li hemm xi kliem Ingliż li daħal m'ilux u li aħna l-Maltin aċċettajnieh mill-ewwel u ma sibnieha diffiċli xejn biex naqrawh jew niktbuh. Fost dawn ta' min isemmi l-kelmiet "kompjuter","ħelikopter", "parking" u "krejn". Ma' dawn irridu nżidu verbi mnisslin minn kliem Ingliż bħal "ikkraxxja", "tipparkja", "skurjaw", "nittrenjaw". Imma, imbagħad, kelmiet bħal "xowrum", "dixxwoxer", "woxingmaxijn", "ertajt", "bjuti peġints", "brejkfast", "wijkend brejk", "junjins" u "fultajm" mhux lakemm naċċettawhom. Dawn żgur li se joħolqu problemi fil-forma ta' reżistenza minn dawk li jiktbu bil-Malti.**



**Diffikultà akbar isibuha l-istudent iż-żgħar li jkunu għadhom jitgħallmu jiktbu. Billi sa mill-primarja t-tagħlim tal-Malti u dak tal-Ingliż jimxu id f'id, se jkun hemm kunflitt meta dawn l-istudenti jiġu biex jiktbu l-istess kelma b'ortografiji differenti. Ħa nispjega aħjar. Fil-bidu semmejt l-użu tal-*flashcards* fit-tagħlim ta' kliem ġdid u għedt li dawn jintużaw biex l-istudenti jimmemorizzaw 'l-istampa' tal-kelma partikulari li tkun. Din is-sistema tintuża kemm fit-tagħlim tal-Malti u anke tal-Ingliż. Issa meta l-istudenti jiġu biex jitgħallmu jiktbu kliem bħal *whiteboard, photocopy, mouse*, dawn żgur li se jitħawdu għaliex jiġu f'dilemma kif se jiktbuh. Jitħawdu jekk meta jiktbu bl-Ingliż, jiktbux "*whiteboard*" jew "wajtbord", jew meta jkunu jiktbu bil-Malti jiktbux "maws" jew "*mouse*", u l-bqija.**

Imbagħad hemm diffikultà oħra. Jekk niddeċiedu li kliem Ingliż naslu biex niktbuh bl-ortografija tal-Malti, dan kif se jinkiteb? Qiegħed ngħid dan għaliex hawn Malta, ċertu kliem bl-Ingliż nippronunzjawh b'modi differenti. Donna bl-imħatra min jgħawġu l-iżjed. Ħa nieħdu ftit eżempji. Il-kelma *orals* (eżamijiet orali) kif se niktubha, niktbuha "owrals" jew "orils"? U l-kelma *foolscap* se niktbuha "fulskap" jew "fulskep"? Hemm ukoll il-kelma *chocolate*; din se tinkiteb "ċoklejt", "ċokolejt" jew "ċoklit"? L-istess jgħodd għall-kliem *physical*, u *festival* u oħrajn simili li niltaqgħu magħhom fil-kurrikulu skolastiku.

Mill-banda l-oħra rrid ngħid ukoll li, kif semmejt aktar 'il fuq, aħna l-Maltin kapaċi nadattaw ruħna anke għal sitwazzjonijiet diffiċli. Jekk nerġgħu niftakru ftit fiż-żmien meta l-Malti beda jinkiteb bl-ortografija tal-Akkademja fis-snin 20 u 30 tas-seklu l-ieħor, insibu li kien hemm reżistenza għall-kitba bil-Malti ta' kliem li ġej mit-Taljan, bħal "skola", "gaġġa", "skunċertat", "rinaxximent", "azzjoni", billi kien hemm min ried jibqa' jikteb bl-ortografija Taljana. Dawn illum niktbuhom bl-ortografija tal-Malti u ħadd ma jgħaddilu minn rasu jiktibhom mod ieħor. Madankollu rridu ngħidu wkoll li dawk kienu żminijiet oħra fis-sens li mhux kulħadd kien jaf jaqra u jikteb. Imqar l-istess Malti kien għad m'għandux sistema ortografika tiegħu. Illum mod ieħor. Kulħadd jaf jaqra u jikteb bil-Malti u bl-Ingliż u għalhekk mhix daqstant faċli li taqta' linja dritta dwar kif għandu jinkiteb il-kliem barrani missellef.

*Għeluq*

**Jien nemmen li deċiżjoni f'dan ir-rigward trid tittieħed. Nemmen ukoll li għandu jkun il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti flimkien mal-Akkademja tal-Malti, li finalment għandhom jifformulaw ir-regoli li għandna nsegwu meta niġu biex niktbu dan il-kliem. Dan għandu jsir b'għaqal u bi ħsieb u wara studju serju, u wara konsultazzjoni vera, u mhux malajr malajr biex inkunu għamilnieh. Hekk, ċerti żbalji tal-passat fejn tidħol l-ortografjia tal-Malti, ma jirrepetux ruħhom.** Forsi wieħed jista' jissuġġerixxi li jiġi stabbilit li l-Kunsill u l-Akkademja jintrabtu li, wara perijodu stipulat ta' żmien (numru ta' snin), jirrevedu r-regoli li jkunu nħolqu, u jekk jinħass il-bżonn, isir it-tibdil neċessarju. M'hemm xejn ħażin li wieħed jagħmel reviżonijiet bħal dawn. Anzi dan juri maturità u serjetà min-naħa ta' dawk li tassew għandhom għal qalbhom il-kitba ta' lsienna, aktar u aktar meta nżommu f'moħħna li l-ilsien Malti qiegħed jinbidel tant f'perijodi relattivament qosra. Hekk, meta tkun ittieħdet deċiżjoni, din tkun fl-aħjar interess ta' kulħadd, imma b'mod speċjali fl-aħjar interess tal-Ilsien Nazzjonali tagħna, l-Ilsien Malti.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

A Whole New Look
*Sharmain's Styling Salon*
Our Lady of Victory Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

RIFLESSI

Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# Jum l-Omm hu Kuljum ... almenu hekk għandu jkun

*She is the earth fire that makes four walls home,*
*No room is dark or cold when she is near;*
*She is the lamp lit when the shadows come;*
*The answering voice that robs the night of fear.*
*She is the lost thing found; the healing kiss*
*Balm for youth's griefs; the heart that understands;*
*All comfort and all light are where she is*
*And all of heaven she holds in her two hands.*

B'din is-silta meħuda mill-poeżija 'The Mother' ta' Margaret C. Gibbins xtaqt niftaħ din il-kitba tiegħi dwar l-Omm fl-okkażjoni tal-festa tagħha matul dan ix-xahar ta' Mejju, għaliex naħseb li din is-silta hija definizzjoni eżatta ta' dil-kreatura, ta' dil-bewsa li tfejjaq, il-qalb li tifhem, u fuq kollox, il-balzmu t'uliedha, b'mod speċjali matul is-sigħat tad-dwejjaq. Min daqsha jista' jifhem u jagħder! Hija l-omm li m'għandhiex sabar toqgħod passiva jew tosserva bla ma tagħmel xejn. Da żgur li jixirqilha li jkollha din il-għodwa ddedikata lilha. Jum l-Omm, fix-xahar ta' Mejju, mela għandu jkun għalina l-jum għażiż li fih aħna niftakru b'mod speċjali f'ommijietna. Wieħed qatt ma jasal biex japprezza oġġett daqskemm meta jkun għandu u mbagħad jitilfu. Sakemm ommna għadha ħajja nsibuha dejjem lesta ma' djulna biex taqsam magħna l-ferħ u n-niket ta' ħajjitna.

Bla dubju mhux kulħadd qiegħed igawdi lil ommu. Xi wħud tilfuha darba għal dejjem u għalhekk dan il-Jum iġibilhom ħafna tifkiriet sbieħ tal-imgħoddi. Huma tifkiriet li ma jmutu qatt u li jġibu l-faraġ, is-sabar u l-ferħ. Għalkemm il-firda hija dejjem kerha, din għandha tinbidel f'ferħ meta wieħed jiftakar li permezz tagħha, l-omm tinsab fit-tgawdija tal-Ġenna, premju tassew mistħoqq tax-xogħol li wettqet fi ħdan il-familja u s-soċjetà kemm damet tgħix fostna. Dawk l-ulied li tilfuha huma fid-dmir li f'dan il-jum joffrulha r-rigali tagħhom; mhux ir-rigal li jinxef u jitmermer bħal bukkett fjuri ta' fuq il-qabar, iżda t-talb imħeġġeġ tagħhom flimkien mal-quddiesa u t-tqarbina ta' dan il-jum.

Dawk fostkom imbagħad li għadhom igawdu lil ommhom, jaraw li ma jonqsuhiex; għal kuntrarju, jgħożżuha u jħobbuha lil din l-aqwa kreatura tal-ħolqien, u f'dan il-jum għażiż juruha l-gratitudni kollha tagħhom billi qabel xejn, jieħdu riżoluzzjoni li jirrispettawha u jħobbuha dejjem aktar. Dawk l-ulied li forsi joqogħdu 'l bogħod minn darha, tajjeb li jżuruha f'dan il-jum tagħha, imma mhux biss, u juruha l-imħabba tagħhom bħal meta kienu żgħar. Telefonata m'għand iben emigrant jista' jtellagħha s-sema lil għażiża ommu. L-ikbar rigal li nistgħu nagħtuha huwa dak li aħna nkunu ulied tajba li ommna tħossha kburija bina.



L-ewwel kelma li tennejna kienet 'ma''; l-ewwel kelma f'mument ta' biża' jew ansjetà kienet 'ma'; l-ewwel kelma li toħroġ minn fommna meta nweġġgħu hija 'ma'; l-ewwel kelma f'mument ta' sorpriża bla ma nittendu hija 'ma'! Dan kollu juri li l-memorja u x-xbieha tal-omm qatt ma jgħibu minn quddiem għajnejna sew jekk għadna żgħar u sew jekk kbirna fl-età. Dan ma jistax ikun mod ieħor għaliex l-omm tagħmel elf sagrifiċċju biex tara lil uliedha sewwa.

Fi ftit kliem, biex niġbru kollox, l-omm taf tagħder u ma tistenniex wisq; iżda huwa d-dmir tagħna lkoll li bħala uliedha, inħobbuha s-sena kollha, nobduha u ma ninkwetawhiex. Dawk imbagħad li x-xorti riedet li tilfuha diġà (bħalma sfortunatament ġara lili), jitolbu għaliha, iżuru qabarha sikwit u mal-bukkett fjuri li jqegħdulha fuq il-lapida kiesħa tal-irħam, flimkien mal-poeta jgħidulha:

*Għaliex int mitt biex tgħix, tgħammar ġo qalbna*
*B'demmek biss sħuna;*
*U jekk tħabbat il-qalb, tħabbat int magħha*
*Għalkemm midfuna.*
*W għalhekk fuq qabrek fejn tinsab mistrieħa*
*Sikwit tismagħna*
*Niġu nħabbtulek ftit, biex tbexxaq l-għata*
*U tqum tarana.*

Riesqa s-Sena tal-Fidi: 2012-2013

# Kriżi ta' Fidi

## "Il-bniedem xeba' b'Alla u qed ifittex il-ħajja fl-idoli tad-dinja"



*kitba ta'* **JOE RAPA**

Il-Papa Beneditttu XVI iddeċieda li jniedi Sena tal-Fidi li se tibda lejn l-aħħar ta' din is-sena. Billi lil Pietru l-Mulej tah spirtu ta' dixxerniment biex imexxi lill-Knisja li ma tahx lill-appostli l-oħra, din id-deċiżjoni fiha x'tifhem u x'tomgħod. Din is-'Sena' se tpoġġi taħt il-lenti l-qagħda tal-fidi fid-dinja tal-lum u nħossu li, bi tħejjija, ta' min jiddedika xi artikli fuq dan is-suġġett vitali.

### *Faċli nkunu ingannati*

X'ħin inqabblu s-sitwazzjoni tal-Knisja f'Għawdex ma' dik f'pajjiżi oħra, hu faċli li wieħed jasal għall-konklużjoni li għalkemm jeżistu problemi, bħalma dejjem eżistew, il-Knisja hawn għadha b'saħħitha. Hu faċli li wieħed iserraħ moħħu għax il-Quddiesa tal-Ħadd għadha tiġbed persentaġġ mhux ħażin tal-poplu. Għall-kuntrarju hu skomdu ċċaqlaq l-ilma qiegħed, bħalma ppruvaw jagħmlu l-Isqfijiet tagħna fl-aħħar żewġ Ittri Pastorali, għax tibda ħierġa l-intiena, intiena ta' xi ħaġa marida u li qiegħda tmut.

Hemm ħafna indikazzjonijiet li juruna li, mill-gwerra 'l hawn, il-vera kriżi tal-Knisja tal-Punent hija fuq kollox kriżi ta' fidi. Dan kollu beda fit-tramuntana imma bil-mod il-mod niżel 'l isfel u llum ninsabu fil-qalba ta' taqbida għall-fidi. Taqra gazzetti Kattoliċi Ngliżi u tistagħġeb kif dawn jaħsbu li l-problemi tal-Knisja ġejjin għax neħħejna l-Latin u biddilna l-Quddiesa! Forsi anke f'pajjiżna hawn min jaħseb hekk.

Kemm hu faċli li wieħed jinganna ruħu. Imma l-Mulej, li hu Sid l-Istorja, jixxokkja lill-Knisja mill-ingann tagħha billi 'jiskomodaha' b'avvenimenti li jippermetti li jseħħu biex hi tara d-dawl u tiddixxerni bil-għaqal dak li qed jiġri. Id-dħul tad-divorzju f'Malta kien wieħed minn dawn, anke l-abbandun tal-Quddiesa tal-Ħadd minn ħafna, biex ma nsemmux l-opinjonijiet ta' kważi l-"ħassieba" kollha fuq il-mezzi tal-midja li għalihom dak li hu ta' valur għall-Kristjan ixekkel, mhux jillibera, l-ispirtu tal-bniedem. Mingħajr ma trid, il-Knisja ġiet sfurzata tirtira wara l-linji tal-fortifikazzjoni tagħha u dawn il-linji qegħdin dejjem jiċċkienu.

**Illum hi ħaġa ċara li, anke jekk mhux kollha jammettuha din, ħafna Maltin tilfu jew qed jitilfu l-fidi. Il-valuri Nsara huma frott il-fidi, u meta dawn il-valuri ma jinftehmux iżjed, anzi jiġbdu stmerrija u jdejqu, dan hu sinjal ċar li l-fidi li wellditħom qiegħda tnin. Numru dejjem jikber ta' individwi f'pajjiżna ma jiddejqux juru li ma jixtiqux il-ġid lill-Knisja, anzi qed ikunu kattivi u ppreġudikati fil-konfront tagħha.**

### *L-Għeruq tat-telfien tal-fidi fl-Ewropa*

Il-bniedem Ewropew baqa' skandalizzat u xxukkjat bl-orruri ta' żewġ gwerer kbar fuq il-kontinent u l-fidi tħeżżet quddiem din it-tbatija kollha. Hija biss il-fidi li ddawwal is-Salib, imma meta r-raġuni lill-bniedem tgħidlu, bħalma qrajt darba, "L-alla tiegħi lil Hitler kien jagħtih attakk tal-qalb u mhux iħallih jagħmel dak li għamel", allura jinżera' dubju profond fis-subkonxju. Dan marrad il-fidi ħafna iktar milli forsi nissoponu. Wara ġiet it-trasformazzjoni tal-Ewropa li qajmet lill-kontinent fuq saqajh mill-istraġi tal-gwerra, u quddiem dan l-avanz tax-xjenza, tal-mediċina u tat-teknoloġija, quddiem ir-rinaxximent ta' bliet meqruda, il-bniedem beda jħossu 'adult'; ma baqax dak 'it-tifel' li quddiem is-sajjetti jitlob lil Santa Barbara. Beda jimmaġina li kapaċi jiddomina l-ħajja u ntilef il-bżonn t'Alla. Beda jiddieħaq bil-'bniedem-tifel' ta' dari. Qalbu xrafet għall-idea ta' Alla, l-aktar għall-għeruq Kristjani tiegħu. Għall-kultura Ewropea r-reliġjon saret *phobia* l-aktar minħabba l-biża' mill-Islam li, ngħiduha kif inhi, qed jagħmel reklamar mill-agħar lir-reliġjon. Xi reliġjożità baqa', u hi normali li l-*players* tal-*football* iroddu s-salib qabel joħorġu jilagħbu jew li l-knejjes jimtlew quddiem xi diżastru. Imma mur kellem lil xi ħadd fuq Ġesù Kristu u dan iħares lejk qisek xi baħnan.

### *Allat oħra*

Illum il-bniedem qed jitfa' r-reliġjożità naturali tiegħu fuq allat oħra ... għax il-firda minn Alla hi dejjem kwistjoni ta' idolatrija. In-nies ifittxu l-ħajja għand il-flus (alla antik!), l-ekonomija, id-drittijiet politiċi, ix-xjenza u t-teknoloġija u l-mentalità relattivista (ħadd ma jgħidli x'inhu tajjeb jew ħażin, dan għandi dritt niddeċidih jien). Fil-fond il-fond il-bniedem għamel lilu nnifsu alla u dan il-fatt mela lis-soċjetà moderna b'arroganza li twaħħxek. Wasalna biex il-*Journal of Medical Ethics* stampa artiklu, miktub minn Alberto Giubilini tal-Università ta' Milan u Francesca Minerva tal-Università ta' Oxford, intitulat: "*After-birth Abortion: Why should the baby live?*" **Dawn jargumentaw li l-qtil ta' trabi li diġà twieldu (infantiċidju) għandu jkun permess, mhux biss meta t-tarbija għandha xi diżabbiltà. Huma jisħqu li "l-*foetus* u tarbija li għadha**

**kif twieldet m'għandhomx l-istess status morali bħal persuna li kibret, u għalhekk il-liġi li tippermetti l-abort għandha tippermetti wkoll l-infantiċidju."**

**Dan hu tal-biża'. Fil-ġenn tiegħu l-bniedem qed jgħid hu x'inhu t-tajjeb u l-ħażin u m'hemmx limitu sa fejn jista' jasal. Xbajt nisma' fuq il-'Hitler storiku'. Hitler għadu ħaj u b'saħħtu llum, u fuq kollox għadu rrispettat.**

**Riħa ta' dan il-ġenn daħlet f'Malta. Waqt id-dibattitu tad-divorzju, dawk favur kienu makakki biżżejjed biex ħbew l-aġenda liberali tagħhom u qalu li l-ġlieda kienet għad-divorzju u xejn iżjed. Għaddew ftit xhur, u diġà bdejna niddiskutu ż-żwieġ *gay*. Dan mhu xejn ħlief qerq. Il-bniedem-alla jrid jiddomina l-istorja meta hu fatalment miġruħ għax mhux kapaċi jiddomina lilu nnifsu. Din hi d-dinja li qegħdin ngħaddu lil uliedna.**

*Min hu l-bniedem?*

Naħseb li l-battalja għal ruħ il-bniedem qed tiġi miġġielda fl-għalqa tal-antropoloġija. Min jien jien? Min inti int? Il-kultura dominanti tħares lejn il-bniedem bħala 'alla' tad-destin tiegħu; xejn ma jista' jwaqqaflu l-progress lejn orizzonti tal-għaġeb. Dan il-bniedem jistmerr l-idea ta' Alla superjuri għalih. Wieħed Malti kiteb fit-*Times*: "Li nemmen f'Alla huwa insult għall-intelliġenza tiegħi." Min se jgħidlu lil dan il-bniedem kif għandu jgħix; x'inhu tassew tajjeb u ħażin għalih?

Il-Bibbja, (ir-rivelazzjoni li Alla ta tiegħu nnifsu), għandha antropoloġija opposta, stupenda u fuq kollox ħanina. Il-bniedem hu ħlejqa limitata, dgħajfa, anke ta' min jagħdirha u jifhimha fl-iżbalji tagħha, u hi fi bżonn urġenti ta' salvazzjoni. Din il-viżjoni tneħħi ħafna responsabbiltà minn fuq spallejn il-bniedem u tpoġġih quddiem ir-rigal ta' Alla, il-grazzja. L-ewwel idea, dik tad-dinja, tipproġetta bniedem kburi, ċert minnu nnifsu; dik tal-Knisja hi ta' bniedem umli għax jaf li hu dgħajjef u li jpoġġi s-sigurtà tiegħu f'Alla. Min minn dawn it-tnejn għandu daru mibnija fuq il-blat nistgħu narawh fit-taħwid ekonomiku u finanzjarju preżenti.

*Bżonn ta' Knisja-Dawl*

Quddiem din il-qagħda d-dinja għandha bżonn Knisja mġedda, mimlija żelu, b'fidi li tagħti sinjali ċari li huma l-imħabba u l-għaqda ta' bejn l-aħwa. **Id-dinja għandha bżonn Knisja li hi dawl għax il-bniedem, bl-inganni u l-aljenazzjonijiet kollha li jkebbuh, hu bniedem fundamentalment imdejjaq u vojt. Il-bniedem qed jagħmel esperjenza li Alla kapaċi jdawwarhielu f'waħda pożittiva immens. Il-bniedem xeba' b'Alla u qed ifittex il-ħajja fl-idoli tad-dinja. Mhux se jsibha. Alla kapaċi jwettaq storikament fuq livell globali**



**l-parabbola tal-Iben il-Ħali.** Iktar kapaċi jdur lejn Alla b'qalbu kollha dak il-bniedem li skopra li mingħajr Alla m'hemmx ħlief mewt, milli dak li jaħseb li d-dnub hu frotta tassew tajba imma li jibża' jduqha għax min jaf x'jiġrilu.

Biex il-Knisja tkun dan id-dawl għandha l-ewwel tiġġedded hi; għandha l-ewwel tammetti b'umiltà li għandha bżonn konverżjoni. L-umiltà tgħidilna li Knisja ta' minoranza tista' tkun dawl ferm ferm iktar minn Knisja tal-massa, Knisja nazzjonali. Il-parroċċa għandha tkun komunità ta' komunitajiet, ilkoll mexjin f'maturazzjoni ta' fidi progressiva u permanenti. **Hemm bżonn ngħidu 'addio' għall-kultura dilettantistika li aħna boloh biżżejjed li naħsbuha fidi. Il-fidi tidher mill-opri li tipproduċi u ara qed jinbidel l-istaġun u min għandu l-fidi biss se jkun "*a man for all seasons*". Min iħobb jilgħab bil-knejjes, (anke qassisin!), jinġarr mal-kurrent.**


**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

*Kummentarju (5)*

# *Servej fost l-Istudenti Universitarji Għawdxin*



*kitba ta'* RYAN MERCIECA, *President GUG*

**Il-GUG għamel stħarriġ dwar l-istudenti Għawdxin li qegħdin jistudjaw f'Malta bil-għan li tinġabar informazzjoni utli u diretta dwar l-istil ta' ħajja ta' dawn l-istudenti u l-esperjenza tagħhom f'Malta. L-informazzjoni miġbura hija dwar bosta aspetti li b'xi mod jew ieħor jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tal-istudenti. Il-GUG imbagħad, ser joħroġ mid-data miġbura proposti li jistgħu jtejbu l-istil tal-ħajja tal- istudent u jtaffu ftit mit-tbatijiet tagħhom.**

Wieħed irid jinnota wkoll li l-istudenti Universitàrji Għawdxin jagħmlu 10% mill-istudenti li hemm fl-Università u għalhekk huwa importanti li d-diffikultajiet u l-bżonnijiet li jiltaqgħu magħhom iridu jkunu mogħtija vuċi u importanza, u għandhom jinstabu soluzzjonijiet malajr kemm jista' jkun. Apparti l-istudenti Universitàrji Għawdxin, hemm ukoll numru ta' studenti Għawdxin li jattendu l-MCAST u l-ITS ġewwa Malta.

L-istħarriġ kien fih ħames taqsimiet:

1. il-Kors ta' Studju
2. it-Trasport
3. l-Akkomodazzjoni u Nefqa
4. l-Attivitajiet
5. Mistoqsijiet Ġenerali

F'dan l-istħarriġ ipparteċipaw 405 student li jammontaw għal 38% tal-istudenti Għawdxin kollha li jistudjaw Malta. Is-servej kien miftuħ għal ħames ġimgħat, kien aċċessibbli mill-*website* u *facebook* tal-GUG u seta' jimtela biss onlajn. Intbagħat avviż dwar *survey* lill-istudenti permezz ta' *email.*

Mis-servej ħarġu diversi punti li jkun xieraq li jkunu kkunsidrati speċjalment dawk li l-awtoritajiet ikkonċernati jistgħu janalizaw u jieħdu azzjoni dwarhom. Bħala GUG ser tkun qiegħda tressaq diversi proposti u ideat.



Meta wieħed jistudja b'reqqa dan is-servej jista' jinnota li fir-rigward Taċ-Ċentru tal-Università ta' Għawdex hemm bżonn li l-amministrazzjoni ta' dan iċ-ċentru tagħmel pjan sabiex tkun tista' ssir aktar preżenti għall-istudenti Għawdxin. Ir-riżultati urew li l-istudenti Għawdxin ma jafux x'servizzi joffri dan iċ-Ċentru.

Fir-rigward tal-proposta għall-għażla lill-istudent Għawdxi, biex jkun jista' jagħmel l-eżamijiet f'Għawdex, din hija proposta li hemm bżonn tiġi attwata kemm jista' jkun malajr. Dan għaliex l-istudent Għawdxi ma jistax ikun li jibqa' għaddej mill-istress u mill-problemi li qed ikollu jaffaċċja. Il-problemi kollha jistgħu jkunu solvuti jekk l-istudent Għawdxi jkollu l-għażla li jagħmel l-eżamijiet f'Għawdex. Il-GUG għamel studju u ressaq il-proposti ta' kif din il-proċedura tista' faċilment titwettaq. Dan is-servej wera biċ-ċar li maġġoranza qawwija tal-istudenti jixtiequ jkollhom din l-għażla.

Minn dan is-servej ħareġ li x-xewqa tal-Għawdxin li jkollhom l-opportunità li jaħdmu f'Għawdex hija xewqa li ser tibqa' qawwija bħalissa u anke fil-futur. Madankollu għalkemm b'din ix-xewqa, l-istudenti Għawdxin mhux qed jaraw li din tista' tkun possibbli u saħansitra jaħsbu li ma hemmx awtoritajiet li qed jaħdmu sabiex din l-opportunità tingħata. Il-GUG għandu diversi proposti innovattivi ta' kif għandu jiġi kreat ix-xogħol għall-Għawdxin f'Għawdex stess, mingħajr ma jitneħħa l-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli minn din il-gżira. Dan għaliex l-istudent Għawdxi ma jixtieqx li Għawdex jitlef is-sbuħija tiegħu.

L-istudenti qegħdin iħossu wkoll id-diffikultajiet tat-trasport fl-iskarigg tagħhom bejn iċ-Ċirkewwa u l-Università. L-istudju li sar mill-GUG, daħal fil-fond ta' din il-problema u jirriżulta li din ukoll qed toħloq inkonvenjent għall-pazjenti u familjari Għawdxin li jkollhom bżonn imorru l-iSptar Mater Dei. Il-GUG qed jipproponi li b'mod immedjat għandha terġa' ssir rotta diretta li titlaq miċ-Ċirkewwa u tieqaf Mater Dei/



Università u tkun stazzjonata hemmhekk. Barra minn hekk, din l-istess rotta għandu jkollha anqas postijiet fejn tieqaf matul il-vjaġġ sabiex il-ħin tal-vjaġġ jitnaqqas konsiderevolment.

Is-servizz tal-*Gozo Channel* huwa wieħed essenzjali u min iħares lejn din il-kumpanija bħala waħda li tagħmel biss profit, ikun qed jiżbalja. Dan għaliex il-*Gozo Channel* mhijiex biss *business* imma wkoll servizz soċjali u infrastrutturali. Però qegħdin jidhru ċari n-nuqqas ta' tmexxija tajba u n-nuqqas ta' ideat kreattivi u innovattivi fl-istess tmexxija tal-*Gozo Channel*. Il-GUG lest li jressaq ideat kreattivi, innovattivi u konkreti għall-ġid komuni tal-Għawdxin kif ukoll il-Maltin u l-barranin.

Huwa fatt li l-maġġor-parti tal-istudenti Għawdxin joqogħdu Malta matul iż-żmien tal-Università, però n-nuqqas ta' trasparenza qed twassal għall-abbuż kemm fejn tidħol l-irċevuta tal-VAT kif ukoll mal-benefiċċju li jingħata lill-Għawdxin sabiex ikopri l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni. In-nuqqas ta' trasparenza qed tkun il-kaġun ukoll li ċerti appartamenti m'humiex ta' livell adekwat u anki fl-istess appartamenti joqogħdu aktar studenti milli suppost.

Id-diskriminazzjoni, kienet element ieħor li ġie studjat b'dan is-*survey* u rriżulta li hija preżenti mhux ftit u hija problema li ma għandhiex tkun injorata. Għalhekk għandhom jittieħdu passi immedjati għaliex din id-diskriminazzjoni qatt m'għandha tkun ittollerata.

L-aċċessibbiltà ta' Għawdex, minn dejjem kienet diskussjoni taħraq u f'dawn l-aħħar xhur, dan is-suġġett kien diskuss għal diversi drabi. Però għandu jkun ikkunsidrat li l-istudenti Għawdxin mhux qed jaraw il-link permanenti (*tunnel/bridge*) bħala soluzzjoni għal Għawdex. Jidher, skont ir-riżultati li ħarġu minn dan l-istudju li huma jemmnu aktar f'ajruport sabiex titjieb l-aċċessibbiltà għal Għawdex. L-istudenti Għawdxin jikkonfermaw li l-problema l-kbira mhix il-*Gozo Channel* imma t-trasport pubbliku u jekk il-*Gozo Channel* tkun immexxija kif suppost ser tkun soluzzjoni sostanzjali.

Minn dan l-istudju ħareġ li l-istudenti Għawdxin huma determinati u anki jaraw li l-potenzjal f'Għawdex mhux qed jiġi utilizzat. L-istudenti Għawdxin juru li jemmnu aktar f'Għawdex magħqud u li għandu jkun hemm rappreżentazzjoni diretta mill-Għawdxin stess mhux biss fil-Kunsill Studenti Universitarji (KSU) iżda ukoll f'bordijiet governattivi.

Bħala konklużjoni, nixtieq ngħid b'sodisfazzjon li proposti li tressqu din is-sena mill-GUG ġew aċċettati kif ukoll attwati bħal per eżempju ż-żieda fil-grant tal-akkomodazzjoni li wkoll ingħaqdet ma' dik tal-vapur. L-istudenti Għawdxin illum għandhom rappreżentanza fil-Kunsill Studenti Universitarji (KSU).



***Riflessjonijiet mill-Ittra Ċirkolari ta' Mons. Isqof Mario Grech "Stedina għat-Talba tar-Rużarju"***

# *"MARIJA: L-ISBAĦ F*

## 1 IR-REBBIEGĦA FIL-ĦOLQIEN

"Min ma jitgħaxxaqx f'dan iż-żmien tar-rebbiegħa ?..., il-fjuri bl-ilwien u l-fwejjaħ jawguraw ħajja ġdida.

"Ir-raġġi sbieħ tax-xemx jistidnuna nifthu t-twieqi ta' djarna, biex inbiddlu l-arja xi ftit immuffata li tkun inġemgħet bl-għeluq tax-xitwa."

## 2 IR-REBBIEGĦA FIL-ĦAJJA KRISTJANA

"Kieku din ir-rebbiegħa nixtiquha fl-oqsma l-oħra, bħal fil-każ tal-familja...

"Imma qed niktbilkom din in-nota biex nagħti leħen lil dawk li jixtiequ jaraw ir-Rebbiegħa fil-ħajja Kristjana.

**"Għandna bżonn nifthu t-twieqi ta' qalbna, biex inħallu l-imħabba ta' Kristu ssuqna.**

"Huwa urġenti li nifthu t-twieqi tal-komunitajiet nsara... tal-familja, tal-parroċċa, biex inħallu r-riħ li ġab Kristu Rxoxt itajjar ir-riħa tal-għeluq li xi kultant qiegħda tifgana."

## 3 "INDURU LEJN MARIJA: L-ISBAĦ FJURA"

"Inħeġġiġkom idduru lejn Marija, Omm Ġesù... **Hija l-isbaħ fjura li qatt fetħet fil-ħolqien...** Hi dik ir-roża mistika li warrdet fil-milja taż-żmien, meta Alla bagħat lil Ibnu biex jawgura Rebbiegħa Ġdida."

*Xi kliem sabiħ !*
*Ifakkruk f'dak li qalu fuq Marija :*

**S. Ġerman:**
***"Sliem għalik kollok fwieħa; ġilju bajdan ifuħ, warda li tfewwaħ..."***

*(mill-ktieb "Meditazioni Mariane")*

**U l-Papa Pawlu VI :**
***"Il più bel fiore dell'umanità redenta" ("L-isbaħ warda tal-umanità mifdija.")***

*13 ta' Mejju 1967*

## 4 "KULL FAMILJA TERĠA' TIBDA TINĠABAR BIEX TITLOB"

L-Isqof Mario jissokta jgħidilna:
"Nixtieq rrodd lura r-Rużarju lil kull familja tagħna, bit-tama li... kull familja terġa' tibda **tinġabar flimkien** biex titlob b'dan il-**brevjar tal-poplu**."

*"Terġa' tibda tinġabar": Grazzi Eċċellenza li fakkartna f'dak li kien qal il-Papa Ġwanni Pawlu II : "Ir-Rużarju huwa t-talba **tal**-familja u **għall**-familja.*

*Dari dik it-talba kienet tiġbor il-familja flimkien.*

*Huwa importanti li ma nitilfux dan it-teżor prezzjuż."*

*(Ittra Apostolika "Rosarium Verginis Marie, 16 / 10 / 2002)*

## 5 "IR-RUŻARJU: IL-BREVJAR TAL-POPLU"

*X'espressjoni ħelwa!*

- Ir-Rużarju: *"Biblia Pauperum"*
  *il-Bibbja tal-popolin, kien qal il-Kardinal Angelo Roncalli, li wara sar Ġwanni XXIII*
- Ir-Rużarju: "l-Evanġelju kollu miġbur fil-qosor"
  *(Papa Pawlu VI, fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika)*
- Ir-Rużarju: "*prayer book* għal idejn kulħadd; il-vantaġġ tiegħu hu li tista' tgħidu kull xħin trid"
  *(Fr . Peyton, Appostlu Amerikan tar-Rużarju fil-familja)*

## 6 "BIEX INQIEGĦDU LIL ĠESÙ FIĊ-ĊENTRU TA' ĦAJJITNA"

L-Isqof Mario jkompli:

"Meta naħsbu fuq il-misteri tar-Rużarju flimkien ma' Marija, aħna ndawru qalbna lejn il-misteru ta' Ġesù.

**Hekk naslu biex inqiegħdu lil Ġesù fiċ-ċentru ta' ħajjitna, tal-familja tagħna, ta' raħalna, ta' beltna, biex dawn ikomplu jwarrdu."**

Dan hu l-iskop ewlieni tar-Rużarju;
***Li nqiegħdu lil Ġesù fiċ-ċentru.***

Dawl għall-Ħajja

Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca

# JURA TAL-ĦOLQIEN"




- *Hekk għamlet Marija; poġġiet lil Ġesù fiċ-ċentru billi kienet timmedita fuq dak li kien jgħid u jagħmel Binha Ġesù.*
- *Hekk irridu nagħmlu aħna:*
  *"In the current world, so dispersive, this prayer helps to put Christ in the centre." – Illum, f'dinja ta' ħafna fixla u tixrid tal-moħħ, ir-Rużarju jgħinna npoġġu lil Kristu fiċ-ċentru ta' ħajjitna."*

*(Papa Benedittu XVI, Bażilika Santa Maria Maggiore, 3 / 5 / 2008)*

## 7 IS-SANTWARJI MARJANI

L-Isqof Mario jżid jgħidilna:

"Huwa ta' konsolazzjoni kbira għalija li matul l-Erbgħat tal-Madonna, nara tant pellegrini jżuru s-Santwarji Marjani tagħna, partikolarment Ta' Pinu."

***Is-Santwarji Marjani***

- *"vere cliniche dello spirito" – hekk sejħilhom il-Papa Pawlu VI: "Tassew klinika spiritwali".*
- *"Oasi tal-Ispirtu" – hekk sejħilhom Ġwanni Pawlu II*

***Għaliex?***

- "għax huma ċentri ta' spiritwalità profonda,
- fejn il-pellegrini jsibu atmosfera ta' talb u skiet,
- fejn huma jiltaqgħu ma' Alla,
- fejn huma jġarrbu esperjenza intima tal-imħabba kbira ta' Alla".

*(Ġwanni Pawlu II, 25 / 6 / 1999)*

## 8 KONKLUŻJONI

L-Ittra tiegħu Mons Isqof sejħilha **"Stedina għat-Talba tar-Rużarju"**

- **hija stedina u sejħa**
  **hi stedina: Ejjew nilqgħuha bil-qalb!**
  **hi sejħa: Ejjew inwieġbu għaliha... is-sena kollha.**

***Marija hija Ommna.***
***Tilqagħna, tħarisna u tgħinna DEJJEM!***

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *"Raxx tas-Silenzju" ta' Charles Bezzina Nebħiet riflessivi ta' Tarċisju Zarb*

**Raxx tas-Silenzju – Poeżiji 2008-2011 b'daħla mill-Professur Oliver Friggieri, Għawdex 2012, stampat A&M Printing Lt., Il-Qala, Għawdex. Disinn tal-Qoxra: Joe Camilleri. B'dedika Lil Ommi. Paġni 199.**




*A poet is a nightingale,*
*who sits in darkness*
*and signs to cheer its*
*own solitude with sweet*
*sounds; his auditors*
*are as men entranced*
*by the melody of an*
*unseen musician, who*
*feel that they are moved*
*and softened, yet know*
*not when or why.*

Percy Bysshe Shelley

(*ikkwotat minn Charles Bezzina fil-ftuħ tal-ktieb tiegħu*)

Kif se npenġu s-silenzju ta' ġo fina? Kif jista' qatt is-silenzju jitraxxax? Kif jista' dak li huwa inanimat jikseb dimensjoni likwida? U għalfejn il-ħtieġa tal-likwidità tas-sikta? X'inhu l-iskop tal-poeta li jipprova jikkonkretizza dak li ma jistax jiġi kkonkretizzat? Għalfejn il-ħtieġa tal-konkretazzjoni tal-astrazzjoni. U minn fejn beda kollox fil-qiegħ nett tal-ispirtu jew tal-lingwa?

U dak huwa li jipprova jagħmel Charles Bezzina. U din tiegħu mhijiex prova ta' darba. Imma prova kontinwa. Għanqbuta affluenti ta' tentattivi ritmiċi li tipprova tiggranfa ma' xi waqt li fl-astrazzjoni tiegħu jista' b'xi mod, għallinqas f'dak il-lampu poetiku, jinħafen u jkun jista' jikseb xi tip jew ieħor ta' fiżiċità, jekk xejn fiżiċità lingwistika.

Charles Bezzina jinħass li huwa dik ir-ruħ poetika li lil hinn mill-konswetudnijiet ta' kuljum issib l-oażijiet ritmiċi tagħha, hekk kif titbiegħed minn dak li huwa konkret, fiżiku u aċċessibbli f'termini materjalistiċi, u f'dawn il-waqtiet titkellem ma' figuri u ambjenti idealizzati fil-qiegħ nett ta' ruħu u magħhom tgħid u tgħid u terġa' tgħid. Tgħid fost ħwejjeġ oħra dwar il-beżgħat, il-ħlewwiet, l-ansjetajiet, l-angstijiet, il-weġagħijiet, it-turbulenzi, l-inkwetudnijiet tal-qiegħ nett ta' ruħna – ir-ruħ tal-poeta.

Ir-'ruħna' tal-poeżija, hija r-ruħ arketipika tagħna l-umanità, li indipendentement minn jekk niktbux jew ma niktbux poeżiji, il-ħin kollu maqbudin fiħom bħal f'għanqbuta ta' mappa, li għaddejja l-ħin kollu tinseġ lilha nnifisha, filwaqt li fl-istess ħin tinqabad fl-istess insiġ mistiku tagħha.

Jgħinuh f'dawn l-itinerarji mistiċi u intimistiċi tiegħu għandu r-ritmi, il-prosodiji, ir-rimi, il-kadenzi, it-tinnijiet tal-istess aċċenti. Huma dawn il-prosodiji tal-lingwa, fil-forma poetika, ħafna drabi tal-istess forma, li jgħinuh iwassal it-turbulazzjonijiet tiegħu – turbulazzjonijiet li huwa jiddeskrivi b'dehwa. Anzi huma aktar minn deskrizzjonijiet. Huma għejxinijiet repetuti. Jew aħjar, huma għejxinijiet ta' min konsistentement u insistentement jara jaqbadx ma' xi tip jew ieħor ta' istant, li jwasslu biex fl-aħħar ilesti l-*jigsaw puzzle* bla tarf tal-ħajja.

Il-poeta qiegħed fl-astratt. Il-poeta qiegħed jgħix il-ħajja tiegħu maqtugħ mid-dinja tar-realtà fiżika, realtà madankollu li tinsab mistifikata u metafiżiċċata kontinwament. Hija din il-qagħda ta' ruħ epistimoloġika ta' ħajtu. Il-ħajja tiegħu hija f'din id-dinja li l-poeta, kull waqt li jkollu, hekk kif ikun qiegħed iterraq fl-itinerarju tal-ħajja fiżika, jidħol jistkenn fihom.

U f'dawn l-istkennijiet, anke jekk ikunu mtaqqla b'toqol kbir tal-eżistenza bl-inkwetudnijiet li ġġib magħha tagħtih nifs. In-nifs huwa dak ta' min li hawnhekk f'dawn ir-rifuġji eterji li jieħdu forma viżiva permezz tal-kliem jgħinuh biex jikseb nifs ġdid bejn l-ispazji konsonantali tal-ħajja.

Din ta' Bezzina mhijiex għażla tiegħu personali. Huwa minnu li hemm l-aċċidenti prosodiċi li huwa kiseb mil-letteraturi tal-madwar. Huwa minnu li dawn l-aċċidenti prosodiċi huma l-aċċidenti li huwa kiseb mill-kostrutt kulturali Malti-Għawdxi li sawru, imma aktar minn hekk id-divarjijiet tiegħu huma divarjijiet li huma mmexxija minn psikoloġija tal-qiegħ li tagħfas kontinwament fuqu b'insistenza u titolbu bil-ħniena biex jesprimiha.

Forsi, jista' jkun li huma dawn il-waqtiet ta' mewt għall-ħajja tal-madwar, li huma l-uniku għajxien li Bezzina jgħix. Forsi huma dawn il-waqtiet ta' ktib, kitba u kitbiet ħerġin baraxx mill-qiegħ nett tal-ispirtu tal-poeta, li wara, għallinqas għal ftit istanti meta jerġa' jaffaċċja d-dilluvji jew il-pjanuri tal-ħajja ta' kuljum, li jwassluh biex jgħix il-ħajja fiżika tad-drawwa, in-norma u r-regola li l-eżiġenzi tal-annimal soċjali jitfgħu fuqu.

U għaldaqstant, Bezzina jista' jitqies bħala l-bniedem li idealment jaqta' vjaġġ lil hinn mill-fiżiċità tal-ħajja ta' kuljum, biex jasal wasal fl-eden poetiku – eden li lilu jsostnih, jagħnih u jgħinu jgħix il-waqtiet solenni, sbieħ u mistiċi tal-eżistenza. Hija din it-tip ta' eżistenza, li Bezzina jqis li hija l-unika eżistenza. Kull tip ieħor ta' passaġġ ma jwassal għal imkien.

L-idilju ta' Bezzina huwa l-idilju tal-poeżija – dak il-kostrutt letterarju, li permezz tiegħu l-bniedem ikun jista' joħloq fih id-diskorsi elaborati, intimistiċi, sempliċi, diretti ma' esseri oħra, animajiet ieħor, sensorjitajiet oħra, li ma jmeruhx, imma jħalluh jgħid tiegħu. Jew, forsi aħjar, huwa f'dawn l-ambjenti mistifikati, li l-poeta jista' jitnaddaf mill-ħajja tal-madwar, anke jekk f'dawn l-istess ambjenti l-aspett fiżiku mimsiesi, maħsus u mimgħex jeżisti wkoll.

Wara kollox, mhuwiex possibbli għall-poeta li jeħles minn lessiku ta' kontenut, li jġorr miegħu kull tip ta' tagħrif u informazzjoni, jekk fl-istess ħin irid jgħix il-waqtiet il-kbar tal-intimità tar-ruħ.

U sadattant il-poeta jibqa' jikteb.

Awguri Charles, u j'Alla, xi darba tasal fl-imkien fejn dawn ir-realtajiet intimistiċi li inti taf tesprimi b'daqshekk ħila ritmika, metafora arketipika u għajxien fil-qiegħ nett tal-ispirtu twasslek biex issib l-oażi, li s'issa, forsi għadha qiegħda tinħass bħala miraġġ fil-bogħod 'il bogħod. Din tiegħek hija missjoni sabiħa. Prosit.

***Tarċisju Zarb***


Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAN-NAR FIL-FESTI TAGĦNA (5)*

Għandna iktar kuluri minn dawk li semmejt int aħmar, aħmar demm il-baqra (*red ruby*), aħmar tad-dawl, abjad, abjad tad-dawl, isfar, isfar tad-dawl, aħdar, aħdar tad-dawl, aħdar piżella, li jkun ċar, vjola, ikħal, oranġjo u *aqua-green* jew *turquoise*. Teżisti t-teknika komuni ħafna li nsejħulha tal-fossa fejn tara denb ta' raxx u kulur fuq bħalma ġieli tkun ix-xemgħa Rumana biex niftiehmu. Biex isir dan sempliċement titwaħħal stilla tar-raxx ma' waħda ta' lewn ieħor bħalma ngħidu aħna ħadra. Għandna wkoll tip ta' Ditter li nsejħulu denb il-ħaruf. Dan ikun qisu raxx ta' dija kbira lewn il-fidda, li ddum taqbad ħafna. Hemm ukoll tip ta' stilla li nsibuha bħala *blu-silver*, li tara kulur ikħal b'denb tal-fidda iżda mhux raxx. Hemm ukoll *red-silver* li hi l-istess bħal ta' qabilha iżda lewn aħmar. Hemm ukoll l-istilla tiġri jew *shooting star* li tkun stilla b' żewġ (2) ilwien differenti li jmorru fl-oppost ta' xulxin, meta jaqsmu. Is-serpentelli jiġu f'diversi lwien, bħal fil-każ tagħna, aħdar, aħmar, isfar u abjad. Iżda rajt ukoll ikħal fl-Imqabba (Madonna tal-Ġilju) u Ħal Għargħur.

Fl-artiklu tiegħek semmejt il-lampara. Mhux ċert jekk hux tirriferi għall-bomba lampjun kif insejħulha aħna. Din hija bomba li tixgħel safranija u tinħaraq bil-lejl. Din issir sempliċi, jew ikollok bott tal-gass tal-lampi komuni jaw bott *fuel* tal-*lighters* li twaħħlu fil-qiegħ ta' l-iskartoċċ. Importanti li l-bott jiġi mdawwar kollu *tape* sabiex il-materjal ma jsaddadx il-bott u jagħmel reazzjoni. Imbagħad, meta jitwaħħal, jimtela l-iskartoċċ kollu sa fuq bil-berqa safra. Imbagħad jintrabat bħal bomba normali.

Ħaġa li naħseb ma semmejtx hi li f'kull tip ta' murtal jew bomba hemm dak ix-*shock absorber* li jkun magħmul minn kartun tal-fdewwex skont il-qies tal-murtal. Dawn ikunu qishom ċrieki tal-kartun imwaħħla ma' xulxin u jitwaħħlu fil-qiegħ tal-murtal u taħthom jitwaħħal it-tir. Il-funzjoni tagħhom hi biss li jservu sabiex meta jisplodi t-tir, ma jagħmilx ħsara lill-murtal u forsi jifqgħu fil-kanna. Aħna nsejħulhom kwawar. Il-kartun l-ieħor f'forma ta' diski li jintużaw biex jagħlqu l-murtali nsejħulhom takki.

Fl-aħħar ridt ngħidlek li hemm tip ta' murtal li aħna nsibuh tal-bibillu. Dan jikkonsisti f'qasma beraq, imbagħad, forsi ħames (5) bombi jew sitta (6), qasma beraq oħra u terġa' ħames (5) jew sitt (6) bombi, qasma beraq (anki tal-ħsejjes) fl-aħħar u bomba.

Nittama li tajtek naqra iktar ħjiel fuq dan id-delizzju tant għal qalbi. Grazzi.

Dejjem Tiegħek,
Mario Micallef

Kulmin qara l-artiklu tiegħi aktar qabel jista' japprezza kemm tagħrif ġdid żied isemmi ma' dak li kont għidt jien is-Sur Mario Micallef f'din l-ittra, metodi ta' kif isir xi xogħol tan-nar, ismijiet, nomenklatura u frażjoloġija oħra, u tagħrif ieħor.Dan hu s-sabiħ tal-kitba u s-Sur Micallef ħaqqu r-ringrazzjament tiegħi u tad-dilettanti kollha tan-nar li jien żgur li jieħdu pjaċir jaqraw l-ittra tiegħu. Nappella lil dilettanti oħra tan-nar biex jiktbuli, jew inkella jikkomponu artikli huma stess u jippubblikawhom fuq programmi tal-festa, l-aktar dawk dedikati għall-wirjiet piroteknici. Ngħid għalija qatt ma kont smajt bil-kelma bibillu. Għalhekk, ikun ta' interess kbir li jsiru kitbiet minn diversi nħawi ta' Malta u Għawdex għax kull kamra jista' jkollha l-kliem tekniku partikulari tagħha.

Nagħlaq bi twissija. Ħadd m'għandu jinqeda b'dawn il-kitbiet biex jagħmel xi xogħol tan-nar. Ix-xogħol tan-nar jitlob esperjenza u preċiżjoni, u dan it-tagħrif ma jingħatax biex wieħed jitgħallem jaħdem in-nar, imma l-aktar biex jiżdied il-għarfien, l-interess u l-apprezzament ta' din is-sengħa hekk importanti u popolari. Niftakru:



ix-xogħol tan-nar hu sabiħ ferm, imma perikoluż wisq, l-aktar għal min ma jkunx imdorri jaħdmu.

***Inċidenti koroh u mwiet bin-nar***

Meta wieħed iħares lejh mill-bogħod, in-nar tal-festi huwa ħaġa sabiħa, u wieħed għandu jammira u japprezza xogħol u l-ħidma ta' min jagħmlu. Iżda daqskemm hu sabiħ in-nar hu ikrah. Il-qawl Malti igħid li "min jilgħab man-nar jinħaraq". B'xorti ħażina kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta ġraw bosta inċidenti serji ta' korrimenti u mwiet bil-logħob tan-nar. X'uħud setgħu ġraw bi traskuraġni, u oħrajn b'aċċident minħabba d-delikatezza tax-xogħol. Kmamar tan-nar ġieli taru wkoll meta fihom ma kien hemm ħadd u għalhekk żgur li f'dak il-każ ma kienx it-tort ta' xi ħadd, almenu fil-ħin li fih il-kamra tkun splodiet.

Ħafna kienu dawk li mietu fi splużjonijiet ta' kmamar tan-nar.

Ma ninsewx ukoll kemm nies korrew gravi u baqgħu immankati bin-nar.

Għalhekk nagħlqu din il-kitba b'dawn it-twissijiet:

1. It-tfal u ż-żgħażagħ qatt m'għandhom jiġbru murtali u bombi oħra tal-festa li ma jkunux ħadu.
2. Ħadd m'għandu jipprova jiftaħ murtal biex jara kif ikun magħmul. Din it-twissija tgħodd għal kulħadd, anki jekk tkun imgħallem tan-nar.
3. Jekk ma jkollokx x'taqsam, tersaqx lejn postijiet fejn jinħadem in-nar.
4. Jekk tħobb taħdem in-nar, ara li tistudja xi ftit dwar il-kimika biex tkun taf x'perikli hemm fit-taħlit. Qatt m'għandek tipprova tagħmel taħlitiet ġodda jew metodi oħra minn żniedek!
5. Meta tmur festa, in-nar oqgħod gawdih mill-bogħod kemm jista' jkun u fejn ma jkun hemm ebda periklu.

**TMIEM**

*Tagħrif bil-fomm:*
*George Portelli, Rabat, Għawdex*



*Irqaqat mill-Istorja (1)*

# Don Bosco jidħol biex jibqa' fil-qlub tal-Għawdxin



## 40 Sena mill-mewt ta' Dun Alwiġ Mizzi SDB (1901-1972)

*kitba ta'* **ĠANNINU CREMONA**

Kien għadu ma tlestiex mill-bini kollu l-Oratorju li Dun Pawl Micallef bena, fejn darba kien iċ-ċimiterju tal-Matriċi fi Pjazza Sant'Wistin, meta Dun Alwiġ Mizzi, l-ewwel Salesjan Għawdxi, mill-Għarb, beda l-ħidma tiegħu b'risq it-tfal u ż-żgħażagħ, f'Għawdex.

Kienet dar ġdida, qed titlesta biex tilqa' fiha l-familja Salesjana. Dun Alwiġ kellu jkun l-ewwel Salesjan u l-ewwel direttur li beda jmexxi l-opra ta' Dun Bosco f'Għawdex bis-sistema Salesjana. Meta Dun Alwiġ wasal Għawdex minn Katanja fis-sena 1947 lanqas biss kellu kamra fejn jorqod, u għalhekk għall-irqad kien imur Manresa filwaqt li għall-ikel kien imur is-Seminarju. L-ewwel li għamel kien li jforni l-Oratorju bl-aktar affarijiet neċessarji biex l-Oratorju jista' jibda' jiffunzjona. Minn Katanja ġab miegħu apparat elettroniku bħal *projectors*, *tape recorders*, *amplifiers*, *loud speakers* u affarijiet oħra mekkaniċi li f'dak iż-żmien aħna qatt ma konna rajna bħalhom u dawn servew ta' lixka li ġibdet ħafna lejn l-Oratorju. Mat-tfal u ż-żgħażagħ ta' żmien Dun Pawl bdew jingħaqdu oħrajn u s-sistema Salesjana bdiet taqbad u timxi b'ritmu mgħaġġel. Dun Alwiġ ta ġidu kollu, u kull ma kellu minn tal-familja, fid-dar l-Għarb, ġarru kollu lejn l-Oratorju. Jiena kont wieħed miż-żgħażagħ li f'dak iż-żmien kelli karozza u min jaf kemm-il darba kont immur miegħu l-Għarb u nimlew il-karozza bil-platti, borom, tazzi u dak kollu li kien jeħtieġ għall-kċina, anke lożor, kutri u mtieraħ.

Wara xi żmien, fis-sena 1949 ngħaqdu miegħu żewġ Salesjani oħra, Fr Joseph Mangion SDB u Fr Joseph Borg SDB. Kienu żewġ Salesjani żgħażagħ milmija ħeġġa, dħulin u ħabrieka, u f'qasir żmien il-familja Salesjana f'Għawdex iffurmat ruħha. Il-ħolma ta' Dun Pawl seħħet. Dun Alwiġ kellu lill-avukat Ġużeppi Pace ħabib kbir tiegħu. L-avukat kien iħobb lis-Salesjani u kull nhar ta' Sibt kien jiġi jaqdi lill-klijenti f'kamra fl-Oratorju u l-flus li kien idaħħal kien jagħtihom kollha lil Dun Alwiġ għall-bżonnijiet tal-Oratorju. B'hekk ir-rota bdiet iddur u l-Oratorju malajr sar iċ-ċentru tal-formazzjoni spiritwali, kulturali u soċjali tat-tfal u ż-żgħażagħ f'Għawdex. Dun Alwiġ kien iħobb ħafna lil Dun Bosco u l-imħabba tiegħu rawwimha fit-tfal u ż-żgħażagħ. L-esperjenzi li ġab miegħu mill-Italja għenuh fil-ħidma tiegħu b'riżq iż-żgħażagħ Għawdxin.







L-akbar biċċa xogħol tiegħu kienet li jifforma grupp ta' aspiranti Maltin u Għawdxin bil-għan li 'l quddiem isiru Salesjani. Hu kien jaħsbilhom għal kollox bla ħlas. Xi wħud minnhom saru Salesjani u illum qed jaħdmu kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi barranin.

Il-palk kien ħafna għal qalbu għax kien jemmen f'dak li qal Dun Bosco li "*l-palk huwa għajn ta' tagħlim*". L-akbar biċċa xogħol tiegħu kienet id-dramm f'ħames atti tal-Passjoni li kiteb huwa stess. Dan sar fis-sena 1953. Ħadu sehem madwar tmenin persunaġġ kollha rġiel għax f'dawk iż-żminijiet in-nisa ma kinux jitħallew jieħdu sehem fuq il-palk tal-Oratorju. Dik is-sena d-dramm inħadem għal seba' darbiet u s-sala dejjem mimlija. Dan kien suċċess għal Dun Alwiġ kemm bħala direttur kif ukoll bħala awtur.

Il-futbol fi żmien Dun Alwiġ kien attività oħra kbira li għamlet lill-Oratorju popolari ma' Għawdex kollu. Fis-snin ħamsin it-tim tal-Oratorju bl-isem *Salesian Youths* kien iċ-*champion* tal-kampjonat ta' Għawdex għal diversi snin. Dun Alwiġ kien jifraħ bir-rebħiet u wara kull rebħa kien jistenna lill-plejers jaslu l-Oratorju u jilqagħhom fuq it-taraġ tal-bieb prinċipali jxejjer il-bandiera ta' Dun Bosco. L-entużjażmu kien kbir ħafna u l-innu '*Dun Bosco l-qaddis tagħna*' kien jinstema' jidwi mal-pjazza kollha ta' quddiem l-Oratorju minn mijiet ta' tfal u żgħażagħ ferħana.





Dun Alwiġ ukoll xtaq li jwaqqaf il-*boys brigade* u rnexxielu. Ġabar grupp sabiħ ta' żgħażagħ taħt it-tmexxija ta' Fr Joseph Borg SDB. Kien fihom għaxqa bl-uniformi ħadra jieħdu sehem f'okkażjonijiet speċjali.

Dun Alwiġ Mizzi kien bniedem ta' personalità qawwija. Il-preżenza tiegħu kienet tixhed serjetà u dixxiplina. Kien iħobb it-tfal u ż-żgħażagħ u huma kienu jħobbuh. Kull nhar ta' Ħadd fit-8.00am. il-kappella li kienet fis-sular ta' fuq tal-Oratorju kienet tkun mimlija ġuvintur għall-quddiesa. Bħal Dun Pawl Micallef, Dun Alwiġ ta ġidu u biċċa kbira minn ħajtu għall-Oratorju ta' Għawdex. Hu kien il-pedament tal-ħajja soċjali ta' ħafna żgħażagħ li ħafna minnhom imxew 'l quddiem fil-ħajja. Dun Alwiġ daħħal lil Dun Bosco fil-qlub tagħna l-Għawdxin u wettaq sal-aħħar il-ħolma ta' Dun Pawl Micallef. Għalkemm il-qagħda tas-Salesjani fostna kienet waħda qasira, imma s-sistema tagħhom għadha fostna u lil Dun Bosco ġabuh biex jibqa'.


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Mixxellanja*

# *Kemm se jdum Għawdex fl-Appendiċi?*



*kitba ta'* MICHAEL TABONE

L-art u l-baħar li hu Għawdex huwa tagħna lkoll, darna u artna. Ma' din il-proprjetà tiġi wkoll ir-responsabbiltà, id-dover li għandna li nħarsu dak li sibna, u jekk jista' jkun ukoll intejbuh, għal dawk li jiġu warajna.

Illum aħna, kemm bħala Maltin kif ukoll bħala Għawdxin, għad għandna konflitti ta' opinjoni rigward dak li hu Għawdex fil-konfront ta' Malta.

L-idea li Malta (gżira) biss hija n-nazzjon, fejn Għawdex jitqies bħala appendiċi hija mentalità antikwata u żbaljata għall-aħħar. Għalkemm qatt ma tissemma' fuq livell pubbliku, tinħass ħafna fuq livell soċjali. Intrinsikament, il-pajjiż huwa l-Arċipelagu Malti, fejn Għawdex u Malta huma fuq l-istess livell. Huwa għalhekk li ċ-ċokon tal-gżira Għawdxija għandu jkun irrelevanti meta wieħed jitkellem fuq livell nazzjonali. Il-minoranza tagħna bħala Għawdxin m'għandha qatt tkun bażi għall-preġudizzju.

Madankollu, wieħed għandu japprezza l-fatt li r-realtà tal-ħajja Għawdxija hija totalment differenti minn dik Maltija. Għandna bżonn li nagħrfu l-veru valur ta' dik li hi l-kultura intrinsika Għawdxija, distinta minn dik nazzjonali; u mhux hekk biss, iżda hemm bżonn li nkunu kburin b'dak li jagħmilna differenti, u għaldaqstant uniċi.

Irridu nirrikonoxxu s-soċjetà Għawdxija bħala distinta minn dik Maltija, msawra f'kuntest differenti, li jagħti lil Għawdex identità unika bħala reġjun fl-Ewropa moderna.

Għawdex jikkwalifika kemm ġeografikament kif ukoll kulturalment għall-entità ta' reġjun. Din ir-reġjonalità, iżda, mhijiex istitjonalizzata, bil-konsegwenza li din ir-reġjonalità mhijiex rikonoxxuta mhux biss fuq livell lokali, imma wisq anqas fuq livell internazzjonali.

Hija din ir-reġjonalità illi Għawdex għandu bżonn sabiex ikun jista' tabilħaqq iħaddan dik li hi identità Għawdxija, u b'hekk sitwazzjonijiet soċjali, ekonomiċi, u kulturali, jiġu indirizzata f'kuntest Għawdxi. Dan huwa, wara kollox, fl-interess nazzjonali, meta wieħed iqis kemm Għawdex għandu potenzjal biex jikkontribwixxi lejn l-ekonomija u s- soċjetà tal-pajjiż.

Dan kollu , Għawdex għandu l-jedd għalih, u huwa biss bil-ħidma u l-għaqal tagħna l-Għawdxin flimkien li din il-ħolma – li mhix għajr ħolma realistika – tista' sseħħ.

*X'inhi l-ħasba ?* *minn M.J.X.*

# MORALI, TEOLOĠIJA U EKONOMIJA

Meta kienet għaddejja l-kriżi ekonomika tal-1929, teologu kbir Franċiż, Chenu, kien qal li l-kriżi ma kinitx tal-flus u x-xogħol, imma kriżi ta' ċiviltà sħiħa. U nħoss li dan il-ħsieb, intwizzjoni profetika ta' wieħed li jieħu l-problemi b'mod integrali u ħolistiku, nistgħu napplikawh għal żmienna.



Il-problemi ekonomiċi huma sinjal ta' stil ta' ħajja li m'għadniex kapaċi nsostnuha. Qed nheddu l-ambjent u l-ekwilibriju ekoloġiku. Pajjiż bħal Greċja qed jirriskjaw li jikkrollaw. X'hemm wara dan kollu? Jekk nanalizzaw sewwa dak li ngħad, speċjalment għal Greċja, insibu li kien id-dnub tal-egoiżmu li ġabna fiex ġejna. Difatti fil-kummentarji ekonomiċi u fl-aħbarijiet jissemmew il-gideb tal-mexxejja politiċi li ħbew il-figuri veri dwar l-ekonomija tal-Greċja, nies li ġew iffavoriti finanzjarjament imma li ma kienu jipproduċu xejn għall-pajjiż, u l-ħela sfrenat fil-proġetti, speċjalment għall-Olimpijadi.

Mela l-problema ekonomiku ma nirranġawhx billi sempliċiment niffaċilitaw il-produzzjoni u l-iżvilupp. Ma jistax ikollok ekonomija f'saħħitha jekk ma jkollokx ġustizzja distributtiva.

It-teologu u l-ekonomista jitħaddtu fuq Alla u l-flus rispettivament. It-teologu jkun jagħmel xogħlu sewwa meta jkun attent għad-dinja u għall-bniedem. Għax is-saltna t'Alla titwettaq fl-istorja tal-bniedem u hija mixja kontinwa.

Tassew, is-soluzzjoni għall-kriżi ma tiġix mill-banek, u lanqas mill-iżvilupp maqtugħ mill-problema soċjali. Meħtieġa ħajja etika ta' karità magħġuna mal-ġustizzja. Fi kliem ieħor, għandna bżonn ċiviltà ġdida, imsejsa fuq valuri li nisslu l-Ewropa. Forsi rridu mmorru lura għal dak li aħna!

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

KOTBA
Minn Għawdex

# Il-Qaddisin imexxuna lejn is-Sena tal-Fidi

**Pietru Sammut, *Mixja mal-Qaddisin ta' Kuljum*, Lumen Christi Publications, Malta 2012, illustrat, 381 pp. €10.**




Fl-Ittra Appostolika tiegħu *Porta Fidei*, li biha inawgura s-Sena tal-Fidi li tiftaħ f'Ottubru li ġej, il-Papa Benedittu XVI qalilna li "element ta' importanza deċiżiva f'din is-Sena sa jkun dak li **niskopru mill-ġdid l-istorja tal-fidi tagħna**, immarkata kif inhi bil-misteru profond tan-nisġa bejn il-qdusija u d-dnub... Ta' l-ewwel **tixħet dawl fuq il-kontribut kbir li taw bosta rġiel u nisa lit-trawwim u l-iżvilupp tal-komunità permezz tax-xhieda ta' ħajjithom...**" (13). Il-Papa jissokta jgħidilna li "fih li miet u qam mill-mewt għas-salvazzjoni tagħna, l-eżempji tal-fidi li mmarkaw dawn l-elfejn sena ta' storja tas-salvazzjoni tagħna jidhru fil-milja tad-dawl tagħhom".

B'dan il-mod il-Papa jipproponilna l-eżempju tal-qaddisin bħala għajnuna konkreta għall-ħajja tal-fidi. Kien bil-fidi tagħhom f'Dak li hu "l-għajn ta' kull qdusija", li l-Verġni Mbierka qabel kulħadd, l-Appostli, il-Martri, il-Verġni u l-Konfessuri, u tant **nies ta' ħajja qaddisa "li isimhom hu miktub fil-Ktieb tal-Ħajja, stqarrew kemm hu sabiħ li timxi wara l-Mulej Ġesù, kulfejn ġew imsejħa jagħtu xhieda tal-fatt li huma Nsara: fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, fil-ħajja pubblika, u fit-tħaddim tal-kariżmi u l-ministeri li għalihom kienu msejħin**". Hu għalhekk li sal-lum il-Knisja tkompli tipproponilna dawn il-mudelli ta' ħajja Nisranija – il-qaddisin – biex qabel xejn nimitawhom u anki nitolbu l-interċessjoni tagħhom quddiem Alla.

Fin-nota pastorali tagħha b'rabta mas-Sena tal-Fidi, maħruġa fis-6 ta' Jannar 2012, il-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi qaltilna li "**Il-qaddisin u l-beati huma xhieda awtentiċi tal-fidi. Hu għalhekk opportun li l-Konferenzi Episkopali jaħdmu biex jitqassam iktar tagħrif fuq il-qaddisin... anki permezz ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni soċjali**" (II, 5). F'dan id-dawl, hu tassew floku li, fuq l-għatba ta' din is-Sena tal-Fidi, il-*Lumen Christi Publications* tad-Djoċesi ta' Għawdex qed jagħtuna verżjoni aggornata u preżentabbli tassew tal-ħajjiet fil-qosor tal-qaddisin prinċipali li nsibu għal kull ġurnata fuq il-kalendarju liturġiku. Intitolat *Mixja mal-Qaddisin ta' Kuljum*, dan il-ktieb ta' 381 paġna, l-għaxar wieħed fis-sensiela *Qawsalla Reliġjuża*, hu mħejji minn Dun Piet Sammut, li fil-passat diġà tana xogħlijiet interessanti bħal *Kristu: Ħajtu u Tagħlimu* (1997) u *Il-Ħajja tal-Imqaddsa Verġni Marija* (2008).

Bijografiji individwali ta' qaddisin, anki fi lsienna, għandna ħafna fl-idejn, waqt li ġabriet ta' profili b'lingwi oħra u fuq l-internet huma bla għadd. Imma minn dawn tal-aħħar bil-Malti l-aħħar li kellna f'idejna kienu l-ktieb ta' Dun Anton Sammut, *Qaddisin tal-Knisja Universali* (*Reliġjon u Ħajja*, 1993) u dak tal-Kan. Ġużeppi Grech Cremona, *Qaddisin għal Kull Jum* (*Media Centre*, 1997), li rrid naħseb li sal-lum it-tnejn huma *out of print*. Fis-snin tmenin, is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija kienet ippubblikat f'għadd ta' faxxikli l-*Profili*, li kienu bijografiji iżjed twal ta' diversi qaddisin.

Kif nifhmu mill-isem tiegħu, *Mixja mal-Qaddisin ta' Kuljum*, dan il-ktieb ġdid fih ġabra aġġornata ta' tagħrif bijografiku u anki riflessjonijiet qosra fuq ħajjiet ta' qaddisin u beati, fosthom dawk li ġew ikkanonizzati reċentement; dawn qed jidhru fl-ordni li fih tiġi ċċelebrata l-festa tagħhom fuq il-Kalendarju Liturġiku. F'dan is-sens, il-ktieb jinkludi wkoll is-solennitajiet u festi tal-Mulej kif ukoll dawk tal-Verġni Mbierka. Għall-kumdità tal-qarrej, fuq wara hemm werrej sħiħ tal-ismijiet kollha tal-qaddisin li tagħhom l-awtur qed jagħti bijografija.

Kif jikteb l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech fil-Preżentazzjoni, "dan il-ktieb huwa rakkont differenti tal-Vanġelu", għax wieħed m'għandux jaqra ħajja ta' qaddis jew qaddisa sempliċiment għall-kurżità, imma biex jitħeġġeġ mill-eżempju tagħhom. Il-ktieb *Mixja mal-Qaddisin ta' Kuljum* hu stedina miftuħa għal mixja ta' fidi fil-kumpanija ta' din "is-sħaba hekk kbira ta' xhieda" li biha l-Knisja hi mdawra. Jalla l-Insara jagħrfu jagħmlu l-aħjar użu minn dan it-teżor letterarju, li jista' jinkiseb minn għand il-ħwienet ewlenin ta' kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex, fosthom il-*Lumen Christi Media Centre* ta' Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria (tel: 21560496).

***Francesco Pio Attard***

*Esperjenza*

# *Studenti tas-Sixth Form fil-Parlament Ewropew*

*kitba ta'* **MAXINE ATTARD, ELISA CARUANA, REBECCA GALEA**

*Madames et Monsieurs nous allons partager nos experiences avec vous!* Fl-aħħar wasal il-jum tant mistenni. Aħna grupp ta' 24 student u studenta mis-*Sixth Form* t'Għawdex, Sir Mikelanġ Refalo, mdawrin b'bosta bagalji, konna ħerqanin biex nibdew l-avventura tagħna fi Franza. Id-destinazzjoni tagħna kellha twassalna f'Pariġi u jumejn wara fi Strasbourg, fejn jinsab il-bini tal-Parlament Ewropew.

Kien hemm element t'eċċitament għaliex għal uħud minna, din kienet se tkun l-ewwel darba li nħallu x-xtut Maltin. Wara vjaġġ ta' tliet siegħat wasalna fl-ewwel destinazzjoni, Pariġi. Hekk kif ħriġna mill-ajruport kulħadd beda jipprova jieħu l-ewwel lemħa tal-belt. Qbadna t-triq lejn il-lukanda tagħna. It-trasport hawn matul dawk il-jumejn kien il-*metro*. Hekk kif wasalna l-lukanda, kulħadd ħaffef il-pass biex noħorġu nesploraw il-belt. L-ewwel żjara tagħna kienet fil-Katidral ta' *Notre Dame* – binja fi stil Gotiku ta' żmien medjevali. L-ammont kbir ta' turisti minn kull pajjiż li kienu fil-kju biex jidħlu f'dan il-Katidral maestuż hija xi ħaġa impressjonanti. Wara erħejnilha għall-*Conciergerie*, il-ħabs kbir fejn qattgħet l-aħħar jiem ta' ħajjitha r-Reġina Marie Antoinette fl-1793. F'dan il-ħabs wieħed seta' jara apparat użat ghat-tortura, tħares lejhom biss kienu jkexkxuk. Il-mużew popolari l-*Louvre* kien il-waqfa li jmiss. Ħassejna rwieħna affaxxinati mdawrin b'tant xogħlijiet famużi tal-arti fejn fosthom osservajna t-tbissima enigmatika tal-Mona Lisa, x-xogħol maestuż ta' Jacques Louis David *The Consecration of Napoleon I and Coronation of the Empress Josephine* u *Liberty Leading The People* ta' Eugene Delacroix li tfakkar ir-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1830. Stajna nammiraw skultura tal-Era Klassika bħall-istatwi ċelebri *Winged Victory of Samothrace u Venus of Milo*.

Wara l-Louvre, mxejna lejn waħda mill-isbaħ toroq fi Franza, jew aħjar fl-Ewropa kollha, ix-Champs-Élysées. Timpressjonak bil-kobor tagħha u bin-numru ma jispiċċa qatt ta' ħwienet lussużi. Fit-tarf ta' din it-triq hemm l-*Arc de Triomphe*. Wara xi ħin ta' rikreazzjoni, qbadna t-triq lura lejn il-lukanda.

L-għada, 31 ta' Marzu, qomna entużjasti biex inżuru l-aktar monument assoċjat ma' Franza, it-Torri Eiffel. Wara sagħtejn u nofs ta' stennija fil-kju irnexxielna nitilgħu il-320 metru biex wasalna fil-quċċata. Minn hemm stajna nitpaxxew bil-veduta panoramika mill-isbaħ ta' Pariġi. *Les Invalides* kien il-mawra li jmiss. Hemmhekk rajna l-qabar fejn jinsabu l-fdalijiet ta' Napuljun. Aktar tard f'dik il-ġurnata rħejnilha lejn il-Bateaux Mouches fejn ivvjaġġajna fuq is-Seine fejn rajna kif tkun il-belt ta' Pariġi matul il-lejl.

Il-Ħadd filgħodu ippakkjajna l-bagalji biex nirkbu l-'fast train' TGV għal Strasbourg. Kif wasalna fil-lukanda, kulħadd



poġġa l-affarijiet tiegħu fil-kamra u dlonk erħejnilha lejn il-Katidral Gotiku ta' Strasbourg fejn attendejna quddiesa animata bil-Franċiż. Kellna l-opportunità li nitilgħu fuq il-kampnar tal-Katidral minn fejn stajna nammiraw il-veduti mill-għoli li toffri Strasbourg. Filgħaxija żorna *Petite France*, distrett max-Xmara Ill, li minħabba l-istil tal-bini tiegħu, fakkarna fil-ħrejjef ta' tfulitna.

Il-ġurnata tant mistennija waslet. Konna ferm eċitati biex naslu u nqattgħu ġurnata fil-Parlament Ewropew bl-isem ta' Louise Weiss. Kien hemm bosta studenti minn pajjiżi oħra membri fl-Unjoni Ewropea. Poġġejna fejn ipoġġu l-membri tal-Parlament Ewropew. Aħna l-istudenti mhux biss kellna l-opportunità li nsaqsu dwar kif jaħdmu l-istituzzjonijiet Ewropej, imma wkoll ingħatajna ċ-ċans li niddiskutu ma' studenti oħra dwar temi importanti ħafna bħat-tibdil fil-klima, żvilupp sostenibbli, migrazzjoni u integrazzjoni u d-demokrazija. Wara nqsamna fi gruppi biex niddiskutu u nħejju rapporti fuq diversi temi li jikkonċernaw il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej. Dawn ir-rapporti ġew diskussi waqt sessjoni plenarja u aħna lkoll kellna ċ-ċans li nivvutaw dwar il-mozzjonijiet mressqa. Fl-aħħar kien hemm il-finali tal-'EuroGame' fejn żewġ studenti mill-iskola tagħna ġew fil-finali. Hekk intemmet l-esperjenza tagħna fil-Parlament. Konna kburin li għalkemm ngħixu fl-iżgħar stat membru tal-Unjoni Ewropea konna preżenti u stajna nsemmgħu leħinna fil-Parlament.

L-aħħar ġurnata waslet. Filgħodu għamilna l-aħħar ftit *shopping*. Imbagħad irritornajna lura fil-lukanda biex niġbru l-affarijiet personali. Minn hemmhekk irkibna kowċ li ħaditna fl-ajruport ta' Frankfurt minn fejn qbadna t-titjira lura lejn Malta. Konna sodisfatti li temmejna din iż-żjara edukattiva b'wiċċ il-ġid u nisperaw li jerġa' jkollna opportunitajiet oħra simili ta' din.

*Passiġġata Biblika - 73*

*"Ħadd ma jista' jgħid: 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu." (1 Kor 12:3).*

# Ħarsa Kateketika lejn is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni

minn Fr. Charles Buttigieg

***L-Isem tas-Sagrament tal-Konfirmazzjoni***

Jissejjaħ is-sagrament tal-Konfirmazzjoni, mil-Latin: '*confirmatio*', għaliex jikkonferma lin-nisrani fil-grazzja li jkun irċieva fil-magħmudija u jikkonferma tassew il-wegħdiet batteżimali bħala konferma awtentika fil-ħajja ta' Kristu. Il-kelma Griega għal 'konfirmazzjoni' hija '*bebaiosis*'. Tissejjaħ ukoll 'Griżma tal-Isqof' għaliex il-ministru ordinarju ta' dan is-sagrament tad-dilka taż-żejt imbierek tal-griżma, huwa l-Isqof. Il-kelma 'griżma' ġejja mill-Grieg '*chrisma*' għaliex il-konfirmat huwa tassew midluk fi Kristu. Fil-liturġija tal-knejjes tal-Ivant, is-sagrament jissejjaħ ukoll '*muron*' jiġifieri 'dilka', kif ukoll '*sphragis*' li tfisser 'siġill', għaliex l-Ispirtu s-Santu jissiġilla l-imgħammed bi grazzja ta' karattru li ma jitħassar qatt. Niltaqgħu ukoll mal-kelma Griega '*cheurothesia*' li tfisser it-tqegħid tal-idejn f'dan is-sagrament. San Tumas isejjaħ il-Konfirmazzjoni bħala 'is-sagrament tal-età perfetta'. Huwa fuq kollox sagrament li jsaħħaħ dejjem il-maturità nisranija tal-individwu u jagħtih il-qawwa biex jikber fil-għaqal spiritwali, biex ikun kapaċi jagħmel għażliet importanti f'ħajtu, jiddefendi ruħu mill-ħażen u sabiex jistqarr bil-kelma u bl-eżempju t-twemmin nisrani lid-dinja.

***Rabta mal-Magħmudija***

Il-Magħmudija hija r-rivelazzjoni mill-iktar għolja tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tan-nisrani fejn insiru mill-ġdid ulied Alla. It-tarbija fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-magħmudija tiġi mmarkata bis-sinjal tas-salib bħala l-marka ta' Kristu u tal-grazzja tiegħu fuq il-ħajja tagħha. Tindilek biż-żejt tal-katekumeni bħala ċaħda lix-xitan u tkun ippurifikata mill-ħażen. L-ilma tal-magħmudija jfisser twelid ġdid "mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu" (ara diskors ta' Ġesù lil Nikodemu f'Ġw 3:1-8), jeqred id-dnub oriġinali u anke dawk personali fil-każ tal-magħmudija tal-kbar u jagħti ħajja ġdida fit-Trinità Qaddisa. Id-dlik biż-żejt tal-griżma wara l-magħmudija jfisser id-dħul fil-ħajja nisranija, il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u parteċipazzjoni fil-misteri ta' Kristu li hu midluk saċerdot, profeta u sultan. Fil-liturġija tal-Ivant din id-dilka ta' wara l-magħmudija bil-'*chrisma*' tissejjaħ '*Chrismatio*', hija s-sagrament tal-Konfirmazzjoni. Fil-liturġija tagħna din id-dilka hija preparazzjoni għas-sagrament tal-Konfirmazzjoni li jingħata iktar 'il quddiem. Is-sagramenti tal-magħmudija, tal-konfirmazzjoni u l-ewkaristija huma msejħa bħala s-sagramenti tal-inizjazzjoni nisranija għaliex kienu jiġu ċċelebrati f'ċelebrazzjoni waħda fil-Knisja tal-bidu, fil-ħajja nisranija tal-individwu, kif għadu jsir fil-liturġija tal-Ivant. Id-dawl tax-xemgħa jfisser id-dawl ta' Kristu li fil-Konfirmazzjoni niġu kkonfermati mill-ġdid bħala ulied id-dawl u msejħa b'impenn sabiex indawlu lill-oħrajn.

**San Irinew fid-'*Demonstratio Apostolica*' numru 7 jikteb: 'Il-Magħmudija tagħtina l-grazzja tat-twelid ġdid f'Alla l-Missier permezz ta' Ibnu fl-Ispirtu s-Santu. Għax dawk li għandhom l-Ispirtu ta' Alla jitwasslu għand il-Verb, jiġifieri għand l-Iben, imma hu l-Iben li jippreżentahom lill-Missier u l-Missier jagħtihom in-nuqqas ta' taħsir. Mela mingħajr l-Ispirtu ma jistax ikun li tara l-Iben ta' Alla, u mingħajr l-Iben ħadd ma jista' jersaq lejn il-Missier, għax l-għarfien tal-Missier hu l-Iben u l-għarfien ta' Iben ta' Alla jseħħ bl-Ispirtu s-Santu'.**

Għalhekk mela l-magħmudija m'għandhiex tkun mument 'xott', imma mument tassew ħaj u attiv ta' l-Ispirtu s-Santu, fejn naraw li Alla verament inaddaf il-bniedem il-qadim u jagħmlu tassew ġdid. Huwa l-ewwel rigal li jagħtina l-Ispirtu s-Santu (ara Rum 6:3-8).

***Il-Ministru tas-Sagrament***

Fit-Testment il-Ġdid ir-rit tat-tqegħid tal-idejn għall-inżul tal-Ispirtu s-Santu kien isir mill-appostli. L-isqfijiet li huma s-suċċessuri tal-appostli, u għandhom din l-istess setgħa li jagħtu l-Ispirtu s-Santu lil dawk li jkunu twieldu mill-ġdid mill-magħmudija. L-Isqof huwa l-ministru ordinarju tal-konfirmazzjoni. Iżda f'każ li jkun hemm xi ħadd qed imut u l-Isqof ma jistax ikun preżenti malajr, is-saċerdot li jkun preżenti jingħata l-fakultajiet kollha sabiex jamministra dan is-sagrament, allavolja ma jkunx isqof.

***Il-Kandidati għas-Sagrament***

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li fiha jiġi amministrat dan is-sagrament, wara l-evanġelju dawk li jkunu se jirċievu s-sagrament jissejħu b'isimhom u jitressqu quddiem l-isqof li jistaqsi dwar it-tħejjija kateketika u spiritwali tagħhom. Huma jagħmlu t-tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija permezz taċ-ċaħda tax-xitan u l-istqarrija tal-fidi.

Min jirċievi s-sagrament irid ikun ġa mgħammed u jkun fil-grazzja t'Alla ħalli b'hekk ikun jista' jirċievi l-grazzja sagramentali jew santifikanti tas-sagrament: **"Kandidat għall-Konfirmazzjoni li laħaq l-età tar-raġuni, irid**



**jistqarr il-fidi, ikun fil-grazzja ta' Alla, ikollu l-intenzjoni li jirċievi s-sagrament u jkun lest jidħol għad-dmir ta' dixxiplu tal-Mulej u xhud ta' Kristu, fi ħdan il-komunità tal-Knisja u fid-dinja"** (K.K.K. 1319).

Għalhekk importanti ħafna l-preparazzjoni remota u prossima għal dan is-sagrament u ssir ċelebrazzjoni penitenzjali sabiex il-persuna tkun tista' tqerr qabel. Din għandha tfisser il-preżentazzjoni tal-kandidat lill-isqof waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament. Il-kandidati għandhom ifittxu li jkollhom l-għajnuna spiritwali mis-saċerdoti, mill-katekisti u ankè mill-parrinu jew mill-parrina, u għalhekk importanti li anke dawn ikunu ppreparati u jkunu persuni idonei tal-ħajja Kattolika għal din il-missjoni.

Is-sagrament jagħti siġill li ma jitħassar qatt. Dan il-karattru li ma jitħassar qatt jagħtuh il-Magħmudija, il-Konfirmazzjoni u l-Ordni Sagri u għalhekk jingħataw darba biss fil-ħajja tan-nisrani. Huwa fi Kristu, li l-Missier jimmarkana bis-siġill tiegħu (ara 2 Kor 1:22; Ef 1:13; 4:30) u għalhekk nappartjenu lil Alla. Infatti s-suldati kienu jimmarkawhom bis-siġill tal-kmandant tagħhom u l-ilsiera bis-siġill tas-sid tagħhom.

***Is-Sinjal Sagramentali tal-Konfirmazzjoni***

Il-Papa Pawlu VI fil-Kostituzzjoni Appostolika: '*Divinae Consortium Naturae*' fuq is-Sagrament tal-Konfirmazzjoni, tal-15 ta' Awwissu 1971, jgħidilna li s-sagrament tal-Konfirmazzjoni jingħata bid-dilka, biż-żejt imqaddes tal-griżma fuq il-ġbin, li jsir bit-tqegħid tal-id u bil-formula sagramentali: "*Accipe signaculum doni Spiritus Sancti*". "Fir-rit Latin is-sagrament tal-Konfirmazzjoni jingħata permezz tad-dlik biż-żejt fuq il-ġbin, magħmul bit-tqegħid tal-id, waqt li jingħad il-kliem: 'Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu" (K.K.K. 1300).

Għalhekk mela s-sinjal sagramentali tal-konfirmazzjoni jinsab fiż-żewġ ġesti tat-tqegħid tal-idejn u d-dlik tal-moħħ biż-żejt imbierek tal-griżma flimkien mal-formula li takkumpanja d-dilka: "Hu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu". Il-konfirmat iwieġeb "Ammen" bħala sinjal ta' konferma u stqarrija ta' fidi.

It-tqegħid tal-idejn ifisser l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq min jirċievi s-sagrament. Id-dilka biż-żejt imħallat bil-balzmu jfisser il-qawwa (iż-żejt) u l-fwieħa (il-balzmu) ta' ħajja qaddisa li jagħti dan is-sagrament. Iż-żejt u l-balzmu jiġu mħalltin u mberkin mill-Isqof għad-djoċesi tiegħu nhar il-Ħamis ix-Xirka fil-quddiesa ta' filgħodu tat-tberik taż-żjut.

***Is-Sagrament u l-Komunità Nisranija***

L-Ispirtu preżenti fil-ħajja ta' kull nisrani u tassew ukoll preżenti fil-ħajja tal-Knisja u tal-komunità. Huwa tassew importanti għax: **"Ħadd ma jista' jgħid: 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" (1 Kor 12:3). "Permezz tal-Konfirmazzjoni l-insara jiġifieri dawk li ħadu l-unzjoni, huma msieħbin aktar fil-missjoni ta' Kristu u fil-milja tal-Ispirtu s-Santu li bih huma mimlija, biex il-ħajja kollha tagħhom ixxerred 'il-fwieħa ta' Kristu' (2 Kor 2:15)"** (K.K.K. 1294).

Biex ngħidu hekk huwa l-Ispirtu s-Santu li janima l-ħajja tal-komunità. Komunità li tilqa' dan l-Ispirtu ta' Alla, hija tassew komunità ħajja u li titlob flimkien; li taħdem għall-għaqda u l-fraternità; taħdem sabiex tikkura l-katekeżi; il-ħajja tas-sagramenti; attenzjoni għall-familja u l-ulied; tiddefendi l-ħajja li titnissel u li tbati, u li takkompanja l-vokazzjoni ta' kull individwu.

Nagħlqu bil-ħsibijiet profondi u ekumeniżi tal-Patrijarka tal-Knisja Griega Ortodossa ta' Antijokja, Ignazju IV Hazim: **"Mingħajr l-Ispirtu, Alla huwa l-bogħod, Kristu jibqa' fil-passat, l-evanġelju jibqa' aħbar tal-passat, il-Knisja tibqa' sempliċi organizzazzjoni u dominju, il-missjoni tibqa' propaganda... imma fl-Ispirtu, il-ħolqien jieħu l-ħajja, Alla hu tassew fil-qrib, Kristu huwa tassew ħaj u preżenti, l-evanġelju tassew aħbar tajba għal-lum, il-Knisja u l-missjoni esperjenza tassew tal-Pentekoste fejn għandna komunità ħajja, li xxandar u li taqdi"**.

***Biblijografija***

ALONSO-SCHOKEL, L., *Vieni Spirito Santo*, Roma 1998.

FLORIO, G., *Shalom*, Brescia 1984.

GALBIATI, E., *La Storia della salvezza nell'Antico Testamento*, Milano 1969.

LURKER, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

VON BALTHASAR, H.U., *Lo Spirito della Verità*, Milano 1992.

Għawdex Qabel ir-Ritratti (45) minn JOHN CREMONA

# Avventuri ta' belt mingħajr beltin

Il-belt il-ġdida ta' Forti Chambray inbniet bil-għan li tipprovdi post żgur u kundizzjonijiet aħjar ta' għajxien lill-Għawdxin. Minkejja l-isforzi kollha li saru biex tlestiet din il-belt fortifikata, madankollu n-nies qatt ma użawha bħala l-belt tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta tlesta l-bini ta' din il-fortizza ftit li xejn kien għad baqa' skop ta' dan it-tip ta' difiża.




Peress li l-Għawdxin qatt ma' abitaw din il-belt, din il-fortizza intużat għal ħafna skopijiet differenti kemm militari, kemm sanitarji kif ukoll, dan l-aħħar, turistiċi.

Ironikament, waħda mill-ftit drabi li din il-fortizza intużat għal skop ta' difiża kien fl-1797 meta l-Għawdxin qamu kontra l-Franċiżi u dawn ta' l-aħħar issakkru ġol-Forti Chambray u ġew attakkati mill-Għawdxin. Ma kinitx faċli għall-Għawdxin li jirbħu lura din il-fortizza u kien biss wara erba' attakki ħarxa li fihom ħa sehem attiv il-Battaljun taż-Żebbuġ li l-Franċiżi għarfu li jiemhom kienu magħduda u dabbru rashom fid-dalma tal-lejl bejn is-16 u 17 ta' Settembru tal-istess sena u telqu fuq xprunari mibgħuta minn Malta lejn il-Belt Valletta.

Matul il-ħakma Ingliża din il-fortizza intużat bħala *barracks* tas-suldati Ingliżi stazzjonati f'pajjiżna kif ukoll biex tospita kontinġenti ta' suldati f'okkażjonijiet partikolari. Hafna drabi ma kienx ikun hemm post fil-*barracks* li nbnew fuq il-post u għalhekk is-suldati kienu joqogħdu f'kampijiet imtella' fil-wesgħa tal-fortizza li tħares fuq il-fliegu bejn Malta u Għawdex. Wieħed għadu jista' jara ritratti qodma li juru kampijiet irranġati f'fillieri ordnati tipiċi ta' organizzazzjoni militari. F'diversi okkażjonijiet intuża wkoll bħala sptar kemm tal-emerġenza kif ukoll għall-kura partikolari. Insibu l-fortizza ta' Chambray tintuża bħala sptar fejn kienu jiġu kkurati suldati mweġġa' fil-gwerra tal-Krimea li ntemmet fl-1856 kif ukoll fil-kunflitt mal-Eġittu fl-1882 li dwaru tkellimt f'artiklu numru 20 ta' din is-sensiela. Intuża wkoll fost l-oħrajn biex jospita suldati Ingliżi li baqgħu ħajjin u li nġabu Għawdex f'Settembru 1867 wara li l-kolera għamlet ħerba mis-suldati li kienu stazzjonati fil-*barracks* ta' Pembroke u postijiet oħra f'Malta. Fil-*barracks* kienu jistgħu jiġu ospitati madwar mitejn pazjent u s-servizzi mogħtija kienu ta' kwalità tajba ħafna.

Il-fortizza ta' Chambray intużat ukoll bħala sptar waqt konflitti aktar riċenti bħall-Ewwel Gwerra Dinjija u l-kunflitti f'Gallipoli u Salonika. Bejn l-1934 u l-1983 intuża bħala sptar mentali u għal xi żmien fl-1937 għall-kura ta' pazjenti tal-lebbra.

Wara aktar minn mija u ħamsin sena jintuża bħala sptar, il-Fortizza ta' Chambray messitha xorti oħra, dik tal-industrija tat-turiżmu. Il-fortizza ġarrbet modifikazzjonijiet kbar u tilfet mhux ħażin mis-seħer tagħha ta' belt diżabitata.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu hija meħuda mit-tieni volum tal-*Universal Atlas* ta' Luffmann li ġie ppubblikat minn Jones & Smith ta' Pentonville, Londra u hija ntitolata *'Plan of Citè Chambray in the island of Gozo near Malta'*. L-inċiżjoni għandha qisien ta' 158mm x 168mm. Għalkemm ta' qies iżgħar, din il-pjanta ġiet meħuda minn fuq il-pjanta ta' Depalmeus li dwarha tkellimt f'artiklu 8 ta' din is-sensiela.

Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 203

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2012

# Erbgħin kejla żejt u erbgħin kartoċċ inbid

**Id-dokument numru mitejn u tlieta li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas relatat ma' spejjeż magħmula mill-Kwareżimalist tal-Matriċi mħallsa mill-Università nhar it-12 ta' Mejju 1612 – erba' mit sena ilu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 73v (NAG, UG, *Acta*, 3/1611–1612, 73v).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*Noi infrascritti Iurati dell'Università del Gozzo per il presente nostro mandato commettemo et ordinamo a voi Magnifico Thomasio Gauci, thesoriere de'essa Università nell'anno instante, che dalli suoi introiti in poter nostro pervenuti o' da pervenire, habbiate a pagare al Venerabile e Rispettabile Padre Fra Ambrogio Baldachino del Ordine de' padri predicatori, scudi cinque di tarì 12 per scudo, che si li devano per la cause infrascritte; videlicet*

*Per misuri quaranta d'oglio, per cartucci quaranta di vino, per suo vitto, et per il servitore che li serveva in questa quadragesima prossima passata, mente predcava la parola di Dio nella Matrice Ecclesia del Gozzo et a cauthela nostra fecimo fare il presente mandato. Die 12 mensis maii 1612.*

Mhux l-ewwel darba li ppubblikajna dokument li għandu x'jaqsam mal-Kwareżimalist tal-Matriċi. Il-Kwareżimalist kien ikun predikatur magħruf li jintgħażel mill-Granmastru biex jipprietka l-Avvent u r-Randan fil-knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-prietka ewlenija kienet issir f'jum il-Ħadd, iżda bil-mod daħlet id-drawwa ta' prietki oħra, speċjalment nhar ta' Ġimgħa. Il-ħlas tal-predikatur kien isir kollu kemm hu mill-Università. Il-predikatur kien ikun ħafna drabi patri minn Malta.

Nhar it-12 ta' Mejju 1612, il-ġurati ta' Għawdex awtorizzaw lil Manifku Tumas Gauci, it-teżorier tagħhom, biex jagħti s-somma ta' ħames skuti ta' Malta lill-Patri Ambroġ Baldachino. Dak iż-żmien Malta kienu jiċċirkulaw ukoll skuti ta' Sqallija; għalhekk id-dokument jispeċifika li dawn kienu skuti ta' tnax-il irbiegħi, jiġifieri ta' Malta. Dan ma kienx il-ħlas tal-prietki li, kif nafu minn dokument ieħor, kien ilu li sar, iżda spejjeż oħra magħmula tul iż-żmien tar-Randan.

L-Ordni tal-Patrijiet Dumnikani ma għandux kunvent Għawdex u għalhekk tul l-erbgħin jum tar-Randan, Patri Ambroġ kellu jaħseb għall-ikel. Dawn il-flus kienu marbuta ma' dan. Is-somma ma kinitx tinkludi l-ispiża tal-kera tal-kamra fejn joqgħod u jorqod. Din kienet titħallas direttament mill-Università

Il-Patri tħallas, l-ewwel nett, ta' erbgħin miżura ta' żejt. 'Il quddiem għall-kelma *miżura*, li bil-Malti tingħad *kejla*, beda jingħad *terz*. Dan għaliex il-*kejla* kienet qies għaċ-ċereali. Terz żejt jew ħalib kien jiġi 0.32 litru; il-qies tal-inbid jew birra kien differenti, tant li *terz* inbid jew birra kien biss 0.28 litru. *Terz* jiġi kemm kemm inqas mill-*cans* jew il-bottijiet tal-birra u l-minerali li għandna li jesgħu 0.32 litru.

Il-Patri tħallas ukoll ta' erbgħin *kartoċċ* inbid. *Kartoċċ* kien fih erba' *terzi*, li jfisser 1.14 litru inbid. Kwantità mhux ħażin għal jum wieħed.

Il-flus li ngħataw lill-Patri kienu jkopru wkoll l-ispiża tal-ikel u ż-żamma ta' seftur biex jaqdih tul dawn l-erbgħin jum.

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Mons. Angelo Camilleri
## (1883-1966)
## 1. "L-Appostlu ta' Marsilja"

Dun Angelo Camilleri twieled fil-Qala n-naħa tal-Wileġ fit-22 ta' Settembru 1883 bin Pawlu u Roża mwielda Grima. Il-għada tgħammed fil-knisja parrokkjali tan-Nadur mill-Kappillan Dun Ġwann Camilleri.

Ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1910 fl-età ta' 23 sena fil-Katidral ta' Għawdex mill-Isqof, Fra Ġanmarija Camilleri O.S.A., flimkien ma' Dun Ġorġ Grech mir-Rabat. Qaddes l-ewwel Quddiesa Solenni fil-knisja parrokkjali tal-Qala.

Ħames snin wara li ġie ordnat saċerdot mar jaħdem bħala missjunarju fl-Alġerija, fil-belt kapitali tal-Alġiers fejn kien hemm jaħdmu ħafna Maltin u Għawdxin. Telaq minn Għawdex fil-bidu tas-sena 1916. Iżda ħdax-il sena wara, fis-sena 1927 l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi tah din l-ordni: "Għandi bżonnok biex tmur Marsilja; Il-Kolonja Maltija, magħmula l-biċċa l-kbira minn Għawdxin, tinsab diżorganizzata u qiegħda tistenna l-Appostlu u l-Missier tagħha. Il-barka speċjali tiegħi tibqa' miegħek". Dun Anġ aċċetta u mar Marsilja.

L-ewwel tliet xhur għaddiehom fil-knisja parrokkjali iżda l-ħsieb tiegħu kien li jorganizza parroċċa u ċentru għall-Maltin u l-Għawdxin. Tefa' għajnejh fuq knisja storika "Chapelle de la Croix de Malta" li kienet abbandunata u l-isqof tal-post tahielu. Saru xi tibdiliet fiha mill-ħbieb ta' dan il-qassis u permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Gvern ta' Malta. Hekk issa kellhom knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmelu. Biex kienet lesta Dun Anġ nefaq ukoll xi flus milli kien ġemma'. Din il-knisja kienet inawgurata uffiċċjalment fit-3 ta' Novembru 1929.

Dun Anġ organizza sewwa din l-attività pastorali fost l-emigranti. Bdew isiru l-quddies fil-Ħdud u l-festi u l-għasar kantat. Ta' kull sena bdiet issir n-novena u l-festa lill-Madonna tal-Karmelu, l-eżerċizzji spiritwali u l-ewwel tqarbina solenni lit-tfal. Organizza l-Azzjoni Kattolika, l-Appostolat tat-Talb u istituzzjonijiet oħra. Kien jagħti wkoll importanza kbira lill-konfessjonarju, jiġifieri li jamministra s-sagrament tal-qrar. Fil-5.30 ta' filgħodu kont issibu jistenna lil min ried jirċievi dan is-sagrament.

Dan il-qassis kien iżur l-isptarijiet u filwaqt li jgħinhom spiritwalment kien jeħdilhom ukoll xi frott. Dun Anġ kien konvint li l-emigranti ma kinux jeħtieġu biss għajnuna spiritwali iżda wkoll għajnuna ta' natura soċjali. Kien jagħmel ukoll ħafna karitajiet mal-familji fil-bżonn. Kien iġib ruħu ta' missier veru mal-merħla spiritwali tiegħu, jiġifieri jgħin fejn hemm bżonn iżda jwissi wkoll b'mod qawwi fejn l-affarijiet setgħu jitranġaw. Kien imexxi l-Kumitat għall-għajnuna lill-Maltin u xejn ma kien jaħrablu. Kien jikkordina wkoll l-għajnuna li l-Gvern Ingliż kien jagħti permezz tas-Salib l-Aħmar lill-emigranti.

Peress li l-emigranti kienu jgħixu f'art barranija Dun Anġ f'każijiet urġenti kien jidher għall-akkużati quddiem il-qrati ċivili. Darba deher ma' missier u iben li ġew akkużati li serqu xi affarijiet minn djar ibbumbardjati. Il-missier kien ser jintbagħat il-ħabs u l-iben f'riformatorju. Iżda dan il-qassis tkellem b'tant qawwa u b'mod konvinċenti qabel ma ngħatat is-sentenza li l-imħallef għalaq b'dawn il-kelmiet: "Skont l-akkuża u d-difiża tal-prosekutur pubbliku, jiena kelli nikkundanna l-wieħed u lill-ieħor, imma wara li smajt lil Abbe' Camilleri jiena ddeċidejt li naħfrilhom it-tnejn." Ir-riżultat tal-ħidma pastorali u soċjali tiegħu kienet li f'sentejn biddel mill-qiegħ il-komunità tal-Maltin. Permezz tal-ħidma tiegħu l-Maltin bdew jiġu aktar rispettati u kellhom aktar xogħlijiet tajba u qliegħ. Qabel din il-komunità kienet ta' xewka f'dahar il-gvern ta' Malta li kellu ta' kuljum imannti xi membri u ta' kuljum persuni Maltin kienu jiġu rimpatrijati. Kien imlaqqam "l-Appostlu ta' Marsilja".

Dun Anġ kien devot ħafna ta' Santa' Tereża tal-Bambin Ġesù u fil-lemin tal-altar kien hemm xbieha ta' din il-qaddisa. Infatti huwa qal lill-Patri Edgar Tabone S.J. "Din hija l-protettriċi tiegħi; fil-għaxija niġi ngħid ir-Rużarju, u jekk ifettilli ngemgem f'qalbi minħabba xi affarijiet mgħawġin li jiġru madwari, l-qaddisa ċkejkna imma kbira tiegħi titbissimli mill-għoli kważi biex tidħak bid-dubji u bl-inċertezzi tiegħi. U hekk inħossni nissaħħaħ mill-ġdid biex negħleb ix-xkilijiet tal-ministeru iebes tiegħi." Kien ingħata l-unur ta' Monsinjur.

Dun Anġ kien missjunarju fil-veru sens tal-kelma mhux ma' poplu li qatt ma sema' bl-Evanġelju iżda mal-Maltin u l-Għawdxin li kienu f'Marsilja. Kif naraw ukoll illum l-emigrazzjoni ġġib anki ħafna problemi magħha; u Dun Anġ għaraf skont il-parir tal-Isqof tiegħu li l-missjoni tiegħu kienet li jieħu ħsieb dawn ħutna f'Marsilja.

Ħalla din id-dinja fit-28 ta' Diċembru 1966 f'Marsilja fi Franza, l-art li tant ħadem u stinka fiha, ta' 83 sena.

*(Ħajr lil Dun Duminku Camilleri tar-ritratt u tar-riċerka li għamel fuq dan il-qassis).*

**Angelo Xuereb**

Għawdex Online (39)



# Ikonografija fi Knejjes Għawdxin (1)



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicep@go.net.mt

Dik il-ġawhra ta' websajt www.kappellimaltin.com għandha *link* tassew interessanti bl-isem 'Ikonografija fil-Knejjes Maltin', miktuba bl-Ingliż minn Ġużeppi Theuma. Fiha ssibu lista twila ta' artisti Maltin li ħallewlna patrimonju rikk ta' pitturi li jinsabu fil-knejjes tagħna. Il-lista hija organizzata fi gruppi skont l-alfabet u l-pitturi li ssibu fis-sit huma biss parti mix-xogħol tal-artisti. B'fedeltà lejn l-għan ta' din il-paġna, iżolajt il-pitturi li jinsabu fi knejjes Għawdxin. Nassumi li hemm pitturi oħrajn fil-knejjes u kappelli Għawdxin, jista jkun tal-artisti li ser insemmi u ta' oħrajn mhux imsemmija fis-sit.

Nibda b'Ninu Apap li twieled ix-Xagħra fl-1928. Għandu pitturi fi knejjes fil-Kanada, l-Brażil, l-Indja u l-Kenya. F'Għawdex insibu żewġ pitturi tiegħu fil-kappella dedikata lil Sant'Anna fid-Dwejra. Waħda mill-pitturi turi t-Twelid ta' Marija u oħra lil Sant' Anna.

Artist li twieled fl-1790 u miet fl-1859 huwa Salvatore Bondi. Ftit li xejn nafu dwaru iżda kien possibbilment membru tal-Kapitlu Katidrali t'Għawdex. Fl-1818 pitter ix-xbieha ta' Sant'Anton Abbati li tinsab fil-Kappella tax-Xejba fix-Xagħra.

Clemente Busuttil (1810-1883) twieled ir-Rabat, Għawdex. Għal xi żmien kien għalliem fi skola tal-gvern. Ħalla warajh diversi lapidi funerarji fil-Katidral ta' Għawdex u pittura votiva tradizzjonali li tinsab f'Dar Manresa.

**Artist tas-seklu 19, Salvatore Busuttil (1798-1854) imwieled fil-Belt Valletta, kien intbgħat jistudja Ruma minn fejn kien jibgħat pitturi li għadhom jistgħu jitgawdew illum fil-Palazz tal-President il-Belt. F'Għawdex għandu pittura tal-Madonna ma'**



**San Girgor (1854) li tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Madonna tas-Sokkors, f'Kerċem.**

Robert Caruana Dingli (1882-1940) studja l-Ingilterra. Kien ġie jgħix f'Għawdex għal xi żmien u kien ħabib tal-iskultur Agostino Camilleri. F'Għawdex, Caruana Dingli għandu pittura tal-Annunzjata (1928) li tinsab fis-Sagrestija tas-Santwarju Ta' Pinu.

Artist ieħor deskrit bħala dilettant huwa Viċenzo Cordina (1904-1992). Għandu pittura tal-Ħarba tal-Familja Sagra lejn l-Eġittu li tinsab fil-Kappella ta' San Ġużepp fiċ-Cittadella.

ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!
*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*
GREZZJU BONELLO
*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

TIEQA FUQ L-AMBJENT (38)

# L-IRDUM IL-KBIR



*(Dan huwa s-seba' artiklu minn sensiela dwar siti ta' importanza ekoloġika f'Għawdex)*

***kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA**

Għawdex, bħall-gżejjer l-oħra ta' Malta, huwa magħmul minn blat sedimentarju, li ssawwar fl-ilma baħar. Għalhekk fil-fatt insibu fil-blat diversi fossili, li huma fdalijiet ta' annimali u ħxejjex tal-baħar li ġew ippreservati għal miljuni tas-snin. Għandna ħames tipi prinċipali ta' blat: il-Qawwi ta' Fuq, taħtu hemm is-Safra (magħrufa wkoll bħala Rina), taħt dawn hemm it-Tafal, imbagħad il-Franka, u taħt nett il-Qawwi ta' Taħt, li huwa l-eqdem wieħed, u li ssawwar bejn 25 u 30 miljun sena ilu.

Mal-milja taż-żmien, l-elementi tan-natura flimkien maċ-ċaqliq tettoniku tal-art, taw is-sura lill-Għawdex kif nafuh illum. Dawn is-saffi tal-blat ma jinstabux kullimkien u lanqas jinstabu fl-istess livelli. Is-saffi tat-Tafal, tas-Safra u tal-Franka jittieklu iżjed malajr meta jkunu mikxufin għall-elementi tan-natura, bħalma huma xita, xemx, riħ, maltempati kbar, ħalel tal-baħar, bdil drastiku tat-temperatura, u theżhiż tal-art. Għalhekk jiġri li l-blat Tal-Qawwi ta' Fuq, meta ta' taħtu jittieklu bl-erożjoni, jibda maż-żmien jixxaqqaq, jinqasam, u jitgerbeb għal isfel. B'hekk jinħoloq l-irdum, dak il-blat u ħaġar kbir li nsibu taħt is-sisien.

L-irdum, li huwa wkoll tip ta' ekosistema, joffri ħabitat addattat, kif ukoll kenn, lil ħafna speċi ta' flora u fawna. Madwar l-għoljiet ta' Għawdex insibu numru ta' rdumijiet, partikolarment fit-tramuntana u l-grigal tal-gżira. Kollha huma siti ta' importanza ekoloġika. L-akbar wieħed minn dawn l-irdumijiet, u l-iżjed wieħed sinjur mill-lat naturali, jinstab bejn il-Wied ta' San Blas u Wied ir-Raħħan, taħt is-sisien tal-Qortin ta' Isopo fin-Nadur.

Fil-mappa ta' Għawdex u Kemmuna li kienet ippubblikata mill-Ingliżi (mid-*Directortate of Overseas Surveys*) fl-1962, dan l-irdum ta' taħt il-Qortin ta' Isopo, imniżżel bl-isem ta' ***Mistra Rocks***, filwaqt li l-isem



*Parti mill-Irdum il-Kbir*

Rdum il-Kbir jidher imniżżel taħt il-Qortin tan-Nadur (bejn ir-Ramla u San Blas). Iżda fil-mapep tas-servej tal-MEPA, maħruġa f'Awwissu tal-1988 dan l-irdum huwa msemmi kif suppost bħala l-**Irdum il-Kbir**.

Fl-**Irdum il-Kbir** igħixu l-biċċa l-kbira tal-ispeċi tar-rettili li jinstabu f'Għawdex. Mammiferi, bħall-Fenek Selvaġġ u l-Qanfud, ukoll jinstabu hemm, filwaqt li għasafar bħall-Bufula Sewda, il-Bufula Ħamra, il-Merill u l-Għammiel tal-Bejt ibejtu fl-inħawi tal-irdum. Anke l-Ġojjin ġieli bejjet hemm, u ftit pari tal-Garnija għadhom ibejtu fis-sisien ta' fuq l-irdum. Matul il-passa tal-għasafar,



*Felċi Rqiqa - pjanta rari ħafna li tinstab fl-Irdum il-Kbir*



*Il-Qanfud - isib kenn fl-irdumijiet*

wiċċed jista' jara diversi speċi f'dan is-sit, speċjalment meta r-riħ ikun mill-Lbiċ.

Iżda l-**Irdum il-Kbir** huwa magħruf l-iżjed għall-komunitajiet interessanti ta' veġetazzjoni partikolarment tal-makkja u tax-xagħri. Minn barra dan il-fatt, parti mdaqqsa minn dan l-irdum estensiv hija dellija u kemxejn niedja u għalhekk qalb dan il-ħaġar kbir jinstabu speċi ta' flora rari ħafna fil-gżejjer Maltin li mkien ma ssibhom f'inħawi oħra t'Għawdex.

Fost dawn hemm speċi ta' felċi, **Feliċja** (isem xjentifiku: *Pteridium aquilinum*; bl-Ingliż *Bracken Fern*) li fil-Gżejjer Maltin instabet biss fis-selvaġġ fl-**Irdum il-Kbir**. L-aħħar darba li ssemmiet li tikber f'dawk l-inħawi kien fl-1927, minn John Borġ fil-ktieb *Descriptive Flora of the Maltese Islands*. L-ispeċi tal-felċi jikbru f'postijiet nedjin u dellin. Dawn huma pjanti primittivi u jitkattru permezz ta' spori li ġeneralment jiżviluppaw fil-parti ta' taħt tal-weraq.

Pjanta oħra rari li fl-imgħoddi kienet tinstab fi ftit siti f'Għawdex u li kienet issemmiet ukoll mill-botanista John Borġ l-aħħar darba fl-1927, hija l-**Felċi tal-Bir** (isem xjentifiku: *Asplenium sagittatum*; bl-Ingliż: *Mule's Fern*). F'April tal-2008 instabet popolazzjoni żgħira f'ħofra kbira fl-**Irdum il-Kbir** fejn illum f'Għawdex tinstab tikber hemm biss. Pjanta oħra rari li l-botanisti kienu jaħsbu li nqerdet mill-Gżejjer Maltin hija l-**Felċi Rqiqa** (isem xjentifiku: *Asplenium trichomanes*; bl-Ingliż: *Common Spleenwort*). Illum nafu li din fil-Gżejjer Maltin tikber biss fl-inħawi f'Ta' Ċenċ u fl-**Irdum il-Kbir**.

Dawn l-irdumijiet, partikolarment dawk estensivi bħall-**Irdum il-Kbir**, huma wkoll siti ta' importanza ekoloġika, li jeħtieġ li nipproteġuhom, għax dawn ukoll jipprovdu kenn u ħabitat addattat lil diversi ħlejjaq li jżejnu l-bijodiversità ta' Għawdex.



*Felċi tal-Bir - Pjanta li f'Għawdex tinstab biss fl-Irdum il-Kbir.*



*Ħafna speċi ta' Araknidi u Nsetti jgħixu fl-irdumijiet*



*Irqaqat mill-Istorja (2)*

# *Ftit tal-Istorja Medika: Il-Marda tal-Poljo f'Għawdex*



*kitba ta'* **Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD**

Marda li kienet tbeżża' ħafna lill-ġenituri fis-seklu l-ieħor kienet il-poljo. Din l-infezzjoni hija iktar komuni fix-xhur sħan tas-sajf. Ħafna minn dawk li kienu jinħakmu minnha kienu jirkupraw malajr għax kien ikollhom biss paraliżi temporanja. Iżda numru minn dawn kienu jsofru minn paraliżi permanenti u saħansitra l-mewt. Diversi persuni anke f'Għawdex baqgħu b'diżabbiltà għal ħajjithom. Huma tifkira tal-piż kbir li din il-marda ħalliet fuq is-soċjeta` u fuq il-ħajja ta' ħafna żgħażagħ.

"Poljo" huwa l-isem komuni għal *poljomelite*, li ġej mill-kelma Griega li tfisser il-mudullun tal-korda spinali. *Poljomelite*, imqassra, saret poljo. Għal żmien, poljo kienet tissejjaħ paraliżi infantili, għalkemm din il-marda ma taffettwax biss it-tfal.



Il-poljo hija kkawżata minn wieħed mit-tliet tipi ta' virus, li huma membri tal-ġeneru *enterovirus* li jaffettwa s-sistema nervuża ċentrali. F'madwar 95% tal-każijiet, il-persuna ma jkollhiex sintomi fil-livelli kollha. Dawn huma magħrufa bħala każijiet mingħajr sintomi. Il-bqija tal-każijiet tal-poljo jistgħu jinqasmu fi tliet tipi: poljo abortiv, poljo mhux paralitiku, u poljo paralitiku. Il-fażi akuta ta' kull tip normalment iddum madwar ġimgħa u dan huwa l-iktar żmien kritiku għall-pazjent għax ikollu ħafna sintomi inkluż deni qawwi u anke eċċezzjonijiet.[1] Għalhekk għall-bidu tal-marda seta' kien hemm id-dubju dwar id-dianjosi għax setgħu jaħsbu li kellu meninġiti.

[1] T. Agius, A.E. Bartolo, C. Coleiro, and H.J. Seddon: *Clinical Features of the Poliomyelitis Epidemic in Malta, 1942-43.* British Medical Journal, 1945, p. 759.

Il-poljo abortiv hija marda ħafifa fejn dak li jkun ikollu sintomi bħal deni, għeja, uġigħ ta' ras, uġigħ fil-griżmejn, dardir, u dijarea. Dawn is-sintomi jdumu għal ftit jiem u kollox jisparixxi malajr.

Fil-każ ta' poljo mhux paralitiku, f'dawn il-każijiet tipikament jinvolvu s-sintomi tal-poljo abortiv, iżda jkollhom ukoll xi sintomi newroloġiċi, bħal sensittività għad-dawl u ebusija fl-għonq.

Fil-każ ta' poljo paralitiku, il-pazjent wara perjodu inizjali ta' sintomi bħal dawk li semmejna, jkollu ukoll sintomi newroloġiċi. Ikollhom nuqqas ta' riflessi superfiċjali u uġigħ fil-muskoli jew spażmi. Il-paraliżi, normalment ma tkunx l-istess fuq iż-żewġ naħat tal-ġisem u bejn 1% sa 2% tan-nies bil-poljo jibqgħu paralizzati. F'ħafna każijiet oħrajn, il-pazjent jirkupra kompletament. Madankollu, għal ċertu numru ta' nies, il-paraliżi jew dgħufija fil-muskoli jibqa' għal ħajjithom.

Il-poljo hija marda ferm infettiva li tinfirex permezz ta' kuntatt bejn in-nies, mill-imnieħer u l-ħmieġ orali, u mill-kuntatt ma' ilma kkontaminat. Il-poljo jidħol fil-ġisem permezz tal-ħalq u jgħaddi fis-sistema diġestiva, fejn il-virus jimmultiplika.



Sfortunatament, għall-poljo m'hemm l-ebda kura anke llum. Għalhekk il-prevenzjoni hija l-aktar mezz effettiv biex tiġi miġġielda. Ċerti mediċini u terapiji jistgħu joffru kura ta' appoġġ għall-pazjenti kontra xi wħud mill-effetti ta' involviment tal-muskoli. Pazjenti li jgħaddu għall-paraliżi tal-muskoli involuti fin-nifs jirċievu nifs artifiċjali permezz ta' magni għal dak il-perjodu sakemm il-muskoli jirkupraw.

F'każijiet serji ta' poljo, il-pulmuni ma' jirkuprawx u sa 30 fil-mija minnhom kienu jmutu. F'Malta kienu mietu 15-il persuna kawża tal-poljo kollha fil-fażi akuta tal-marda, 14 minnhom minħabba paraliżi fil-muskoli tal-pulmini u l-persuna l-oħra minħabba eċċezzjoni.[2] Minħabba tilqim effettiv kontra din il-marda il-poljo kienet eliminata mid-dinja tal-Punent fl-1994. Illum għadek issibu f'xi ftit pajjiżi bħal l-Afganistan, l-Indja, in-Niġerja, u l-Pakistan. F'Malta t-tilqim kontra l-poljo daħal f'Novembru tal-1956.[3] Sal-1959 kienu tlaqqmu 34,000 fil-gżejjer Maltin u fl-1961 bdew jużaw vaċċin ġdid[4] li kien iktar effettiv.

Aħna nafu li l-*poljomelite* ilha teżisti għal eluf ta' snin. Fl-Eġittu nstab tinqix fuq ġebel qadim ta' madwar 1500 QK. Dan it-tinqix juri żgħażagħ b'riġel deformat u mixrub. Din l-istampa hija karatteristika tal-poljo u ma għandha prattikament l-ebda kawża oħra possibbli. L-isem qadim għall-marda, paraliżi infantili, ifakkarna meta kienet primarjament marda tat-trabi u t-tfal żgħar ħafna u l-eżitu tagħha kien paraliżi tal-muskoli affettwati. L-istampa tat-tifel bil-poljo kienet immortalizzata mill-kittieb klassiku Ingliż Charles Dickens, permezz tal-karattru tat-tifel Tiny Tim, fir-rumanz *A Christmas Carol.*




Fl-antik kien ikun hemm epidemiji ta' din il-marda minħabba nuqqas ta' ndafa. Meta l-indafa bdiet titjieb fil-pajjiżi sinjuri tal-Ewropa u l-Amerika, u wara r-riformi sanitarji tas-sekli dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin, il-marda bdiet tonqos. Imma dawn l-epidemiji kellhom effetti drammatiċi fuq il-ħajja tal-familja u s-soċjetà fi żmien meta l-mortalità tat-trabi kienet kbira, għalkemm wieħed irid jgħid li l-epidemiji kienu fil-fatt numerikament żgħar meta mqabbla mal-epidemiji kbar tal-kolera, tat-tifu, u tal-ġidri fis-seklu dsatax. F'Malta u Għawdex ftit kien hawn każijiet ta' poljo qabel l-1942 meta kien hemm l-ewwel epidemija tal-poljo.[5] Il-marda tal-poljo kienet waħda li taqa' taħt il-liġi tal-ħarsien mill-mard li jittieħed, Kap 36 tal-1908, u għalhekk kull tabib kellu l-obbligu li jirrapporta kull każ li jkollu taħt il-kura tiegħu ta' din il-marda. Dan beda jseħħ fl-1921.[6] L-ikbar epidemija seħħet bejn Novembru 1942 u Ġunju 1943.[7] B'kollox f'dan il-perjodu kienu rrappurtati 436 il-każ.[8] Imbagħad, kien hemm oħra fl-1950. F'Għawdex tal-1942 bdiet fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru u damet sejra sa Frar tas-sena ta' wara. Fl-1950 infirxet lejn l-aħħar ta' Awwissu u damet sejra sal-aħħar ta' Diċembru tal-istess sena. L-aħħar każ ta' poljo f'Malta kien rappurtat fl-1964.[9] F'Għawdex bejn l-4 ta' Diċembru 1942 u d-29 ta' Diċembru 1962 kienu rrappurtati mitt każ. L-ikbar numru ta' każijiet kienu fl-1942, b'35 każ. F'1943 kien hemm ħames każijiet biss u fl-1945 ma kien hemm l-ebda każ. Iżda fl-1946 u l-1947 kien hemm 8 każijiet kull darba. Fl-1948 kien irrappurtat każ wieħed, iżda fl-1950 il-marda donnha reġgħet tfaċċat għax f'dik is-sena kienu rrappurtati 21 każ u baqa' jkun hemm irrappurtati minn każ sa tlieta kull sena sal-1962. Il-marda kienet mifruxa m'Għawdex kollu, iżda l-ikbar numru ta' każijiet kienu fir-Rabat (18), Nadur (15) u Għajnsielem (11). Lanqas numru ta' każijiet kien f'Sannat (2) u l-Munxar (2). L-età kienet tvarja minn trabi ta' ħames xhur sa tfal ta' 14-il sena, imma l-maġġoranza kollha kienu tfal żgħar taħt il-ħames snin.[10] L-iktar żewġ ismijiet tat-tobba li ssibhom mniżżlin fir-reġistru kienu Dr. Alfred Cauchi fir-Rabat u Dr. Salvino Debono n-naħa tan-Nadur, Għajnsielem u l-Qala.[11]

Ħadd ma jaf kif din il-marda daħlet fil-gżejjer Maltin. Kien hawn min kien jaħseb li daħħluha s-suldati Ingliżi li kien hawn fi żmien il-gwerra. Dan għax f'Malta fl-istess perjodu kien hemm 57 persuni tas-Servizzi li kellhom il-marda.[12] F'Għawdex talanqas ma tantx kien hawn suldati morda b'din il-marda għajr ċertu wieħed Peter Mather AC 2 RAF ta' 22 sena li kien irrappurtat bħala każ mhux konfermat fis-16 ta' Ottubru 1950 minn Dr Alfred Cauchi. Biss wieħed irid jiftakar li l-gwerra kienet ġabet ħafna faqar, nuqqas ta' ikel u indafa, u taħlit tan-nies fix-xeltrijiet.

B'xorti tajba, skont ir-reġistru tal-mard li jittieħed, ħadd minn dawk milquta ma' miet kawża tal-marda fil-fażi akuta tagħha. Dan kien dovut għall-koperazzjoni kbira li kien hemm bejn iċ-ċivil u s-servizz mediku. Biss il-marda ħalliet ħafna żgħażagħ paralizzati. Minħabba f'hekk id-Dipartiment tas-Saħħa kien talab l-għajnuna tal-Professur H. J. Seddon,[13] li kien il-professur tal-ortopedija f'Nuffield Oxford, l-Ingilterra, u li kien ġie Malta biex jgħin fit-twaqqif ta' dipartiment tal-ortopedija. Ta' min igħid li din il-koperazzjoni bejn id-dipartiment tas-saħħa u Nuffield għadha teżisti sal-ġurnata tal-lum. Darbtejn f'sena għadu jiġi professur tal-ortopedija biex jara pazjenti li jkollhom bżonn trattament speċjalizzat f'Nuffield. Anke numru ta'

---

2 *Ibid p.761.*

3 Savona Ventura C: *Contemporary Medicine in Malta* PEG Ltd 2005. p. 73.

4 Ibid, p.74.

5 Cassar P: *Medical History of Malta.* Wellcome Historical Medical Library, London 1964. p.264.

6 Ibid p. 262.

7 T. Agius, A.E. Bartolo, C. Coleiro, and H.J. Seddon: *Clinical Features of the Poliomyelitis Epidemic in Malta, 1942 -43.* British Medical Journal, 1945, p. 759.

8 *Ibid* p.759.

9 Savona Ventura C: *Contemporary Medicine in Malta.* PEG Ltd 2005. p. 73.

10 Ibid.

11 Ibid

12 T. Agius, A.E. Bartolo, C. Coleiro, and H.J. Seddon: *Clinical Features of the Poliomyelitis Epidemic in Malta, 1942 -43.* British Medical Journal, 1945, p. 759.

13 Cassar P: *Medical History of Malta.* Wellcome Historical Medical Library, London 1964. p.263.



tobba Maltin imorru Oxford biex ikomplu jispeċjalizzaw fil-qasam tal-ortopedija. Biex in-nies ikollhom iktar kumdita`, minħabba nuqqas ta' mobbiltà li ġġib il-marda, infetħu diversi kliniċi għal dawk maħkuma mill-poljo, madwar Malta u Għawdex. Kienu wkoll impjegati żewġ fiżjoterapisti Ingliżi peress li dak iż-żmien ma kien hawn ħadd f'Malta speċjalizzat f'dan ix-xogħol. Konsegwenza tal-marda u l-effetti tagħha nħoloq id-dipartiment tal-fiżjoterapija, b'erba' fiżjoterapisti Ingliżi, wara li l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar Ingliża u l-Organizzazzjoni tal-Gwerra tal-Ordni ta' San Ġwann kienu pprovdew apparat apposta biex isiru messaġġi u kura lit-tfal milquta mill-marda. Kienu ukoll intbagħtu l-Ingilterra biex jitħarrġu ta' fiżjoterapisti, numru ta' *nurses* nisa.[14]

Minn dan l-istudju qasir rajna li l-mediċina f'Malta dejjem kienet aġġornata u żżomm mal-avanzi li kienu jseħħu barra minn Malta. Għalhekk mill-ewwel beda jintuża t-tilqim, tant li sa l-1964 il-marda kienet spiċċat minn pajjiżna u llum hija storja medika għalina. Rajna wkoll kif il-preżenza ta' marda partikulari wasslet biex jinħoloq id-dipartiment tal-ortopedija. L-ewwel professur tal-ortopedija kien Alfred J. Craig, li għalih kien oriġinarjament imsemmi l-iSptar Ġenerali t'Għawdex. Wara kien ukoll organizzat id-dipartiment tal-fiżjoterapija fl-Isptar Ċentrali fejn illum hemm l-Istitut Ta' Buġeja.[15] Dan kien pass importanti għax dawn il-fiżjoterapisti li tħarrġu minn esperti Ingliżi kienu ta' għajnuna kbira għal dawk il-pazjenti li kellhom problemi fil-muskoli minħabba l-poljo kif ukoll għall-pazjenti oħrajn għax illum nafu kemm il-fiżjoterapija hija importanti fil-kura u r-riabilitazzjoni minn ħafna mard. Fil-każ tal-pazjenti milquta mill-poljo l-kura tagħhom kienet waħda fit-tul u trid ħafna paċenzja kemm mill-fiżjoterapista kif ukoll mill-pazjenti.

Dan li għidna huwa dak li kien dokumentat u għalhekk inkwantu ta' storja jibqa' mniżżel għal dejjem. Imma l-esperjenza ta' min marad bil-poljo f'Għawdex kienet ferm differenti. Irid jingħad l-ewwelnett li l-poljo kienet marda pjuttost ġdida għal Malta u t-tobba u professuri ta' dak iż-żmien ftit kienu jafu dwarha. Barra minnhekk ma' kienx hawn kura għaliha u minkejja li, kif għidna, bdew jintbatu l-fiżjoterapisti mill-Ingilterra, dawn kienu ftit wisq għal numru ta' pazjenti li kien hawn. Għalhekk ħafna pazjenti li jiena personalment tkellimt magħhom qaluli li kważi l-pazjenti kollha t'Għawdex kienu ttieħdu l-Isptar St Luke's f'Malta, li kien għadu qed jinbena. Wara huma ttieħdu l-Palazz ta' Verdala li kien wieħed mir-residenzi tal-Gvernatur Sir Edmund Schreiber u li wara serva temporanjament bħala l-isptar ortopediku għall-pazjenti morda bil-poljo.[16] Huma kienu damu Malta għal numru ta' snin, imma sfortunatament, ftit kienet tingħatalhom kura. Skont xi pazjenti li jien kellimt u li jiftakru minn dak li għaddew minnu, jgħidulek li kienu mitfugħa f'qiegħ ta' sodda u ma tantx kienu jingħataw fiżjoterapija jew kura oħra. Sa naf tfal li l-ġenituri tagħhom iddejqu b'din is-sitwazzjoni u qabdu u ġabu lil uliedhom id-dar biex jieħdu ħsiebhom huma. Kien hemm xi wħud minn dawn li kienu jmorru għand Frenċ tal-Għarb li kien itihom parir kif jagħmlulhom il-massaġġi huma stess. Sfortunatament, aħna l-Għawdxin, dejjem konna fi żvantaġġ imqabbla mal-Maltin fejn jidħlu servizzi tas-saħħa.

[14] Savona Ventura C: *Contemporary Medicine in Malta*. PEG Ltd p. 482.

[15] T. Agius, A.E. Bartolo, C. Coleiro, and H.J. Seddon: *Clinical Features of the Poliomyelitis Epidemic in Malta, 1942 -43*. British Medical Journal, 1945, p. 762.

[16] Cassar P: *Medical History of Malta*. Wellcome Historical Medical Library, London 1964. p.263.



*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Xewkija Tigers jirbħu kollox f'dan l-istaġun*

***Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni***

*Xewkija Tigers* immexxija mill-President ħabrieki Jeffrey Farrugia, flimkien mal-kowċ Simon Cassar irnexxielhom jirbħu kull unur li kkompetew għalih f'dan l-istaġun meta minbarra li spiċċaw *champions*, huma rebħu wkoll il-Bov GFA Cup, is-*Super Cup* u t-Tazzi Indipendenza u Jum il-Ħelsien. B'hekk huma rnexxielhom jirbħu kull unur li kkompetew għalih f'dan l-istaġun fejn inkurunaw bil-kbir staġun mill-iktar memorabbli għalihom. B'hekk huma wkoll, kif fil-fatt anke kienu għamlu fl-istaġun 1983-84, meta dakinhar kienu rebħu tliet tazzi, niżżlu isimhom ma' timijiet oħra fl-istorja tal-futbol Għawdxi meta kaxkru kollox fi staġun wieħed. Sa mill-bidu tal-Kampjonat Melita tal-Ewwel Diviżjoni, huma wrew li ser ikunu minn ta' quddiem fejn prattikamnet dejjem okkupaw l-ewwel postijiet ta' dan it-62 Kampjonat, biex finalment spiċċaw bi 43 punt, wieħed iktar minn *Nadur Youngsters* fejn fl-aħħar partita kontra l-istess Nadurin huma ħadu l-punt li kellhom bżonn quddiem l-ikbar folla li qatt ra l-*Gozo Stadium* għal logħba futbol.



*ritratt ta' Chris Camilleri*

***BOV GFA Cup Finali***

Ix-Xewkin b'gowl deċiżiv fl-14-il minuta tat-tieni taqsima skurjat minn John Camilleri wara pass intelliġenti ta' Elton Vella, rebħu d-39 edizzjoni ta' GFA Cup. Kienet logħba mill-iktar kumbattuta fejn f'*Xagħra United* sabu avversarji determinati fejn minkejja li dawn tal-aħħar spiċċaw jilagħbu b'żewġ plajers inqas, ir-riżultat baqa' inċert sal-aħħar. Għal Xewkija dan kien ir-raba' unur staġjonali bil-GFA Cup tirritorna għandhom wara nuqqas ta' sitt staġuni. Għalihom ukoll dan kien it-tmien suċċess f'dan it-tieni l-ikbar unur li joffri l-futbol Għawdxi. Kienet finalment l-esperjenza li għamlet id-differenza bejn iż-żewġ naħat.

***Super Cup Finali***

*Xewkija Tigers* b'rebħa oħra kontra *Xagħra United* fil-finali tas-*Super Cup*, kisbu l-ħames suċċess tagħhom staġjonali. Din il-finali li niżżlet is-separju ta' dan l-istaġun kalċistiku Għawdxi, rat lil Xewkija jiksbu rebħa konvinċenti u fuq kollox meritata. Kienu huma li kellhom l-inizjattiva għal diversi ħinijiet, kif ukoll li ħolqu l-iktar ċansijiet ta' skor. Huma skurjaw il-gowls tagħhom minn penalti ta' Chris Camilleri wara fawl fuq Rodney Buttigieg. Fit-tieni taqsima huma rduppjaw permezz ta' John Camilleri fl-14-il minuta u Rodney Buttigieg issiġilla r-rebħa fit-33 minuta.

***Tazza Indipendenza***

It-*Tigers* b'żewġ gowls fl-ewwel taqsima skurjati mill-attakkant John Camilleri, rnexxielhom jirbħu l-ewwel unur staġjonali għat-timijiet tal-ewwel diviżjoni. Dan is-suċċess tagħhom li wasal wara għaxar snin f'din il-kompetizzjoni, jikkonferma li huma ser ikunu fost il-favoriti għal iktar unuri f'dan l-istaġun. Ir-rebħa tagħhom f'din il-31 edizzjoni tat-Tazza Indipendenza, kienet meritata għall-fatt li huma kienu aħjar mill-avversarji għal ħafna ħinijiet tal-partita fejn b'iktar attenzjoni mill-attakkanti tagħhom, huma setgħu jserrħu rashom mill-ksib ta' dan l-unur qabel it-tisfira finali. *Victoria Hotspurs* minn naħa tagħhom f'din ir-raba' finali konsekuttiva, soffrew mill-aggressività tat-*Tigers* bir-rimonta tagħhom tasal tard fil-partita b'gowl ta' Ryan Grech fejn ir-Rabtin kienu fetħu tamiet ġodda li jistgħu jisfurzaw il-ħin barrani.

***Tazza Jum il-Ħelsien***

*Xewkija Tigers* grazzi għall-gowls fit-tieni taqsima rnexxielhom jirbħu l-għoxrin edizzjoni tat-Tazza Jum il-Ħelsien meta huma għelbu lil *Nadur Youngsters* bl-iskor ta' 4-2. Għalihom dan kien it-tieni unur staġjonali wara li iktar qabel kienu rebħu t-Tazza Indipendenza. Kienet finali mill-iktar interessanti, movimentata u fuq kollox eċċitanti li bla dubju ssodisfat lill-pubbliku ferm numeruż li attenda l-*Gozo Stadium*. Partita li kienet issiġillata wkoll bi tliet gowls mill-isbaħ, dawk ta' Claudio Antunes, Rodney Buttigieg u Chris Camilleri. Għalihom skurjaw Rodney Buttigieg fit-8 minuta, bi Claudio Antunes fl-24 minuta jikseb id-*draw* għal Nadur. Fit-13-il minuta tat-tieni taqsima l-*Youngsters* marru fil-vantaġġ permezz ta' Jeffrey Meilaq wara frikik ta' Alex Simoncic. Iżda fl-20 minuta Rodney Buttigieg b'rovexjata stupenda kiseb id-*draw*. Xewkija ħadu ħames minuti biex reġgħu marru minn fuq b'gowl li vvinta Chris Camilleri b'azzjoni personali u fl-34 minuta ssiġillaw ir-rebħa minn Mark Camilleri.

*Versi ta'* **ANTON F. ATTARD**

**Inħawi fil-Belt Victoria**

# 5. PJAZZA KATIDRAL







*Għalkemm hawn, iċ-Ċittadella,*
*Post antik, qadim tassew,*
*Din il-pjazza hi waħda ġdida*
*Mhux imbilli qiegħda hawn ġew!*

*Kienet saret l-ewwel darba*
*Lejlet is-seklu għoxrin,*
*Meta l-Isqof Pietru Pace*
*Kien ir-r'għaj tagħna l-Għawdxin.*

*Sura ġdida reġgħu tawha,*
*L-annu kien sitta u ħamsin,*
*Magħhom elf u disa' mija,*
*Kos, kif igħaddu jiġru s-snin!*

*Sar ukoll bieb ġdid biex tgħaddi,*
*Tal-Għawdxin l-akbar Patruna,*
*Dik l-istatwa tal-Assunta,*
*Bl-akbar għożża hawn fuq miżmuma.*

*Għax hawnhekk hawn l-ogħla tempju,*
*Tal-Assunta l-Katidral,*
*Maqdes dan miżjur mill-Papa,*
*U minn kemm-il kardinal.*

*Hawn il-Qorti u bini ieħor,*
*Ħabs antik, arloġġ qadim,*
*U f'Awwissu hawn tiffolla*
*Tiġi n-nies l-Assunta tqim.*





# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## DAWRA MAL-KOSTA GĦAWDXIJA (3)






LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# "Xhieda Awtentiċi tal-Fidi"




- *"Jeħtieġ li niskopru mill-ġdid l-istorja tal-fidi tagħna li tixħet dawl fuq il-kontribut kbir li taw bosta rġiel u nisa lit-trawwim u l-iżvilupp tal-komunità permezz tax-xhieda ta' ħajjithom..."*

  *– Papa Benedittu XVI* (Porta Fidei, *par.13)*

- ***"Il-qaddisin u l-beati huma xhieda awtentiċi tal-fidi. Hu għalhekk opportun li l-Konferenzi Episkopali jaħdmu biex jitqassam iktar tagħrif fuq il-qaddisin..."***

  *– Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi (Nota Pastorali, 6 ta' Jannar 2012)*

- ***"Nawgura li min jaqra dan il-ktieb ikun Vanġelu ħaj kif kienu l-qaddisin."***

  *– Mons. Isqof Mario Grech (fil-Preżentazzjoni)*

## Ktieb ġdid tal-Kan. Dun Piet Sammut

- Tagħrif fil-qosor dwar il-Qaddis/a ta' kull ġurnata u l-Festi Sollenni ta' matul is-Sena Liturġika
- Tajjeb biex jinqara fil-knisja qabel il-quddiesa ta' kuljum fit-tifkira tal-Qaddis/a tal-ġurnata
- Aktar minn 370 paġna ta' tagħrif u tagħlim siewi għall-kbar u għaż-żgħar, ankè fid-dar
- **Rigal sabiħ għalik jew għal ħbiebek li jitgawda kuljum matul is-sena kollha. Fih ukoll stampi tal-Qaddisin prinċipali ta' kull xahar.**
- **Ktieb ġdid rakkomandat minn Mons. Mario Grech, Isqof t' Għawdex**
- **Jinbiegħ €10 il-kopja. Skont speċjali ta' 20% għal min jixtri 10 kopji jew aktar f'daqqa, mil-**

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP, VICTORIA Tel: 2156 0496**